# Il-Proġett ta' Alla f'ħajti



# IL-PROĠETT TA' ALLA F'ĦAJTI

## Test tar-Reliġjon għall-istudenti tal-ħames klassi fl-iskejjel sekondarji

KUMMISSJONI KATEKETIKA NAZZJONALI

**Nihil obstat**

7 ta' Lulju 1994
Mons. Joseph Lupi
Cens. Theol.

23 ta' Mejju 2002
Sac. Hector Scerri
Cens. Theol.

**Imprimatur**

10 ta' Lulju 1994
Mons. Annetto Depasquale
Vigarju Ġenerali

# WERREJ

Paġna

1 — 1 INT X'TISWA?

35 — 2 IL-ĦAJJA X'TISWA?

75 — 3 LEJN ID-DINJA TAX-XOGĦOL

103 — 4 FIT-TRIQ TA' L-IMĦABBA

131 — 5 BIT-TAMA LEJN IL-FUTUR

151 — appendiċi IL-ĦIN LIBERU

Il-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali tixtieq tirringrazzja lil dawk l-Għalliema, Professuri ta' l-Università u Operaturi Kateketiċi li taw il-pariri siewja tagħhom fil-konsultazzjonijiet li saru. Tixtieq tirringrazzja wkoll lil Dr. Emmanuel Mifsud għall-ortografija u lill-Kapitlu tal-Katidral ta' Malta, lid-Direttur tal-Mużew ta' l-Arti, lid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, lill-Media Centre, lill-Elle di Ci u lir-rivista Fetes et Saisons għar-riproduzzjoni ta' xi ritratti.

| | |
|---|---|
| Kitba tat-test u layout tal-ktieb: | *Dun George Deguara* |
| Ritratti: | *Mr. Stanley Spiteri* |
| Graphics: | *Fr. Emmanuel Bonello O.S.A.* |
| Issettjat u Stampat: | *Veritas Press, Zabbar* |

Edizzjoni Ġdida – Mejju 2003



# INT X'TISWA?

1

## Objettiv Ġenerali

Il-proġett ta' Alla
għal żvilupp sħiħ
irid jidħol fil-ħajja personali
ta' kull wieħed
u waħda minna.

Issa li qed nikbru
qegħdin niskopru li
aħna għandna
dinjità ta' bnedmin
li tgħallmu jaħsbu b'rashom
u jiddeċiedu waħedhom,
dinjità li trid tkun magħrufa
u rispettata minn ħaddieħor.

Fil-proġett tiegħu għalina,
Alla jrid jidħol
fil-qalba ta' ħajjitna
biex joffrilna
l-ogħla dinjità u
l-ogħla stima
li qatt nistgħu noħolmu
li jkollna.
Ma' din id-dinjità u
stima tagħna nfusna,
huwa jrid joffrilna wkoll
l-akbar ġid
li qatt nistgħu niksbu.

Fiex tikkonsisti d-dinjità
li Alla pproġetta għalina?

X'inhi din l-istima
li Alla jrid joffrilna?

Din l-istima
kif għandna nilqgħuha
u ngħixuha?

## Objettivi Partikulari

*L-objettiv ġenerali tkun tista' tilħqu jekk tfittex li tilħaq dawn l-iskopijiet partikulari. Trid issir kapaċi li:*

- Turi kemm hu importanti għalina li jkollna stima tajba tagħna nfusna u li din tkun magħrufa u rispettata mill-oħrajn.
- Tispjega l-kobor tad-dinjità u ta' l-istima li tagħtina l-magħmudija u li tkabbrilna l-griżma
- Turi kif f'Ġesù nilħqu l-ogħla stima u l-ogħla suċċess.
- Tispjega kif din id-dinjità rridu nilqgħuha u ngħixuha fl-atteġġjamenti u fid-deċiżjonijiet li nieħdu fil-ħajja ta' kuljum.
- Turi kif Marija hi l-mudell l-aktar perfett ta' kif għandha tkun it-tweġiba tagħna lejn Alla.

## Tqassim tas-Suġġetti

*F'dan il-Unit is-suġġetti huma ppreżentati f'din l-ordni*

❑ Aħna u l-istima tagħna nfusna l-aktar f'dan il-perijodu ta' ħajjitna. ❑ Fil-magħmudija l-Ispirtu ta' Alla jagħtina d-dinjità ta' wlied Alla, ta' aħwa ta' Kristu, ta' tempji ta' l-Ispirtu s-Santu u jagħmila werrieta ta' Alla. ❑ Fil-griżma l-Ispirtu ta' Alla jkabbar u jsaħħaħ din d-dinjità. ❑ Ġesù bħala l-ogħla suċċess veru u l-ogħla dinjità li qatt jista' jilħaq il-bniedem. ❑ B'liema atteġġjamenti u liema stil ta' ħajja wieħed jgħix din id-dinjità. ❑ Naraw f'Marija l-ogħla mudell ta' kif għandha tkun it-tweġiba ta' min jagħraf l-istima li jagħtina Alla.




*Nagħmlu analiżi ta' każ konkret. Nagħżlu l-każ skond jekk aħniex studenti subjien jew aħniex studenti bniet. Wara li naraw il-każ, naqsmu bejnietna x'naħsbu dwaru.*

## Għall-istudenti subjien

Robert kellu xenata sħiħa ma' missieru. Missieru jgħajjat min-naħa, u Robert jitmasħan mill-oħra. Għall-ewwel omm Robert ma setgħet taqbad xejn; iżda mbagħad bdiet tinduna li l-kwistjoni kollha kienet li Robert ma riedx imur aktar privat għand is-Sur Muscat. Min-naħa l-waħda, missieru beda jargumenta li issa li wasal l-*O level*, Robert kellu bżonn tal-privat fil-*mathematics*, u li għall-*mathematics* aħjar mis-Sur Muscat ma kienx hemm. Min-naħa l-oħra Robert beda jsostni li għand is-Sur Muscat ma kien qed jitgħallem xejn ġdid u kien qiegħed biss jaħli l-ħin. Id-diskussjoni baqgħet sejra mhux ħażin, sakemm missier Robert heddu li ma jagħtihx iżjed *pocket-money*, libes il-ġlekk u telaq 'il barra.

Robert baqa' eċċitat ħafna u, meta ommu resqet lejh u ħabtet sa tgħidlu li missieru kellu raġun, għall-ewwel kien se jerġa' jaqbad jgħajjat, iżda mbagħad infaqa' jibki bħal tarbija. Ommu baqgħet tħares lejh iċċassata, iżda ma damitx wisq ma ndunat li r-raġuni vera għaliex Robert ma riedx imur privat għand is-Sur Muscat ma kenitx dik li kien qal lil missieru. Bidlet għalhekk it-ton ta' kliemha u, bil-mod il-mod, bdiet tiskopri x'kienet il-vera raġuni.

Milli jidher, is-Sur Muscat ma kienx ħa grazzja ma' Robert. Għall-iċken żball kien jgħajjat miegħu u jiksru kif ġie ġie. Darba minnhom wasal biex ikkummentalu li għalkemm kellu widnejh kbar, xorta waħda ma kienx jisma' tajjeb. Robert ma setax jaċċetta li s-Sur Muscat jittrattah b'dan il-mod, l-aktar għax fost sħabu l-istudenti kien hemm ukoll xi tfajliet.



## diskussjoni fi gruppi

i. Fil-fehma tiegħek, Robert kellu raġun li ma riedx jibqa' jmur għall-privat għand is-Sur Muscat? Għaliex?

ii. Tista' ssemmi xi okkażjonijiet oħra li fihom żgħażagħ bħalek jieħdu għalihom ħafna?

iii. Proprjament, min jiksrek quddiem l-oħrajn, fiex ikun qiegħed iweġġgħek? Fl-aħħar mill-aħħar, x'inhi r-raġuni li għaliha wieħed jieħu għalih?

iv. Tara xi rabta bejn min jgħir jew min jiftaħar u min jaħseb li mhux stmat biżżejjed minn ħaddieħor?

v. Kemm taħseb li hu importanti li nkunu stmati mill-oħrajn?



## INT X'TISWA?

### Għall-istudenti bniet

*Miriam:* : Ma kontx nobsor għaliha 'l Mariella!

*Rita* : Jaqaw? X'għamlitlek?

*Miriam* : Ma tafx x'għamlitli? Ġellditni ma' Michael.

*Rita* : Ġelliditek ma' Michael? Ġellditek kif?

*Miriam* : Marret tgħidlu li ratni ma' ħaddieħor: biċċa ta' giddieba li hi! Veru li l-aħħar darba għedtilha kelma iebsa fuq ommha, imma b'daqshekk ma kellhiex tagħmilli hekk.

*Rita* : Ikolli ngħid, għamlitlek hekk mhux għax ħadet għaliha b'dik il-kelma li għedtilha.

*Miriam* : Mela għaliex?

*Rita* : Għax tgħir. Ma ndunajtx li donnu ħadd ma jrid joħroġ magħha? U, bejnietna, oħtha qaltli li qabel ma Michael beda joħroġ miegħek, tgħidx kemm-il darba ppruvat tagħtih x'jifhem biex jitlobha toħroġ miegħu. Naħseb li għajjura ħafna. Ma tridx taċċetta li ħaddieħor ikollu ma' min joħroġ, u hi ma jkollhiex.



### diskussjoni fi gruppi

i. X'taħseb li ppruvat tieħu Mariella meta ġelldet lil Michael ma' Miriam?

ii. Fl-aħħar mill-aħħar, xi tkun ir-raġuni: (a) għaliex waħda tgħir għal ħaddieħor? (b) għaliex waħda toqgħod tiftaħar jew tigdeb fuq dak li taparsi għandha jew li taparsi għamlet?

iii. Jista' jkun hemm diversi raġunijiet għaliex it-tfajliet jieħdu għalihom ħafna. Semmi tliet okkażjonijiet meta jista' jiġri dan. Fl-aħħar mill-aħħar, għaliex tfajla tieħu għaliha?

iv. Kemm taħseb li hu importanti għalina li nkunu stmati mill-oħrajn?

## 1 Il-ħtieġa li jkollna stima tagħna nfusna

Biex nistgħu nikbru u niżviluppaw b'mod normali, sa miċ-ċokon għandna bżonn mhux biss l-ikel u x-xorb, iżda wkoll li jkollna stima tagħna nfusna. Min jaħseb li ma jiswa għal xejn ma jistax ikun kuntent bih innifsu, ma jistax isib sens għal ħajtu, ma jistax ikollu l-kuraġġ jegħleb it-tfixkil li jiltaqa' miegħu, ma jistax isib is-saħħa meħtieġa biex jiżviluppa t-talenti li jista' jkollu. Flok jimxi 'l quddiem u jkun kreattiv, jispiċċa biex jingħalaq fid-dwejjaq tiegħu u jgħix bil-maqlub ta' dak li suppost ikun: is-sens ta' stima tagħna nfusna, (*self-esteem*), huwa meħtieġ daqs il-ħobż, jekk mhux aktar ukoll!

## 2 Il-ħtieġa li ħaddieħor jistmana

- Is-sens ta' stima tagħna nfusna ma niksbuhx jekk mhux bis-saħħa ta' ħaddieħor. Aħna nagħrfu s-siwi tagħna għax ħaddieħor jagħrfu qabilna, u b'imġibtu jurina li qiegħed jagħrfu. Jekk tarbija ma ssibx lill-ġenituri jew lil xi ħadd li jilqagħha u jħobbha għaliha nnifisha u jekk waqt li qed tikber sħabha jinjorawha u jaqtgħuha mill-grupp tagħhom, ikun b'diffikultà kbira li tista' tiżviluppa sens ta' stima tagħha nnifisha. Wieħed iħossu stmat meta jħossu maħbub, għax min iħobbok, ikun qiegħed jgħidlek bil-fatti li fik qiegħed jara valur, valur li ħaqqu l-attenzjoni u l-għajnuna tiegħu.



- Nagħrfu kemm hu importanti għalina, li ħaddieħor jistmana ta' bnedmin li aħna, mill-mod kemm nimpenjaw ruħna biex ikollna fama tajba jew biex, għallanqas, ma nidhrux agħar minn ħaddieħor.

  Xi wħud tant jesaġeraw din it-tendenza li f'kull okkażjoni li tiġihom joqogħdu **jiftaħru** b'rixhom u jsemmu dak li għandhom jew dak li għamlu.

Oħrajn ma jkollhomx "rix tagħhom" biex jiftaħru; allura jibdew jigdbu u jivvintaw li għandhom jew li għamlu ċerti affarijiet li jqanqlu l-ammirazzjoni ta' sħabhom.

Flok jigdbu u jivvintaw, oħrajn jaraw kif jagħmlu u **jissallbu,** basta jixtru dawk l-affarijiet ta' lussu li qed jixtri ħaddieħor, ukoll jekk flushom għandhom bżonnhom għal ħwejjeġ bil-wisq aktar importanti.

- Naraw l-importanza kbira li nagħtu lill-istima tagħna nfusna mill-mod kif inġibu ruħna meta xi ħadd imisshielna. Naraw li kull meta "nieħdu għalina", tfittex tfittex, ir-raġuni profonda tkun għaliex xi ħadd ikun xellef jew attakka d-dinjità tagħna. Dan jidher aktar ċar kull meta nħossu li xi ħadd "offendiena."

- It-tendenza li niddefendu jew inkabbru l-istima tagħna nfusna nsibuha wkoll taħt it-tendenza li **ngħiru**. Ngħiru għal xi ħadd għax inħossu li dak ix-xiħadd hu aħjar minna u għalhekk se jidher li "jiswa" aktar minna u, b'xi mod, se jnaqqas "is-siwi" tagħna.

  Hekk ukoll meta **nissuppervjaw**; nissuppervjaw għax ikollna stima esaġerata tagħna nfusna hekk li ma nkunux irridu nammettu li xi ħadd hu s-superjur tagħna, jew hu aħjar minna, jew għallanqas għandu dritt daqsna għall-opinjoni u għall-gosti tiegħu.

## 3 Niskopru l-istima tagħna nfusna

L-importanza li ħaddieħor jagħraf u jirrispetta d-dinjità tagħna, nibdew b'xi mod inħossuha u nuruha, sa minn mindu nkunu għadna żgħar. Jekk waqt li tikkoreġi tifel żgħir tgħajjat miegħu żżejjed, faċli tarah jiddispjaċih u jaqbad jibki. Din ir-reazzjoni fiż-żgħar tidher li hi awtomatika u istintiva; għadhom ma għarfux id-dinjità tagħhom b'mod rifless; għalhekk iħossuha għal dak il-waqt, iżda mbagħad jgħaddilhom malajr.



Iżda mat-tnax jew tlettax-il sena, jibda jseħħ żvilupp radikali fl-oqsma ewlenin tal-personalità tagħna. Mhux biss niżviluppaw fil-moħħ; niżviluppaw ukoll fis-sens morali u nibdew nagħrfu lilna nfusna bħala persuni indipendenti li għandhom moħħ biex jaħsbu u rieda ħielsa biex jiddeċiedu skond ma jaħsbu.

Nibdew niskopru lilna nfusna bħala persuni responsabbli ta' għemilhom. Fi kliem ieħor, nibdew niskopru d-dinjità tagħna bħala persuni liberi u responsabbli li għandhom dmirijiet u drittijiet li jeħtieġ li jkunu rispettati mill-oħrajn. Min jolqotna f'din id-dinjità, ikun qed jolqotna fl-aktar ħaġa importanti li għandna.



F'dan il-Unit irridu niffaċċjaw għadd ta' mistoqsijiet mill-aktar importanti:

- Aħna niswew jew ma niswewx?
- U jekk niswew, għaliex niswew? Fuqiex għandna nibnu l-istima tagħna nfusna li għandu jkollna? X'inhu li jgħinna u x'inhu li jfixkilna?
- Kif min-naħa l-waħda jista' jkollna stima tassew kbira tagħna nfusna u fl-istess ħin ma naqgħux fil-ftaħir, fl-għira jew fis-suppervja?

# fid-dawl tal-messaġġ

Dak li l-poplu kien ilu tant jistenna u jokrob għalih issa beda jseħħ. Ġesù bagħat l-Ispirtu s-Santu biex permezz tiegħu dak li huwa kiseb għalina bil-mewt u l-qawmien tiegħu issa jista' jitwassal fil-ħajja ta' dawk li jemmnu fih. Permezz ta' l-Ispirtu s-Santu, kull min jemmen issa beda jiltaqa' tabilħaqq ma' Ġesù Rxoxt u jissawwar fuq ix-xbieha tiegħu; il-bniedem beda jikseb l-ogħla stima li qatt jista' jkollu.

## 1 Id-dinjità li tagħtina l-magħmudija

Ġesù huwa l-milja u l-quċċata ta' dak kollu li l-bniedem qatt jista' jkun. Il-bniedem jilħaq l-iżvilupp sħiħ tiegħu u l-ogħla stima li qatt jista' jkollu daqskemm jissawwar fuq ix-xbieha ta' Kristu. Din ix-xbieha ta' Kristu, l-Ispirtu jsawwarha fina, l-ewwel u qabel kollox permezz tal-magħmudija. Il-magħmudija hija għalhekk, il-pedament ta' l-akbar stima li għandu jkollna tagħna nfusna. Naraw x'tagħmel fina l-magħmudija.



### i. Niksbu l-istima ta' wlied Alla

Sa minn meta bdejna nitgħallmu dwar il-magħmudija, tgħallimna li l-magħmudija hija bħal twelid ġdid. Fil-fatt huwa Ġesù nnifsu li jirreferi għall-magħmudija bħala twelid. Lil Nikodemu qallu: "Tassew, tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla" (*Ġw 3, 5*). Huwa twelid li ma jseħħx "mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla" (*Ġw 1, 13*).

Twelid ġdid ifisser ħajja ġdida. F'dan it-twelid, l-Ispirtu jagħtina ħajja ġdida li tagħmilna wlied Alla. Hekk jikteb San Pawl fl-ittra lir-Rumani: "Għax intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex terġgħu taqgħu fil-biża', imma rċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi, u li bih aħna ngħajtu: "Abba! Missier!" (*Rum 8 , 15*).

Ta' min jinnota li l-kelma "Abba" hija kelma Aramajka li tfisser "pa'", il-kelma li fl-intimità tad-dar it-tfal kienu jsejħu biha lil missierhom; hija l-kelma li biha Ġesù kien isejjaħ lil Alla l-Missier. Bil-magħmudija, għalhekk, in-nisrani jikseb il-privileġġ li jsejjaħ lil Alla bl-istess kelma li biha kien isejjaħlu Ġesù. Il-magħmudija tagħmilna **wlied fl-Iben**.



Huwa għal dan ir-raġuni li San Ġwann iħares lejn id-dinjità tan-nisrani bħala ħaġa li xejn ma jista' jitqabbel magħha: "Araw b'liema għożża ħabbna l-Missier; nistgħu nissejħu wlied Alla, u tassew aħna." San Ġwann ma jrid iħalli ebda dell ta' dubju: aħna mhux biss nissejħu wlied Alla; aħna wlied Alla tabilħaqq. Il-magħmudija tagħtina tassew xi ħaġa tal-għaġeb, tagħtina dik il-ħajja, (li tissejjaħ ukoll il-ħajja tal-grazzja), li tgħaqqadna ma' Alla bħala wliedu.

Niftakru li fl-istess waqt li tagħmilna wlied Alla, il-magħmudija tagħmilna aħwa ta' xulxin u ddaħħalna fil-familja ta' Alla li hi l-Knisja. Ilkoll nagħmlu sehem mill-istess ġisem: "Ġisem wieħed u ruħ waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda; Alla wieħed u Missier ta' kulħadd ...." (*Ef 4, 4-6*).

Nerġgħu nistaqsu: Aħna min aħna? Aħna x'niswew? Issa nistgħu nwieġbu wkoll: Aħna wlied Alla. Kull min hu mgħammed jista' jgħid:

**Jiena bin Alla! Jiena bint Alla! Jiena niswa daqskemm jiswa iben ta' Alla.**

## ii. Niksbu l-istima ta' aħwa ta' Ġesù

Mal-ħsieb tal-magħmudija, moħħna malajr jgħaqqad il-ħsieb ta' l-ilma. Imma għaliex Ġesù għażel l-ilma biex jibqa' jintuża fis-sagrament tal-magħmudija?

**Proġett**

### L-ilma fil-ħajja tal-bniedem

- Jistgħu jsiru dawn l-attivitajiet jew fi gruppi jew bħala individwi; dak li jinstab jinġieb fil-klassi.
- Gruppi ta' studenti jistgħu jaħdmu *posters* jew *charts* differenti dwar l-użu u t-tifsira ta' l-ilma.
- Oħrajn jistgħu jagħmlu riċerka dwar kif u għaliex jintuża l-ilma f'Reliġjonijiet oħra.
- Oħrajn jistgħu jfittxu kif kienet tingħata l-magħmudija fl-ewwel żminijiet tal-Knisja jew kif għadha tingħata fil-Knisja tar-rit Grieg.

L-ilma jaħsel u jnaddaf. Faċli għalhekk nifhmu li fil-magħmudija l-ilma jfisser li l-Ispirtu ta' Alla bħal jaħsel lil ruħna u jnaddafha mid-dnub tan-nisel. L-ilma, iżda, għandu wkoll tifsira oħra importanti ħafna: minn naħa waħda jgħarraq, jeqred u jġib il-mewt; min-naħa l-oħra jagħti u jżomm il-ħajja. Din it-tifsira ta' l-ilma tgħinna nifhmu aħjar x'tagħmel fina l-magħmudija; isseħibna f'mewt u sseħibna f'ħajja ġdida.

Skond il-ħsieb ta' San Pawl, dak li l-Ispirtu jagħmel fina fil-magħmudija huwa li jseħibna fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu, hekk li aħna mmutu għall-bniedem ilsir tal-ħażen u tad-dnub, biex nerġgħu nqumu mill-ġdid fuq ix-xbieha ta' Kristu Rxoxt.

> Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex, kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida
> (*Rum 6, 3-4*).



Battisteru f'għamla ta' qabar u mżejjen bil-mużajk bħala post prezzjuż. Huwa tal-5 seklu u jinsab fit-Tunesija.

Fil-qedem, il-battisteru li fih kienu jitgħammdu l-katekumeni, ġieli kien għamla ta' qabar, b'taraġ minn naħa, bl-ilma fin-nofs u taraġ min-naħa l-oħra. Hekk kienet tidher aktar it-tifsira tal-magħmudija: il-katekumenu kien jinżel fil-qabar, "bħal jindifen", biex bil-qawwa ta' l-Ispirtu jerġa' jitla' min-naħa l-oħra, "bħal jirxoxta" għal ħajja ġdida. Mhumiex mewt u qawmien ordinarji li l-katekumenu jġib fuqu nnifsu. Huma tisħib fl-istess mewt u qawmien ta' Kristu, li l-Ispirtu jġib preżenti f'kull magħmudija li tingħata.

Bir-raġun, għalhekk, San Pawl jgħid lill-insara tal-Galazja, "Intom li intom mgħammda, ilbistu 'l Kristu" (*Gal 3, 27*). Il-magħmudija toħloqna mill-ġdid fuq ix-xbieha ta' Kristu u tagħtina sehem mill-istess ħajja tiegħu, bħalma fergħa titlaqqam fid-dielja u tibda tieħu sehem mill-ħajja tagħha (ara *Ġw 15, 5)*.

Dan ix-xebh u din ir-rabta li Ġesù jwettaq fina fil-magħmudija, il-Knisja turihom b'żewġ ċerimonji li jsiru wara xulxin hekk kif titgħammed it-tarbija. Is-saċerdot ilibbes lit-tarbija **libsa bajda**, sinjal tal-libsa bajda li biha Kristu deher trasfigurat; sinjal li jfakkar li "intom li tgħammidtu fi Kristu, ilbistu 'l Kristu". Wara dan, missier it-tarbija jixgħel **ix-xemgħa** żgħira tat-tarbija tiegħu mill-Blandun li huwa s-simbolu ta' Kristu Rxoxt; b'hekk qiegħed juri li l-ħajja ta' Kristu Rxoxt għaddiet fit-tarbija.

Bis-saħħa ta' dan l-aspett tal-magħmudija, nistgħu nibdew niskopru min aħna tassew, x'inhi d-dinjità tagħna, fuqiex nistgħu nibnu fis-sod l-istima tagħna nfusna.

Għall-mistoqsijiet tal-bidu: Aħna min aħna? (x'inhi l-identità tagħna?), u aħna x'niswew? (x'dinjità għandna?), nistgħu nibdew inwieġbu:



Mis-salib ta' Kristu hareġet is-siġra ta' ħajja ġdida għall-bnedmin u għall-ħolqien kollu – Bażilika ta' San Klement, Ruma.

**Aħna xbieha ta' Kristu.**
**Aħna fergħat fi Kristu.**
**Aħna aħwa ta' Kristu.**
**Aħna niswew daqs kemm tiswa l-ħajja ta' Kristu Rxoxt li minnha nieħdu sehem.**

### iii. Niksbu l-istima ta' Tempji ta' l-Ispirtu s-Santu

Barra milli tagħtina rabta speċjali mal-Missier u ma' l-Iben, ma jistax jonqos li l-magħmudija tagħtina wkoll rabta speċjali ma' l-Ispirtu s-Santu li fih u bih nitgħammdu.

Din ir-rabta San Pawl jippreżentahielna taħt ix-xbieha ta' tempju. It-tempju kien meqjus fost il-Lhud bħala l-post fejn kien hemm il-preżenza speċjali ta' Alla. Bil-magħmudija aħna nsiru tempji fejn l-Ispirtu ta' Alla jkun preżenti b'mod speċjali. Lill-Korintin, San Pawl jiktbilhom hekk: "Ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, li jinsab fikom, li għandkom minn Alla?" (*1 Kor 6, 19*).

Mit-tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa, l-Ispirtu s-Santu huwa l-aktar wieħed misterjuż, l-aktar wieħed li ma nistgħux naqbduh bl-

immaġinazzjoni tagħna. B'danakollu, huwa l-aktar wieħed li jidħol f'kull rokna ta' l-eżistenza tagħna biex iżommna, jgħajjixna u jkabbarna. Huwa dak li jagħmel minn ġisimna xi ħaġa qaddisa, tant li, wara li s-saċerdot jinċensa l-altar waqt il-quddiesa, il-Knisja trid li aħna wkoll inkunu inċensati bħala tempji ħajjin ta' l-Ispirtu.



Raġġ tax-xemx jimla l-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

Aħna min aħna? Aħna x'niswew? Inwieġbu:

**Aħna tempji ħajjin ta' l-Ispirtu s-Santu.**
**Fina jgħammar tabilħaqq l-Ispirtu ta' Alla.**
**Quddiem Alla niswew aktar mill-akbar katidral.**

## iv. Niksbu l-istima ta' werrieta ta' Alla

Il-magħmudija mhux biss tagħmilna ħolqien ġdid u tagħtina l-ogħla dinjità li qatt jista' jkollna, id-dinjità ta' wlied Alla, ta' aħwa ta' Ġesù u ta' tempji ta' l-Ispirtu. Il-magħmudija tagħtina wkoll l-akbar ġid li qatt nistgħu niksbu. Fid-dinja, ħafna min-nies iħossuhom li jiswew u jiġbdu fuqhom l-istima tan-nies l-oħra għax ikollhom somom kbar ta' flus fil-banek jew għax ikollhom ħafna artijiet, fabbriki jew lukandi. Bil-magħmudija n-nisrani jikseb ġid bil-wisq ogħla minn dan kollu, għax jikseb kollox u jiksbu għal dejjem.

Ir-raġuni hija sempliċi: jekk bil-magħmudija aħna nsiru wlied Alla, fl-istess waqt insiru wkoll werrieta tiegħu u ta' dak kollu li hu tiegħu.

> Dan l-Ispirtu jixhed flimkien ma' l-Ispirtu tagħna li aħna wlied Alla. Jekk aħna wlied, aħna wkoll werrieta tiegħu, werrieta ta' Alla, werrieta ma' Kristu: għax aħna nbatu miegħu, biex miegħu nkunu gglorifikati (*Rum 8, 16-17*).

Dan il-wirt importanti l-Bibbja ssejjaħlu b'diversi ismijiet: "Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu **b'wirt tagħkom is-Saltna** li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja" (*Mt 25, 34*). "Dan l-Ispirtu hu xerrdu bil-kotra fuqna b'Ġesù Kristu, is-Salvatur tagħna, biex bis-saħħa tal-grazzja tiegħu nitqaddsu u nsiru **werrieta tal-ħajja ta' dejjem** skond it-tama li għandna" (*Titu 3, 7*). "Imma aħna ċittadini tas-sema" (*Fil 3, 20*); pajjiżna huwa **s-sema,** fejn skond il-Lhud jgħammar Alla u għalhekk,



RAFFAELLO (1483–1520) – Dettall minn "La disputa del Sacramento". Stanze Vaticane.

fejn ma jonqosna xejn, u fejn ikollna kollox bl-abbundanza. Magħqudin ma' Kristu fil-glorja tal-Missier, ngħixu f'rabta ta' mħabba mill-aktar intima mat-Trinità Qaddisa f'sema ġdid u art ġdida, fejn ma jkunx hemm aktar biki, għajat jew tbatija u fejn ikun hemm kotra ta' ilmijiet ta' l-għejun tal-ħajja (ara *Apok 21, 1-6*).

F'din id-dinja, dan il-wirt bdejna biss induquh. Ikun tagħna meta naraw 'l Alla wiċċ imb'wiċċ. Iżda minn issa, bis-saħħa tas-siġill li l-Ispirtu naqqax fi qlubna fis-sagrament tal-magħmudija u tal-griżma, aħna għandna l-garanzija, għandna l-*credit-card* li dan kollu se jagħtihulna bi grazzja.

Nerġgħu nistaqsu: Aħna min aħna? Aħna kemm niswew? Issa nistgħu nwieġbu wkoll:

**Aħna werrieta ta' Alla. Aħna niswew daqs kemm jiswa l-wirt li tana Alla.**

## 3 Il-Griżma ssaħħaħ l-identità u d-dinjità tagħna



### diskussjoni fi gruppi

**X'naħsbu dwar il-griżma**

i. Minn dak li ġara dakinhar tal-griżma tiegħek, liema ħaġa laqtitek l-aktar jew li bqajt tiftakar l-iżjed?

ii. Kemm taħseb li s-sagrament tal-griżma huwa importanti għall-iżvilupp sħiħ tal-ħajja? Għaliex?

iii. X'sehem għandu l-Ispirtu s-Santu f'dan is-sagrament?

iv. Fil-fehma tiegħek, x'jagħmel fina s-sagrament tal-griżma meta tiftakar li dan jingħata bid-dlik taż-żejt li jsir bit-tqegħid ta' l-idejn? Xi jfissru d-dlik biż-żejt u t-tqegħid ta' l-idejn?

INT X'TISWA?

### i. Rabta bejn il-magħmudija u l-griżma

Meta nitwieldu jkollna fina ħafna kapaċitajiet; iżda dawn ikunu miġbura u moħbija fina, bħalma l-kapaċitajiet ta' siġra jkunu miġbura u moħbija fiż-żerriegħa. Meta wieħed jibda jikber, dawn il-kapaċitajiet jibdew jidhru, jiżviluppaw u jagħtu l-frott. Li titwieled u li tikber biex tagħti l-frott huma żewġ waqtiet ta' l-istess mixja.

Dak li jiġri fil-ħajja naturali tagħna jiġri wkoll fil-ħajja spiritwali. Fil-magħmudija l-Ispirtu s-Santu jagħtina t-twelid tagħna bħala wlied Alla; fil-griżma jagħtina l-enerġija u s-saħħa biex dak li rċevejna bħal f'żerriegħa fil-magħmudija jista' jikber, jiżviluppa u jwassal lejn maturità sħiħa. Il-ħajja nisranija li tibda fil-magħmudija tasal fil-milja tagħha bis-saħħa li jagħtina s-sagrament tal-griżma.



"Hu s-siġill
tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu."

Din ir-rabta u din il-kontinwazzjoni bejn il-magħmudija u l-griżma nistgħu narawha jekk naqraw it-test tal-*Kostituzzjoni Appostolika* li l-Papa Pawlu VI ħareġ bħala introduzzjoni għall-Ordni l-ġdid tal-griżma nhar il-15 ta' Awissu 1971. Hawnhekk insibu li l-imgħammdin li jirċievu s-sagrament tal-griżma:

- jistagħnew b'qawwa **speċjali**;
- jintrabtu **aktar bis-sħiħ** mal-Knisja;
- jidħlu fi dmir **aqwa**.

Din ir-rabta narawha wkoll mill-fatt li fl-ewwel sekli tal-Knisja, kif għadu jseħħ ukoll illum fir-rit Grieg, il-griżma kienet tingħata eżatt wara l-magħmudija. Fir-rit Latin dan nistgħu narawh meta jitgħammed xi ħadd li jkun adult. Importanti li wieħed jinnota li, anke meta l-griżma tingħata snin wara l-magħmudija bħalma hu l-każ tagħna, waqt iċ-ċelebrazzjoni

tal-griżma jerġa' jsir it-tiġdid tal-wegħdiet tal-magħmudija. Il-kelma Ingliża "Confirmation" trid turi li fil-griżma qegħdin "inwettqu", "nikkonfermaw" dak li sar fil-magħmudija.

### ii. Spirtu ta' qawwa u żvilupp

Biex nikbru u niżviluppaw irridu t-tagħlim, l-għerf, l-enerġija, is-saħħa, il-kuraġġ u tant għajnuniet oħra. Dawn neħtiġuhom mhux biss biex inkunu tajbin aħna, iżda wkoll biex, bħal Kristu, ningħataw kollna kemm aħna għall-ġid ta' l-oħrajn. Dawn id-doni li neħtieġu, il-Bibbja torbothom mal-ħidma bla waqfien ta' l-Ispirtu s-Santu. Fil-fatt, l-Ispirtu s-Santu mhux biss jagħti l-ħajja, iżda jissokta jżommha u jsostniha fil-ħidma u fl-iżvilupp sħiħ tagħha.



Għalhekk, il-griżma fil-qalba tagħha hija **s-sagrament ta' l-Ispirtu s-Santu, is-sagrament ta' l-iżvilupp, is-sagrament tal-qawwa fl-azzjoni** li Ġesù jrid jissokta fid-dinja permezz tagħna. Fl-antik, meta xi ħadd kien irid jgħaddi xi qawwa spiritwali lil xi ħadd ieħor, kien iqiegħed idejh fuq rasu. Hekk, meta l-missier ried ibierek lil ibnu u bħal jgħaddilu l-qawwa, il-ħarsien jew l-awtorità li kien hemm fih, kien iqiegħed idejh fuq rasu; il-qawwa tal-missier kienet tgħaddi qisha minn idejh għal fuq ras ibnu. L-appostli kienu jagħmlu l-istess ħaġa biex iwasslu l-Ispirtu s-Santu fuq l-imgħammdin; l-Ispirtu li kien fihom kien jgħaddi qisu minn idejhom għal fuq l-insara (ara *Atti 8, 17*). It-tradizzjoni kattolika tħares lejn dan it-tqegħid ta' l-idejn bħala l-bidu tal-griżma.

### iii. Bid-dilka mqaddsa nsiru kristijiet oħra

Dak li kellu jkun il-"Midluk ta' Alla" li jagħti dinjità lill-bnedmin kollha kellu jkun il-Messija jew Kristu. Fil-fatt kemm il-kelma **Messija**, (kelma bil-Lhudi), u kemm il-kelma **Kristu**, (kelma bil-Grieg), ifissru l-istess

ħaġa: **il-Midluk**. Meta fil-griżma n-nisrani jirċievi d-dilka biż-żejt li trid tfisser is-siġill ta' Kristu li l-Ispirtu jnaqqax fih, in-nisrani wkoll isir "kristu", il-midluk.



L-Arċisqof jikkonsagra ż-żejt tal-griżma u jħallat miegħu l-balzmu, nhar Ħamis ix-Xirka.

Dan il-ħsieb jesprimih b'mod sabiħ San Ċirillu ta' Ġerusalemm meta jikteb:

> Għalhekk, intom li bdejtu tieħdu sehem minn Kristu, bir-raġun kollu tissejħu "kristijiet", u għalikom Alla qal: "Tmissux il-kristijiet tiegħi". Intom sirtu kristijiet meta rċevejtu l-marka ta' l-Ispirtu s-Santu.

Ukoll jekk tidher stramba, il-kelma "kristijiet" turi l-identità li aħna niżviluppaw fil-griżma tal-isqof, turi d-dinjità ta' xebh ta' Kristu li fina jkompli jsaħħaħ dan is-sagrament.

## 4 F'Ġesù nilħqu l-ogħla stima u l-ogħla suċċess



### diskussjoni fi gruppi

**Aħna u s-suċċess**

i. X'taħseb li hi l-aktar ħaġa importanti biex tkun suċċess fil-ħajja?

ii Tista' tgħid li tkun suċċess fil-ħajja jekk ma jkollokx stima tiegħek innifsek jew jekk tkunx kuntent?

iii. Il-Malti jgħid: "Min jidħaq l-aħħar, jidħaq l-aħjar". Skond dan il-proverbju, min huwa dak li jkun tassew suċċess?

iv. Taħseb li Ġesù kien suċċess? Għaliex?

## i. Ġesù: il-quċċata tas-suċċess

F'Ġesù, il-bniedem laħaq l-ogħla suċċess li qatt jista' jilħaq. Rebbieħ fuq il-ħażen u fuq il-mewt, Kristu Rxoxt huwa 'l fuq minn kull limitu li jista' jxekkel il-milja ta' l-iżvilupp sħiħ tal-bniedem. Ukoll bħala bniedem, Ġesù issa ġie mgħolli sas-smewwiet u mżejjen bl-isem li hu fuq kull isem. Issa ħa postu fil-leminija tal-Missier, "'il fuq minn kull Saltna u Setgħa, minn kull Qawwa u Ħakma; 'il fuq minn kull isem li jissemma, mhux biss għaż-żmien ta' issa, imma wkoll għal li ġej" (*Ef 1, 21*).



RAFFAELLO (1483–1520)
Dettall mit-Trasfigurazzjoni,
Musei Vaticani.

Is-suċċess li kiseb Ġesù bil-qawmien tiegħu mill-mewt u bil-glorifikazzjoni fil-lemin tal-Missier hu hekk kbir u għoli li quddiemu l-bniedem jinsa kull ħaġa oħra. Hekk kif Pietru lemaħ minn qabel ftit mill-glorja li Ġesù kellu jikseb bil-qawmien tiegħu, intilef minn sensih u stqarr : "Mgħallem kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija " (*Mt 17, 4*).

F'Ġesù ntlaħaq is-suċċess tal-bniedem fil-milja tiegħu: suċċess li ma jinkludix biss ir-rebħa fuq dak kollu li jfixkel jew ijassar il-bniedem, iżda jiġbor fih ukoll l-iżvilupp sħiħ ta' dak kollu li jwassal il-bniedem għall-perfezzjoni tiegħu.

## ii. Suċċess li jibqa'

Darba, id-dixxipli ta' Ġesù kienu ġew ferħana bis-suċċess li kienu kisbu bil-mirakli li bdew jagħmlu fuq il-qawwiet tal-ħażen. Ġesù kien pront fetħilhom għajnejhom u qalilhom li mhux dak kien is-suċċess li bih kellhom jifirħu; kien hemm suċċess ieħor bil-wisq aktar importanti:

"Araw, tajtkom is-setgħa li tirfsu fuq is-sriep u l-iskorpjuni u li tegħlbu kull qawwa ta' l-għadu, u ebda ħsara ma jagħmlulkom. Madankollu mhux b'dan ifirħu, li l-ispirti joqogħdu għalikom, imma ifirħu, għax għandkom isimkom miktub fis-smewwiet" (*Lq 10, 19-20*).



FRA ANGELICO
(c. 1387–1455)
Iż-Żifna tal-Qaddisin
fis-sema, (dettall), Firenze

Fis-smewwiet wieħed jilħaq is-suċċess sħiħ u veru, mhux biss għax "ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew għajjat jew tbatija" (*Apok 21, 4* ), iżda għax fuq kollox, jara 'l Alla kif inhu (*I Ġw 3, 2* ), wiċċ imb'wiċċ (*I Kor 13, 12*), u f'għaqda ta' mħabba ma' Dak li hu l-**Kollox**, il-parti ssib il-milja tax-xewqat kollha tagħha.

Għalhekk, għal Ġesù, il-veru suċċess huwa dak li jibqa' u mhux dak li jisfuma fix-xejn wara ftit taż-żmien. Ma jagħmilx suċċess min jibni l-akbar u l-isbaħ palazz, u jarmah bl-akbar opri ta' l-arti u b'għamara mill-aktar prezzjuża, biex imbagħad, wara ftit, jiġġarraf kollox, u jordom taħtu lil min ikun bnieh, għax kien bnieh fuq ir-ramel (ara *Mt 7, 24-27*). Ma jagħmilx suċċess min flusu jerfagħhom f'boroż li jitmermru, għax jispiċċa jitlef kollox (*Lq 12, 33*). Ma jagħmilx suċċess min it-teżori tiegħu jgeddishom f'din id-dinja fejn kollox jitmermer bil-kamla u s-sadid, u fejn il-ħallelin iħaffru u jisirqu (*Mt 6, 19* ).

### • X'valur għandna nagħtu lill-flus?

Ġesù jinsisti biex l-ewwel u qabel kollox, it-tezori tagħna nerfgħuhom fis-sema. Izda min-naħa l-oħra, wieħed mill-proverbji tagħna jgħid li: "Bla flus la tgħannaq u l-anqas tbus" waqt li ieħor ikompli li: "Bil-flus tagħmel triq fil-baħar." Fil-fatt, il-flus kemm għandhom ikunu importanti f'ħajjitna jekk irridu niksbu l-veru suċċess? X'atteġġjament għandu jkollna lejhom?

- **Is-siwi u l-perikli tal-flus**

Il-bniedem ma ħuwiex ruħ biss; il-bniedem huwa ġisem ukoll. Dan ifisser li ma nistgħux ngħixu bl-arja; irridu x'nieklu, irridu x'nilbsu, irridu fejn noqogħdu u rridu tant ħwejjeġ oħra. Dan kollu ma nistgħux nagħmluh jekk ma jkollniex flus. Il-flus huma meħtieġa biex inkunu nistgħu ngħixu, nieħdu ħsieb saħħitna u niżviluppaw lilna nfusna.



Għalhekk, fihom infushom il-flus u l-ġid ta' l-art huma ħwejjeġ tajba li rridu nibżgħu għalihom u nużawhom bil-għaqal. Ma nistgħux naħluhom fix-xejn jew niddisprezzawhom. Imma huwa propju għax huma ħwejjeġ tajba u meħtieġa biex niksbu u nagħmlu tant affarijiet, li l-flus għandhom il-periklu serju li jiġbduna lejhom aktar milli jmisshom.

Il-flus għandhom il-periklu li jwassluna biex nagħtuhom importanza aktar milli ħaqqhom; minħabba fihom, nistgħu naslu biex naqgħu "fit-tiġrib u fix-xibka u f'ħafna xewqat bla sens u ta' ħsara li jitfgħu lill-bnedmin fil-qerda u fit-telfien .... huwa ħtija tal-ġibda żejda lejn il-flus li xi wħud ħarġu barra mit-triq tal-fidi u nfnew b'niket kbir" (*I Tim 6, 9-10* ).

Ukoll jekk ma jasalx biex jibdel 'l Alla mal-flus, min ikollu ħafna flus għandu l-periklu li jibda jorbot qalbu magħhom u minflok f'Alla jibda jqiegħed il-fiduċja tiegħu fihom. Għandu wkoll il-periklu li ma jkunx

lest biex jinfired minn flusu u mil-lussu li jkun trabba fiħ biex ikun jista' jgħin lil min hu fil-bżonn.

Huwa minħabba dawn il-perikli serji li Ġesù jwissina biex ma norbtux qalbna mal-flus u mal-ġid ta' l-art, u biex bħalu ngħixu ħajja sempliċi u deċenti.

Kemm hu iebes biex wieħed għani jidħol fis-Saltna ta' Alla (ara *Mt 19, 16-24* ). Ma tistgħux taqdu żewġ sidien; ma tistgħux taqdu 'l Alla u lill-flus (*Mt 6, 24* ).



• **X'atteġġjament irid ikollna lejn il-flus?**

L-atteġġjament tagħna lejn il-flus u lejn il-ġid ta' l-art nistgħu noħduh mit-talba li l-bniedem ġust jagħmel lil Alla fil-Ktieb tal-Proverbji:

> Mulej, taghtinix la faqar u lanqas għana,
> iżda agħtini l-ikel li neħtieġ.
> Ghax jekk ikolli bix-xaba', nista' niċħdek,
> u jekk ma jkollix, nista' nkasbrek. (*Prov 30, 8-9* ).

Irridu nitgħallmu ngħixu fis-sempliċità. Bħala nsara ma nistgħux ngħixu fil-lussu, meta ħaddieħor ma għandu l-anqas dak li hu meħtieġ biex jgħix. Ma nistgħux nirraġunaw li "flusi huma tiegħi u nagħmel bihom li rrid", meta hawn min qiegħed imut bil-ġuħ. Flusna rridu nużawhom biex ngħixu ħajja deċenti u biex bihom nagħmlu l-ġid. "Użaw il-flus u l-ġid li għandkom biex tagħmlu karità. Dak li tagħmlu ma' l-iżgħar wieħed fost ħutkom tkunu qegħdin tagħmluh miegħi".

## iii. Suċċess minn din id-dinja

Is-suċċess li jitkellem fuqu Ġesù m'huwiex xi ħaġa li tinkiseb biss wara l-mewt. Il-ħajja ta' dejjem li għad jiret u jgħix bis-sħiħ fil-ġenna, in-nisrani diġà beda jgħixha u diġà beda jduq l-ewwel frott tagħha minn issa (ara *Rum 8, 23*). "L-imħabba, il-hena u s-sliem" li jimlew qalb il-bniedem, l-Ispirtu jsawwabhom f'qalb in-nisrani minn din il-ħajja (*Gal 5, 22*).

Il-paċi tal-qalb, li tilħaq il-milja tagħha meta naraw 'l Alla wiċċ imb'wiċċ, Ġesù jistedinna biex idewwaqhielna minn issa. Min jara lilu jara l-Missier (*Ġw 14, 9*) u min iħares kelmtu, huwa u l-Missier jiġu minn issa jgħammru għandu (*Ġw 14, 23*). Issa nistgħu nifhmu għaliex Ġesù jagħmlilna din l-istedina:



"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom. Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom" (*Mt 11, 28-29*).

Jiena nagħtikom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja, tħallux qalbkom titħawwad, u anqas titbażża'! (*Ġw 14, 27*).

Jekk, fil-qalba tiegħu, is-suċċess veru huwa li wieħed isib u jġarrab il-ferħ tal-qalb li ħadd ma jista' joħodhulu (*Ġw 16, 22*), allura s-suċċess li jipproponi Ġesù wieħed jibda jġarrbu minn din il-ħajja stess.

F'dan is-sens, is-suċċess li jwiegħed Ġesù m'huwiex biss għal wara l-mewt, iżda wkoll għal din il-ħajja.

### iv. Ġesù jsir it-triq u l-enerġija tas-suċċess

Għalina, Ġesù mhux biss hu wieħed mill-għorrief jew mill-profeti li juruna t-triq tal-veru suċċess. Bħala veru Alla u veru bniedem, Ġesù hu wkoll, l-uniku medjatur li jwassal għand il-Missier; huwa t-triq innifisha li twassal għall-veru stima tagħna nfusna u għall-veru suċċess.

Bil-mewt u l-qawmien tiegħu, Ġesù mhux biss laħaq, bħala bniedem, il-quċċata ta' kull żvilupp uman, iżda sar ukoll il-għajn ta' ħajja u ta' enerġija għal dawk li jridu jilħqu wkoll l-iżvilupp sħiħ tagħhom.



"Iva qiegħed kollox taħt riġlejh u għamlu Ras fuq il-Knisja kollha, li hi Ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox... Fih hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem; u intom, magħqudin kif intom miegħu, għandkom sehem mill-milja tiegħu, hu li hu r-ras ... li minnha l-ġisem kollu, permezz ta' l-għekiesi u l-irbit tiegħu, jieħu l-għajxien u l-għaqda biex jikber skond ma jagħtih Alla.

*(Ef 1, 22-23; Kol 2, 9-10. 19)*

"Jien it-Triq, il-Verità u l-Ħajja" (*Ġw 14, 6*). Min irid jilħaq is-suċċess ta' ħajtu hu msejjaħ biex iħalli l-verità u l-imħabba ta' Kristu taħdem fih u ssuqu 'l quddiem. Irid għalhekk ifittex li jkollu fiduċja u għaqda sħiħa mar-rieda ta' Alla u mħabba ġenwina u bil-fatti lejn il-proxxmu. Din hi t-triq waħdanija għall-veru suċċess.

## It-tweġiba tagħna

## 1 Nagħrfu dak li Alla diġà għamel magħna

L-ewwel ħaġa li n-nisrani jrid jagħmel hija li jagħraf u japprezza dak li rċieva minn Alla. F'waħda mill-priedki famużi tiegħu, il-Papa San Ljun il-Kbir, (li miet fis-sena 461), iħeġġeġ lill-insara b'dan il-kliem:

Aghraf, O nisrani, id-dinjità tieghek, int li ssehibt ma' Alla fin-natura tieghu. Ftakar ta' liema ras u ta' liema ġisem int membru.

Jekk ma nagħrfux dan, nitilfu l-qalba ta' l-aħbar it-tajba tal-proġett li Alla qiegħed joffrilna fi Kristu Ġesù. Jekk ma nagħrfux dan, il-moralità u l-imġiba nisranija titlef il-pedament tagħha; flok moralità li tkabbar u tiżviluppa l-personalità, tista' tispiċċa biex titqies bħala moralità ta' liġijiet li jxekklu u jdejqu. **L-imġiba nisranija trid tinbena fuq l-għarfien tal-ħwejjeġ kbar li Alla diġà għoġbu jagħmel magħna.**

## 2 Niżviluppaw sens ta' tifħir u ta' ringrazzjament

Meta n-nisrani jagħraf id-dinjità għolja li rċieva minn Alla, u jifhem li din irċevieħa mingħajr ebda dritt u ebda mertu tiegħu, ma jistax ikun li l-ewwel tweġiba tiegħu ma tkunx waħda ta' tifħir u ta' ringrazzjament minn qiegħ il-qalb. Kif jidher ċar mit-Testment il-Ġdid, dawn kienu s-sentimenti li kienu jagħtu r-ruħ lit-talb u lil dak kollu li kienu jagħmlu l-insara tal-bidu.

Huma s-sentimenti li fil-Vanġelu nsibuhom miġburin b'intensità kbira f'Marija. Hekk kif saret taf bid-dinjità għolja li biha Alla ried iżejjinha meta għażilha biex tkun omm Ibnu, infexxet f'innu ta' tifħir lil Alla:



MATTIA PRETI (1613–1699)
Iż-Żjara ta' Marija, knisja parrokkjali, Santa Kararina, Żurrieq.

Ruħi tfaħħar
il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi
jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi....
għax is-Setgħani
għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
(*Lq 1, 46-49*)

Huma s-sentimenti li l-Appostli ma kinux jehdew ifakkru u jheġġu lill-insara biex jitharrġu fihom.

> "Kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej. Roddu dejjem ħajr għal kollox lil Alla u 'l-Missier, f'isem Sidna Ġesù Kristu" (*Ef 5, 19-20*). "Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu" (*Kol 3, 17*). "Ifirħu dejjem, itolbu bla heda, iżżu ħajr lil Alla f'kollox" (*1 Tess 5, 16-18*).

F'dawn is-siltiet wieħed jinnota l-kliem "dejjem", "għal kollox", "kull ma", "f'kollox". Jidher ċar li, fil-moralità nisranija, it-tifħir u r-ringrazzjament mhumiex biss xi azzjoni 'l hawn jew 'l hemm, iżda huma l-atteġġjament fundamentali li fuqu jinbnew u minnu jieħdu r-ruħ l-azzjonijiet l-oħra kollha.

L-imġiba nisranija fil-qalba tagħha hi mġiba **ta' tweġiba ferrieħa u ta' gratitudni għas-sejħat ta' Alla**.

## 3 Ħajjitna ngħixuha fi Kristu u nimxu warajh

Issa li ma għadniex tfal, inħossu li dak li nagħmlu jew ma nagħmlux **niddeċiduh aħna fil-kuxjenza tagħna**. Nifhmu li rridu nkunu nies konvinti u responsabbli. Imma l-kuxjenza hi bħal xemgħa li jekk ma tinxtegħelx ma tistax taqdi l-funzjoni tagħha. Il-kuxjenza trid tinxtegħel bid-dawl tal-verità.

Aħna li nemmnu li aħna aħwa ta' Ġesù u li għalina huwa t-triq, il-verità u l-ħajja, infittxu li nkabbru d-dinjità vera tagħna billi ndawlu l-kuxjenza tagħna bil-valuri tiegħu.

> "Intom ilqajtu lil Sidna Ġesù Kristu; għixu mela magħqudin miegħu; niżżlu għeruqkom fih, u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu" (*Kol 2, 6-7*). "Ħa jkollkom l-istess ħsibijiet li kellu Kristu Ġesù" (*Fil 2, 5*).



Fil-qalba tagħha, għalhekk, l-imġiba nisranija hi mġiba **ta' ħajja f'Ġesù u ta' mixja fuq it-tagħlim u l-eżempju tiegħu.**

Għalhekk, qabel ma jagħmel xi ħaġa, in-nisrani jrid joqgħod attent biex ma jaqax taħt il-pressjoni ħażina li tista' tiġi mill-grupp tal-ħbieb, minn barranin, minn reklami jew programmi tat-T.V. Qabel ma jagħmel xi ħaġa, l-ewwel u qabel kollox in-nisrani jrid jistaqsi: "X'kien jagħmel Ġesù f'din iċ-ċirkustanza? Din il-ħaġa kemm taqbel mal-ħsieb u ma' l-ispirtu ta' Ġesù?"

Għalkemm aħna lkoll imsejħin biex nimxu wara Ġesù, mhux ilkoll imsejħin biex nimxu warajh bl-istess mod jew biex nagħmlu l-istess ħwejjeġ. Hawn min hu msejjaħ biex jimxi wara Ġesù bħala raġel jew mara miżżewġa; hawn min hu msejjaħ biex jimxi warajh bħala soru jew bħala saċerdot; hawn min hu msejjaħ biex ħajtu jgħaddiha mal-morda jew ma' l-orfni, u hawn min hu msejjaħ biex jgħaddiha fuq il-magni jew fuq il-*computer*. L-importanti mhux li nagħmlu affarijiet straordinarji, iżda li l-affarijiet l-aktar ordinarji nagħmluhom bi mħabba li tixbah kemm jista' jkun lil dik ta' Ġesù.

Meta nimxu fit-triq li nħallu 'l Kristu jgħix fina u jsawwarna skond ix-xbieha tiegħu, inkunu mexjin fit-triq tal-qdusija u fit-triq tas-suċċess veru. Għax tkun qaddis ma jfissirx li tagħmel affarijiet straordinarji iżda **li tkun u li tgħix ta' iben ta' Alla fuq ix-xbieha ta' Ġesù.**

## 4 Midħla tal-Bibbja u tat-tagħlim tal-Knisja

Biex nistgħu nagħżlu skond il-ħsieb u l-ispirtu ta' Ġesù, irridu nkunu nafu x'għallem u x'għamel Ġesù. Għalhekk biex nagħżlu tajjeb, irridu niffurmaw moħħna u qalbna **fuq il-valuri tal-Bibbja l-aktar ta' l-Evanġelju**. Il-kelma ta' Alla hi bħal ħobż; jeħtieġ li nassimilawha ta' sikwit. Irridu nżommu ruħna midħla tagħha.

Iżda l-Bibbja, fil-biċċa l-kbira, tagħti prinċipji ġenerali u ma tidħolx f'każijiet partikolari. Barra minn hekk, il-Bibbja hi marbuta ma' ċertu żmien u ċerta kultura. Minn żmien il-Bibbja sal-lum sar tibdil hekk kbir li ġieli jkollna nagħmlu għażliet fuq affarijiet, (bħal kwistjonijiet fuq it-tinġis ta' l-ambjent), li fi żmien il-Bibbja ma kinux jeżistu.

Importanti għalhekk li jkollna gwida biex id-deċiżjonijiet li nieħdu fi żmienna u f'pajjiżna neħduhom skond l-ispirtu ta' Kristu.

Din il-gwida Ġesù ħallieha f'idejn il-Knisja li fuqha bagħat l-Ispirtu biex imexxiha fil-verità u fl-imħabba.



Mal-Bibbja, għalhekk, in-nisrani jfittex li jifforma ruħu **fuq it-tagħlim tal-Knisja** kif imwassal lilna mill-Papa u l-isqfijiet. Ifittex ukoll **gwida ta' xi saċerdot jew *counsellor* tajjeb** li jkun jista' jgħinu fil-problemi partikolari tiegħu.

Fuq kollox jitgħallem **jitlob id-dawl ta' l-Ispirtu ta' Alla** li ġie mogħti lilna biex imexxina fit-triq tal-verità u ta' l-imħabba.

**Napprezzaw id-dinjità ta' l-għaġeb li Alla għoġbu jagħtina. Il-proġetti u d-deċiżjonijiet ta' ħajjitna nibnuhom fuq din id-dinjità.**

## 5 Inwieġbu bħal Marija

**Proġett**

- Naħdmu proġett dwar: **Il-post ta' Marija fil-ħajja tagħna l-Maltin.**
- Nistgħu naraw il-post ta' Marija fil-letteratura, fil-mużika, fl-iskultura, fil-pittura jew f'espressjonijiet oħra ta' l-Arti Maltija; nistgħu naraw il-ġrajjiet ta' l-istorja ta' pajjiżna li l-Maltin rabtu ma' Marija; nistgħu naraw l-importanza ta' Marija fit-talb, fil-festi, fl-ismijiet, fix-xbihat tagħha fit-toroq, fil-folklor u t-tradizzjoni tagħna l-Maltin.
- Dan il-proġett jista' jiġbor fih: stampi, kitba, disinji, ritratti meħuda apposta, *recordings*, mudelli jew espressjonijiet oħra ta' l-arti u s-snajja'.
- Jista' jew isir proġett wieħed li fih tieħu sehem il-klassi kollha, jew isiru diversi proġetti maħdumin minn gruppi differenti.

L-istima li Alla għoġbu jagħti lil Marija hija xi ħaġa ta' l-għaġeb. Kif stqarret hija nnifisha: "is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar" (*Lq 1, 48*). B'danakollu, iżda, Marija dejjem għarfet tagħti lil Alla l-ogħla u l-isbaħ tweġiba hekk li saret il-mudell ta' kif aħna għandna nwieġbu lil Alla.

### i. Il-ħwejjeġ kbar li Alla għamel magħha

Sa mill-bidu, l-insara dejjem taw lil Marija l-akbar u l-ogħla ġieħ fost il-qaddisin kollha, waqt li ħassewha qrib tagħhom bħala Omm li tibqa' dejjem taħseb fihom u tgħinhom fit-triq lejn is-sema pajjiżhom. Tul l-istorja ħafna kienu dawk it-titli li l-insara ħassew li għandhom jagħtuha biex joħorġu aktar bid-dieher xi aspett tal-personalità jew tal-ħidma tagħha. Il-biċċa l-kbira ta' dawn it-titli huma miġbura f'dik li nsejħulha l-litanija tal-Madonna.

Iżda fost it-titli kollha li naghtu lil Marija, l-aktar importanti u l-aktar li joħorġu s-sehem tagħha fil-pjan ta' Alla huma dawk li l-Knisja ħasset il-ħtieġa li tippreżentahomlna bħala dommi tal-fidi.

**(i) L-Imqaddsa Marija dejjem Verġni**

Marija rċeviet il-grazzja li tnissel lil Ġesù mhux bil-għajnuna ta' bniedem ieħor, bħalma jitnisslu l-bnedmin kollha, imma bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Hija baqgħet dejjem Verġni, mogħtija kollha kemm hi għal Alla u għas-saltna tiegħu.

**(ii) Marija Omm Alla**

Sa mill-eqdem żmien, lil Marija l-Knisja tatha wkoll it-titlu ta' Omm Alla, verità li ġiet definita fil-Konċilju ta' Efesu fis-sena 431. Ladarba Marija hija l-omm ta' Ġesù, u Ġesù fil-Persuna waħdanija tiegħu huwa Alla, bir-raġun kollu, lil Marija jisthoqqilha wkoll it-titlu ta' Omm Alla.

**(iii) L-Immakulata Kunċizzjoni**

Bħala Omm Alla u bħala l-Eva l-Ġdida, Marija kellha tissieħeb ma' Ġesù fir-rebħa fuq il-ħakma tax-xitan u tad-dnub. Kien jixraq, għalhekk, li meta hija tnisslet fil-ġuf ta' ommha, Marija ma tnisslitx bid-dnub tan-nisel bħalma jitnissel kull bniedem ieħor, imma kienet minn dejjem kollha kemm hi qaddisa.



PIETRO GAGLIARDI
(1809–1890)
Dettall minn
Marija Mtellgha s-Sema,
knisja parrokkjali,
Gudja.

**(iv) Marija Mtellgħa s-Sema**

Meta Marija temmet ħajjitha fuq din l-art, Alla ried jagħtiha l-grazzja speċjali, li ġisimha ma jarax it-taħsir bħalma jiġri lil kull bniedem ieħor, iżda li tittella' fil-glorja tas-sema bir-ruħ u l-ġisem u hekk sa minn issa qed tgawdi bis-sħiħ il-frott tal-fidwa, li aħna għad ingawdu bil-qawmien tagħna fl-aħħar jum. Bil-Malti, din il-festa nsejħulha "l-Assunta" jew "Santa Marija". Meqjuma taħt dan it-titlu, Marija hi l-patruna ewlenija ta' Malta. Minbarra ħafna altari u kappelli, għandna tmien parroċċi f'Malta u tnejn f'Għawdex dedikati lilha taħt dan it-titlu.

## ii. Aktar kbira għax wieġbet bis-sħiħ għall-kelma ta' Alla

Iżda l-ħwejjeġ tassew kbar li Alla għamel ma' Marija b'ebda mod ma għandhom iwassluna biex naħsbu li hi, min-naħa tagħha, sabet kollox lest u ma għamlet xejn; b'ebda mod ma għandhom iwassluna biex naħsbu li hi kienet tara kollox ċar, li ma kellhiex problemi kbar xi ssolvi, li ma kellhiex tagħmel sforzi diffiċli biex twettaq dejjem u f'kollox ir-rieda ta' Alla.



DOMENICO BRUSCHI (1840–1910)
Dettall mill-Annunzjazzjoni, Katidral ta' l-Imdina.

Marija hija tassew kbira mhux tant għax ġiet magħżula biex tkun l-omm ta' Ġesù; iżda, fi kliem Ġesù nnifsu, Marija hija aktar hienja u aktar kbira għax, l-ewwel u qabel kollox, semgħet il-kelma ta' Alla u għamlitha bl-akbar ġenerożità (*Lq 11, 28*).

Marija hija l-aktar waħda li kkoperat ma' Alla f'dak kollu li ried minnha. Hija l-ewwel u l-akbar dixxiplu ta' Ġesù; hija l-aktar waħda li emmnet fih u li baqgħet fidila lejh ukoll meta, fuq is-salib, deher li tilef kollox. Mela bir-raġun il-Knisja tħares lejn Marija bħala l-membru l-aktar għoli u uniku tagħha u bħala mudell l-aktar perfett ta'

ħajja nisranija. Marija tiġbor u tgħaqqad fiha l-ogħla espressjoni ta' fidi, tama u mħabba li qatt jista' jkollu d-dixxiplu ta' Kristu.

### iii. Mudell tat-tweġiba tagħna

Marija hija dik li għarfet tagħti b'mod l-aktar perfett it-tweġiba tagħha għall-ħwejjeġ kbar li Alla għoġbu jagħmel magħha. Minflok ma ssuppervjat u ma fittxet li togħla fuq ħaddieħor, hija (a) għarfet dak li Alla għamel magħha, (b) dawret lejh kull tifħir li setgħet qalgħet - "qaddis hu l-isem tiegħu", u (c) marret tagħmilha ta' seftura fid-dar ta' Eliżabetta.

F'Marija għandna l-ogħla eżempju ta' dak li kapaċi jagħmel il-messaġġ nisrani fil-bniedem li jrid isib tassew id-dinjità tiegħu. Waqt li jagħtih l-ogħla dinjità li qatt il-bniedem jista' jikseb, id-dinjità ta' iben ta' Alla, il-messaġġ nisrani jwasslu biex, flok suppervja, pika, għira u firdiet, ifittex li juża d-dinjità u t-talenti li rċieva f'servizz ta' mħabba u ta' solidarjetà.

## *nibqgħu niftakru*

1. **Kull bniedem għandu ħtieġa fundamentali li jkollu stima tiegħu nnifsu u li din l-istima tkun magħrufa u rispettata mill-oħrajn. Fl-adolexxenza niżviluppaw mhux biss fil-ġisem, iżda wkoll fil-moħħ u fis-sens morali. Nibdew niskopru d-dinjità tagħna bħala persuni liberi u responsabbli ta' għemilhom.**

2. **Fil-magħmudija l-ilma ma huwiex biss sinjal tal-qawwa ta' Alla li taħsel lir-ruħ u tnaddafha mid-dnub tan-nisel. Bħala element li min-naħa jgħarraq u jeqred u min-naħa l-oħra jagħti u jżomm il-ħajja, l-ilma huwa wkoll sinjal tat-tisħib tan-nisrani fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu.**

3. **Fil-magħmudija l-Ispirtu ta' Alla jagħti l-vera identità u l-ogħla dinjità li qatt il-bniedem jista' jkollu; jagħti d-dinjità ta': (a) ulied Alla, (b) aħwa ta' Kristu, (c) tempji ta' l-Ispirtu s-Santu, (d) werrieta ta' Alla;**

4. L-identità u l-istima li tagħtina l-magħmudija jissoktaw jissaħħu u jiżviluppaw bil-griżma ta' l-isqof. Fil-griżma, dawk li fil-magħmudija jkunu ħadu twelid ġdid, jirċievu l-Ispirtu s-Santu nnifsu li bih jistagħnew b'qawwa speċjali u, bil-karattru li jnaqqax fihom, jintrabtu aktar bis-sħiħ mal-Knisja u jidħlu fid-dmir aqwa li bil-kliem u bl-għemil ixerrdu u jħarsu l-fidi bħala xiehda tassew ta' Kristu.

5. F'Ġesù, il-bniedem laħaq l-ogħla suċċess li qatt jista' jilħaq; suċċess li ma jinkludix biss ir-rebħa fuq dak kollu li jfixkel jew ijassar il-bniedem, iżda jiġbor fih ukoll, l-iżvilupp sħiħ ta' dak kollu li jwassal il-bniedem għall-perfezzjoni tiegħu.

6. L-ewwel ħaġa li n-nisrani jrid jagħmel hija li jagħraf u japprezza dawn il-ħwejjeġ kbar li rċieva minn Alla u li jagħtuna stima hekk għolja tagħna nfusna. Jekk ma nagħrfux dan, nitilfu l-qalba ta' l-aħbar it-tajba tal-proġett li Alla qiegħed joffrilna fi Kristu Ġesù.

7. It-tieni ħaġa li n-nisrani jrid jagħmel meta jagħraf id-dinjità għolja li rċieva b'xejn minn Alla hija li jiżviluppa fih sens qawwi ta' tifħir u ta' ringrazzjament minn qiegħ il-qalb.

8. Waqt li jgħix fl-atteġġjament kbir ta' gratitudni lejn Alla, it-tielet ħaġa li in-nisrani jrid jagħmel hija li jfittex li jkun koerenti ma' dak li hu. Jekk hu iben ta' Alla, ħa jgħix ta' iben ta' Alla; jekk miet u qam fi Kristu u ġie mmarkat bis-siġill tiegħu, ħa jgħix bl-ispirtu ta' Kristu. Huwa biss fit-tagħlim u fl-eżempju ta' Kristu li n-nisrani jsir jaf kif jgħix fil-prattika d-dinjità ta' iben Alla.

9. Biex nistgħu nagħżlu skond il-ħsieb u l-ispirtu ta' Ġesù, irridu niffurmaw moħħna u qalbna fuq il-valuri tal-Bibbja l-aktar ta' l-Evanġelju, kif huma mifhuma fil-Knisja li fuqha bagħat l-Ispirtu biex imexxiha fil-verità u fl-imħabba.

10. Issa li mxejna sew 'il quddiem fl-iżvilupp ta' l-intelliġenza u tar-rieda ħielsa tagħna, nistgħu ngħidu li t-tweġiba li Alla jistenna minna hija tweġiba li rridu neħduha fil-fond tal-kuxjenza tagħna ffurmata tajjeb.

11. Ilkoll imsejħin biex nimxu wara Ġesù, iżda mhux ilkoll imsejħin biex nimxu warajh bl-istess mod jew biex nagħmlu l-istess ħwejjeġ. L-importanti mhux li nagħmlu affarijiet straordinarji, iżda li l-affarijiet l-aktar ordinarji fil-ħajja ta' kuljum nagħmluhom bi mħabba li tixbah kemm jista' jkun lil dik ta' Ġesù.

12. Marija hija l-ogħla mudell tat-tweġiba tagħna. Hija l-aktar waħda fost il-bnedmin li magħha s-Setgħani għamel ħwejjeġ kbar. Fl-istess ħin hija l-aktar waħda li wieġbet bl-aktar mod sħiħ għal dak li Alla ried minnha.

Fost il-ħwejjeġ kbar li Alla għamel magħha, l-aktar importanti huma dawk li joħorġu s-sehem tagħha fil-pjan ta' Alla, u li l-Knisja ħasset il-ħtieġa li tippreżentahom bħala dommi tal-fidi: i. Marija dejjem Verġni; ii. Marija Omm Alla; iii. Marija mnissla bla dnub tan-nisel — l-Immakulata Kunċizzjoni; iv. Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem — l-Assunta jew Santa Marija.

Niftakru, iżda, li l-Bibbja tagħti l-ogħla tifħir lil Marija, l-ewwel u qabel kollox, għax hi semgħet il-kelma ta' Alla u wieġbet għaliha bl-akbar ġenerożità (ara *Lq 2, 45* u *Lq 11, 28*).

13. F'Marija għandna l-ogħla eżempju ta' dak li kapaċi jagħmel il-messaġġ nisrani fil-bniedem li jrid isib tassew id-dinjità tiegħu. Waqt li jagħtih l-ogħla dinjità li qatt il-bniedem jista' jikseb, id-dinjità ta' iben ta' Alla, il-messaġġ nisrani jwasslu biex, flok ifittex is-suppervja, il-pika, l-għira u l-firdiet, juża d-dinjità u t-talenti li rċieva f'servizz ta' mħabba u ta' solidarjetà lejn min hu fil-bżonn.



# IL-ĦAJJA X'TISWA?

2

## Objettiv Ġenerali

Fil-proġett ta' Alla għalina
nagħrfu tabilħaqq min aħna,
nagħrfu tassew kemm niswew.
Nagħrfu li fil-magħmudija
huwa għamilna wliedu,
aħwa ta' Kristu,
tempji ta' l-Ispirtu
u werrieta tas-Saltna.

Imma, waqt li aħna wlied Alla,
aħna nibqgħu bnedmin.
Irridu għalhekk nistaqsu:
X'valur għandha l-ħajja
tal-bniedem,
ta' kull bniedem,
u f'kull waqt
ta' l-eżistenza tiegħu,
mit-tnissil sal-mewt?

Fi żmienna
qiegħda tiżdied il-konfużjoni
dwar xi stima
għandu jkollna lejn il-ħajja.
Minn naħa
jikbru ħidmiet li jħarsuha;
Minn oħra
jikbru attivitajiet li jeqirduha.

Dwar il-ħajja,
jeħtieġ ikollna prinċipji sodi;
u dan mhux biss
biex nagħrfu
nħaddnuhom f'ħajjitna,
iżda wkoll
biex inkunu nistgħu naħdmu
favur il-ħajja,
fl-aspetti kollha tagħha.

Dan huwa l-objettiv
ta' dan il-Unit.

## Objettivi Partikulari

*L-objettiv ġenerali tkun tista' tilħqu jekk tfittex li tilħaq dawn l-iskopijiet partikulari. Trid issir kapaċi li:*

- Tagħmel lista ta' dawk il-ħwejjeġ jew attivitajiet li fi żmienna huma favur il-ħajja, u lista ta' dawk li huma kontra.
- Mit-Testment il-Qadim u mit-tagħlim u l-eżempju ta' Ġesù, turi kif Alla waħdu hu Sid il-ħajja tal-bniedem u kif din trid tkun imħarsa u mseddqa.
- Turi x'importanza għandu s-sagrament tal-griżma tal-morda fil-ħajja tan-nisrani.
- Turi u tispjega x'inhu t-tagħlim nisrani kif imfisser mill-Knisja Kattolika dwar (i) l-omiċidju, s-*self-defence* u l-piena tal-mewt; (ii) l-abort, it-*test-tube babies* u l-interventi fuq il-wirt ġenetiku; (iii) l-ewtanasja u s-suwiċidju; (iv) attivitajiet li jqiegħdu l-ħajja fil-periklu bla bżonn; (v) ir-rispett lejn l-annimali.
- Tispjega x'inhi l-attitudni nisranija lejn l-ambjent u l-iżvilupp teknoloġiku.
- Tagħmel lista tar-raġunijiet li jwasslu għall-vjolenza biex tagħraf kif tista' teqridha mill-għeruq.

## Tqassim tas-Suġġetti

***F'dan il-Unit is-suġġetti huma ppreżentati f'din l-ordni:***

❑ Riċerka mill-mass-media dwar attivitajiet favur u attivitajiet kontra l-ħajja. ❑ X'tgħid il-Bibbja dwar il-ħajja ❑ Is-siwi tas-sagrament tal-morda. ❑ Il-qtil, is-self-defence, il-piena kapitali. ❑ L-abort, it-test-tube babies u l-interventi fuq il-wirt ġenetiku. ❑ L-ewtanasja, is-suwiċidju, il-kura b'mezzi straordinarji. ❑ Perikli għall-ħajja: id-droga, l-alkoħol, it-tipjip, l-ikel ħażin għas-saħħa, is-sewqan bla prudenza, il-logħob tan-nar. ❑ Rispett lejn l-annimali. ❑ Il-ħarsien u l-iżvilupp ta' l-ambjent. ❑ Kif negħlbu l-vjolenza mill-għeruq.



# Analiżi ta' Sitwazzjoni

**Riċerka**

**X'qed jitwassal fuq il-mezzi tax-xandir**

- Fil-klassi nagħmlu riċerka ħafifa fuq dak li qed jidher jew jinstema' fuq il-mezzi tax-xandir dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħajja.
- Nistgħu nagħmluha fi gruppi jew fil-klassi kollha.
- Naqsmu l-whiteboard f'żewġ kolonni. F'waħda minnhom niktbu dawk it-tendenzi, ideat jew azzjonijiet li fil-fehma tagħna huma favur il-ħarsien u l-iżvilupp tal-ħajja; fil-kolonna l-oħra niktbu dak li hu kontra.

Ninnutaw li fl-attitudni li għandhom lejn il-ħajja n-nies ta' żmienna, niltaqgħu ma' diversi kontradizzjonijiet; waqt li qiegħda tikber is-sensibbiltà lejn il-ħtiġijiet ta' l-anzjani, lejn d-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u lejn il-ħarsien ta' l-ambjent, qed jikbru wkoll il-vjolenza, it-tixrid tad-droga, it-tinġis ta' l-arja u l-mentalità favur l-abort u l-ewtanasja.

Għalhekk, importanti ħafna li llum aktar mill-bieraħ, ikollna ideat ċari: (a) dwar x'tiswa l-ħajja tal-bniedem, (b) għaliex il-ħajja tal-bniedem tiswa daqshekk, u (ċ) liema attitudni u liema impenn għandu jkollna fil-ħarsien u l-iżvilupp tal-ħajja mill-ewwel waqt tat-tnissil sa l-aħħar waqt tat-tmiem tagħha.

# fid-dawl tal-messaġġ

## 1 Il-Kelma ta' Alla dwar il-ħajja

### ħidma għad-dar



- Fittex is-siltiet li ġejjin fil-Bibbja u iktibhom fuq il-pitazz tar-Reliġjon. Is-siltiet insibuhom f'dawn ir-referenzi:

  i) Salm 104, 30 — ii) Ġenesi 9, 5
  iii) Mattew 5, 21-22 — iv) Mattew 25, 34-35

- Ikteb fi kliemek dak li fil-fehma tiegħek irid jgħid Alla f'dawn is-siltiet fuq il-ħajja tal-bniedem.

- Fittex stampi, ritratti, tpinġija jew xi materjal ieħor dwar: ***Il-ħtiġijiet tan-nies ta' żmienna***. Meta jkun il-waqt, ġibhom fil-klassi biex int u sħabek tagħmlu *chart* kbira dwar: ***L-Opri tal-Ħniena Ilum*** li fuqhom se nkunu ġġudikati.

**i. Il-ħajja ġejja minn Alla**

Waqt li l-idoli tal-pagani "għandhom il-għajnejn u ma jarawx, għandhom il-widnejn u ma jisimgħux, u ebda leħen ma joħroġ minn fommhom" (*Salm 115, 5-7*), Alla waħdu hu l-Ħaj li minnu tiġi kull ħajja oħra: il-ħajja tal-ħxejjex (*Ġen 1, 11*), il-ħajja tal-ħut u ta' l-għasafar (*Ġen 1, 20*), il-ħajja ta' l-annimali (*Ġen 1, 24*), fuq kollox, il-ħajja tal-bniedem (*Ġen 2, 7*).



F'wieħed mill-isbaħ Salmi li jgħannu l-għerf u l-kobor ta' Alla kif jidhru fil-ħolqien, insibu li Alla mhux biss ħalaq il-ħajja, iżda għadu jmexxiha u jġeddidha:

> Minnek jistennew il-ħlejjaq kollha
> li tagħtihom ikilhom f'waqtu.
> Inti tagħtihom, u huma jiġbru;
> tiftaħ idejk u jixbgħu bil-ġid.
> Jekk taħbi wiċċek, huma jinfixlu;
> Jekk toħdilhom nifishom, imutu,
> u lejn it-trab jerġgħu jmorru.
> Malli tibgħat l-ispirtu tiegħek, jinħolqu,
> u inti ġġedded il-wiċċ ta' l-art.
>
> *(Salm 104, 27-30)*



RAFFAELLO (1483–1520) – Id-Dehra ta' Eżekjel, Palazzo Pitti, Firenze.

## ii. Alla jsieħeb il-bniedem fil-ħarsien u t-tkattir tal-ħajja

Skond il-ħsieb ta' Alla, kif muri lilna fil-Bibbja, minn naħa, il-ħajja hija rigal mogħti minn Alla nnifsu lill-bniedem. Il-bniedem għalhekk irid jgħożż dan ir-rigal tal-ħajja afdat f'idejh; u mhux biss irid iħarsu u jieħu

ħsiebu, iżda jrid ukoll ikabbru u jġibu 'l quddiem: "Nisslu u oktru u imlew l-art" (*Ġen 1, 28*). Fil-għaqda taż-żwieġ, fejn "ir-raġel jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" (*Ġen 2, 24*), il-bnedmin huma msejħa biex jaħdmu id f'id ma' Alla fil-ħolqien ta' ħajjiet ġodda.

## iii. Ħajjet il-bniedem f'idejn Alla waħdu

Iżda min-naħa l-oħra, is-setgħa assoluta fuq il-ħajja tal-bniedem, Alla baqa' jżommha għalih innifsu. Ħadd ma għandu dritt ineħħi ħajtu b'idejh jew jeqred il-ħajja ta' ħaddieħor.




Alla jagħti l-ħajja lill-bniedem.
Kappella Palatina, Palermo.

Alla biss huwa s-Sid tal-ħajja u tal-mewt. "Araw issa li jien, jien hu, u m'hemm ebda alla ħdejja; huwa jien li nagħti l-mewt u li nagħti l-ħajja" (*Dewt 32,39*). Il-kmandament "La toqtolx" (*Eż 20, 13*) irid jipprojbixxi b'mod mill-aktar qawwi mhux biss ħsara gravi li wieħed jista' jagħmel lil ħaddieħor; irid jipprojbixxi wkoll is-serq ta' dritt li jmiss lil Alla waħdu. "Mingħand kull wieħed nitħallas tal-ħajja ta' bniedem ieħor bħalu" (*Ġen 9, 5*).

## iv. F'Ġesù, il-ħajja tal-bniedem tilħaq il-milja tagħha

### ♦ Fil-persuna u l-ħidma tiegħu

Fil-persuna u fil-ħidma ta' Ġesù, il-ħajja laħqet il-milja tagħha: "Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru; kulma sar kellu l-ħajja fih u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin" (*Ġw 1, 3-4*). Ġesù ġie fid-dinja biex jeqred

il-ħakma tad-dnub li minnu ġew it-tbatija u l-mewt. Dan ifisser li l-ġlieda ta' Ġesù kontra l-ħażen kienet tiġbor fiha wkoll il-ġlieda kontra l-mard u kontra kulma jgħakkes jew ixekkel il-ħajja tal-bniedem. Fil-fatt, il-morda li kienu jiltaqgħu miegħu kienu jħossu li fih kien hemm qawwa li tirbaħ il-mard u tfejjaq, qawwa li tkattar is-saħħa u tqajjem għal ħajja ġdida. Il-kliem ta' Ġesù: "Jien ġejt biex ikollkom il-ħajja, u l-ħajja bil-kotra" (*Ġw 10, 10*) bdew jesperimentawh dawk kollha li resqu lejh bil-fidi.

Għal Ġesù, il-ħajja u s-saħħa tal-bniedem huma rigal prezzjuż li jeħtieġ ikun imħares qabel il-ħarsien tal-mistrieħ f'jum is-Sibt. Fit-tagħlim tal-Fariżej, il-mistrieħ tas-Sibt bħala ħarsien taż-żmien mogħti għall-qima ta' Alla seta' jinkiser biss f'każ ta' periklu immedjat ta' mewt. Għal Ġesù, iżda, dak li l-aktar jogħġob lil Alla f'jum is-Sibt kien li wieħed "jagħmel il-ġid" (*Lq 6, 9*), li wieħed "ifejjaq" (*Lq 14, 3*) u li "ssalva ħajja" (*Mk 3, 4*).

Il-mirakli ta' Ġesù juru li l-interess tiegħu huwa l-ġid tal-bniedem sħiħ, mhux biss fir-ruħ iżda wkoll fil-ġisem.



Ġesù jfejjaq f'jum is-Sibt, Duomo ta' Monreale, Sqallija.

## Fit-tagħlim tiegħu

Fit-tagħlim tiegħu, Ġesù jmur aktar fil-fond mit-tagħlim li kienu jgħallmu r-Rabbini ta' żmienu dwar il-ħarsien tal-ħajja. Ġesù jgħidilna li, mhux biss ma għandniex nagħmlu **ħsara li tidher** bħal 'La toqtolx'; jgħidilna wkoll li **anqas għandu jkollna ħsibijiet jew xewqat li nagħmlu l-ħsara**. Ma għandniex inżommu dawk is-sentimenti ta' għira, ta' korla, ta' mibegħda, ta' vendetta, li ħafna drabi nsibuhom fl-għerq tal-ħsara li nagħmlu lil ħaddieħor. Għal Ġesù, il-ħarsien tal-ħajja ta' ħaddieħor irid jibda minn ġewwa, mill-ħsibijiet, mix-xewqat u mis-sentimenti tal-qalb.

Fit-tagħlim tiegħu, Ġesù jurina wkoll li ma għandniex nikkuntentaw biss li ma nagħmlux ħsara lil ħaddieħor. Ġesù jridna naraw kif bil-fatt **ngħinu u nkunu ta' ġid għall-oħrajn**, ukoll b'sagrifiċċju personali

tagħna. "Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom". (*Mt 7, 12*).



DUCCIO DI BONINSEGNA
(1255–1319)
Ġesù jfejjaq l-agħma,
Mużew tad-Duomo,
Siena.

Ġesù jagħti importanza hekk kbira lill-ħajja tal-bniedem li **ried jagħmilha suġġett ewlieni li fuqu sejjer jiġġudikana.** (*Mt 25, 34-40*)

## 2 Is-Sagrament tal-Morda

Fuq it-tagħlim u l-eżempji ta' Ġesù, il-Knisja ma waqfet qatt tagħmel il-qalb u ġġib 'il quddiem kull għamla ta' ħidma favur il-morda. Dan tixhdu l-ħidma ta' tant qaddisin, Ordnijiet u Istituti Reliġjużi li tul l-Istorja ddedikaw ħajjithom għal dawk li b'xi mod kellhom ħajja mnaqqsa: il-morda, persuni b'diżabbiltà, l-anzjani. (Fittex eżempji ta' dawn u aqsamhom ma' sħabek tal-klassi.)

Bl-istess spirtu, il-Knisja trid tħeġġeġ lill-istudjużi u lit-tobba biex jagħmlu kull sforz ħalli jsibu l-kawżi tal-mard, u jipprovdu l-mediċini biex inaqqsu t-tbatija u jġibu l-fejqan.

Fost l-għajnuniet li bihom il-Knisja trid turi l-imħabba tagħha lejn il-morda, insibu sinjal partikolari li Ġesù ried jafda f'idejha u li fih u bih irid jissokta jiltaqa' mal-marid: **is-Sagrament tal-Morda**.

Dan is-sagrament waqqfu Ġesù u xxandar mill-Appostlu San Ġakbu meta kiteb:

> Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja; u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej: it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu
>
> *(Ġak 5, 14-15).*



Meta l-marid ikun fil-periklu, tinħtieġlu grazzja partikulari mingħand Alla biex, fid-dwejjaq li jkunu jagħfsuh, mhux biss ma jaqtax qalbu u forsi jonqos mill-fidi, iżda jagħraf jissieħeb fil-passjoni u l-mewt ta' Kristu u hekk jagħti sehmu għall-ġid tal-Poplu ta' Alla (ara *Rum 8, 17*). Hu għalhekk li, fin-nuqqas ta' saħħa li jġarrab in-nisrani, Kristu jsaħħu bil-preżenza speċjali tiegħu fis-Sagrament tal-Morda, bħala għajnuna mill-iżjed qawwija kemm għar-ruħ u kemm għall-ġisem.

Kemm hu possibbli, il-Griżma tal-Morda titlob li l-marid jagħti sehmu permezz tal-fidi u l-fiduċja fil-preżenza tal-Mulej li jrid jagħtih l-għajnuna biex isalva kollu kemm hu. Biex dan jista' jseħħ jeħtieġ li tinqata' d-drawwa li dan is-sagrament jitħalla għal meta wieħed jkun wasal fil-waqt tal-mewt u għalhekk aktarx ikun mitluf u ma jkunx jaf x'qiegħed isir.

Dan is-sagrament għandu jingħata lill-insara li jkollhom ħajjithom fil-periklu jew minħabba l-mard jew minħabba x-xjuħija. Marda dikjarata bla fejqan tista' titqies ukoll bħala żmien xieraq li fih wieħed jista' jirċievi dan is-sagrament. Għandhom ikunu l-insara nfushom li jitolbu biex jirċievu dan is-sagrament b'fidi u devozzjoni meta jidħlu f'qagħda ta' periklu li tippermettilhom jirċevuh.

## 3 Il-Qtil

Wara li rajna x'tgħid il-kelma ta' Alla fil-Bibbja dwar il-ħajja b'mod ġenerali, nidħlu issa f'aspetti aktar partikulari bħalma huma l-omiċidju, l-abort, l-ewtanasja, id-droga u l-ekoloġija. Fi żmienna d-dibattitu fuq il-biċċa l-kbira ta' dawn il-kwistjonijiet huwa aktarx qawwi; mhux hekk

biss, iżda atti li fil-ħsieb nisrani huma għamliet ta' qtil bħall-abort u l-ewtanasja, qed ikunu ppreżentati bħala atti ta' ħniena u ta' mħabba lejn min ikun qiegħed ibati ħafna. Importanti, għalhekk, li nifhmu sewwa l-ħsieb ġenwin tal-messaġġ nisrani fuq dawn il-problemi.



**diskussjoni fi gruppi**

**Il-Vjolenza u l-Qtil**

i. Minn dak li tisma' jew taqra, taħseb li ż-żgħażagħ tal-lum qed isibuha anqas bi tqila biex jużaw il-vjolenza milli kienu ż-żgħażagħ ta' żmien ilu? Jekk iva, għaliex?

ii. Kemm taħseb li l-vjolenza u l-qtil li wieħed jara fuq it-TV jew fuq il-videos jinfluwenzawh biex hu wkoll jasal li jagħmel l-istess?

iii. Fil-fehma tiegħek, jista' wieħed joqtol biex jiddefendi ruħu minn min jiġi jattakkah?

iv. Taqbel li l-Istat jagħti l-piena tal-mewt lil min il-Qorti ssibu ħati li qatel lil ħaddieħor bħal ma għadu jsir f'xi Stati ta' l-Amerika?

### i. Il-qtil: dnub mill-aktar gravi

Lix-xitan Ġesù jsejjaħlu "qattiel sa mill-bidu" (*Ġw 8, 44*); kien bil-ħidma tiegħu li l-mewt daħlet fid-dinja. Min joqtol ikun qiegħed jissieħeb mill-qrib mal-ħidma tax-xitan u bħalu jkun qiegħed jieħu pożizzjoni kontra Alla, l-għajn tal-ħajja. Min joqtol mhux biss ikun qiegħed iċaħħad lill-maqtul mill-ogħla ġid tiegħu f'din id-dinja, iżda jkun ukoll qiegħed iqegħedlu ruħu fil-periklu, l-aktar meta jaħsadlu ħajtu mingħajr ma jagħtih iż-żmien biex iħejji lilu nnifsu qabel ma jidher quddiem Alla.

Bir-raġun, għalhekk, San Ġwann fl-ewwel ittra tiegħu jikteb: "Intom tafu li ebda qattiel ma għandu fih il-ħajja ta' dejjem" (*I Ġw 3, 15*). L-

omiċidju huwa dnub mill-aktar gravi li jistħoqqlu t-telfien ta' dejjem. L-ewwel omiċidju fil-Bibbja huwa dak ta' Abel minn ħuh Kajjin.



LAZZARO PISANI
(1854–1932)
Il-qtil ta' Abel minn ħuh Kajjin,
Kollezzjoni privata, Valletta.

Fl-omiċidju jkunu responsabbli wkoll dawk li volontarjament jagħtu sehemhom biex il-qtil iseħħ.

Irridu nagħmlu ħilitna biex inżommu għoli r-rispett li jmissu jkollna lejn is-saħħa u l-ħajja ta' ħaddieħor.

## ii. L-influwenza tal-media

Normalment, aktar ma wieħed jara lil min iwettaq il-vjolenza fil-ħajja ta' kuljum, aktar tikber fih id-dispożizzjoni li jagħmel l-istess meta jsib ruħu f'ċirkustanzi bħal dawk li jara: l-eżempju jkaxkar. Illum nistgħu ngħidu li din mhix xi impressjoni ġenerali, iżda ġiet ukoll konfermata b'diversi riċerki ta' natura xjentifika: aktar ma t-tfal jgħaddu sigħat quddiem it-televiżjoni, aktar isiru aggressivi, l-aktar jekk fi tfulithom ikollhom diġà ċerta dispożizzjoni għall-vjolenza.



Dak li jinfluwenza l-aktar b'mod negattiv ma jidhirx li hu biss li, minn fuq it-TV, it-tfal jitgħallmu x'jistgħu jagħmlu biex jorganizzaw ċertu serq u kif iwettqu ċerta vjolenza. L-agħar influwenza tidher li ġejja mill-fatt li taħt stejjer aktarx interessanti, il-vjolenza tkun ippreżentata bħala ħaġa normali u li, kollox ma' kollox, fil-prattika ħafna jaċċettawha.

### iii. Tista' toqtol biex tiddefendi ruħek?

Jistgħu jeżistu sitwazzjonijiet fejn wieħed ikun jista' joqtol lil ħaddieħor? Huwa kollu minnu li l-ideal nisrani, kif imfisser minn Ġesù fid-diskors tal-muntanja, (ara *Mt 5, 38-42)*, huwa li wieħed ma għandux ikun vjolenti iżda li għandu jfittex jirbaħ id-deni bil-ġid. Iżda huwa veru wkoll li l-morali nisranija ma tikkundannax lil min, f'każi estremi, jasal biex joqtol lil min jattakkah b'mod inġust.

F'każi fejn wieħed ikun responsabbli biex iħares il-ħajja ta' ħaddieħor, bħal missier lejn uliedu ċkejknin, pulizija lejn il-ġid komuni, suldat għassa ma' tagħmir nukleari, id-difiża leġittima tista' tkun mhux biss dritt, imma wkoll dmir (ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (K.K.K.) par. 2265)*.

Importanti, iżda, li min jasal biex joqtol lil min jattakkah b'mod inġust
a) ikollu ħajtu tassew f'periklu serju,
b) ma jkunx jista' jiddefendi ruħu b'mod ieħor u
ċ) ma jagħmilx dan b'sentimenti ta' mibegħda jew ta' vendetta.

### iv Il-piena tal-mewt

Punt ieħor li fuqu jista' jkun hemm fehmiet differenti, l-aktar meta xi ħadd iwettaq numru ta' delitti ħorox li jqanqlu għagħa fil-pajjiż, huwa jekk għandniex nerġgħu ndaħħlu f'Malta l-piena tal-mewt. F'xi pajjiżi, ukoll dawk li jqisu ruħhom mill-aktar żviluppati, bħal xi wħud mill-Istati Uniti, il-piena tal-mewt għadha tingħata.

Huwa kollu minnu li l-qerda tal-ħajja ta' bniedem hu delitt mill-aktar gravi li ħaqqu l-ogħla kastig. Imma x'inhu l-kastig ġust għal min jinstab ħati li qatel lil ħaddieħor?

Sa ftit snin ilu, u nistgħu ngħidu fiċ-ċiviltajiet kollha li nafu bihom, il-ħlas ġust ta' min joqtol lil ħaddieħor kien li huwa nnifsu jinqatel wara li b'mod ġust ikun instab ħati mill-awtorità leġittima. B'dan il-mod kien meqjus li qed jintlaħqu żewġ għanijiet ewlenin: (a) kienet issir ġustizzja mal-maqtul u ma' qrabatu u (b) kien jingħata kastig aħrax biżżejjed biex ibeżża' u jżomm lil ħaddieħor milli jagħmel l-istess.

Ħafna huma l-pajjiżi li f'dawn l-aħħar snin neħħew il-piena kapitali, kemm minħabba l-aspett selvaġġ u inċivili tagħha u kemm minħabba



Il-forka li biha kienet tingħata l-piena kapitali fil-ħabs ta' Kordin.

l-fatt li ma nistgħux neskludu li jista' jinqatel min ikun innoċenti. In-nisrani, fuq il-kliem ta' Ġesù, ma jistax jaċċetta l-aspett ta' tpattija jew ta' vendetta fil-kastig li jingħata. In-nisrani ma jistax jaċċetta li, għax bniedem neħħa l-ħajja ta' ħaddieħor, għandhom issa jneħħulu ħajtu; dan mhux differenti mill-"għajn b'għajn, u sinna b'sinna" li kkundanna Ġesù.

Huwa veru li l-moralità nisranija ma teskludix għal kollox li, f'xi każi eċċezzjonali, is-soċjetà ċivili, l-aktar fejn ma għandhiex mod ieħor biex tħares il-ħajja taċ-ċittadini tagħha, tista' tasal biex tagħti l-piena kapitali. Iżda huwa veru wkoll li każi bħal dawn diffiċli ħafna biex iseħħu. L-insara għandhom jagħmlu ħilithom biex min żbalja jingħata l-għajnuna kollha biex jindem u jibdel ħajtu. (ara *K.K.K. par. 2267*)

## 4 L-Abort

Nibdew din it-taqsima billi nagħmlu analiżi ta' każ konkret. Naqrawh fis-skiet u bl-attenzjoni biex imbagħad inkunu nistgħu naqsmu ma' sħabna dak li naħsbu dwaru.

> Xebba ta' erbgħa u għoxrin sena ġiet vjolentata minn raġel li ma tafux. Ftit taż-żmien wara ndunat li se jkollha tarbija. L-għarus tagħha ma joħlomx li jiżżewwiġha b'tarbija li mhijiex tiegħu. Għalhekk jgħidilha ċar u tond li jekk trid tkompli miegħu trid tfittex li tagħmel abort.

## diskussjoni fi gruppi



i. X'tifhem bil-kelma "abort"? X'differenza tara bejn abort u kontraċezzjoni?

ii. X'taħseb li ħasset it-tfajla meta ndunat li ħarġet tqila?

iii. X'taħseb li hija r-raġuni li għaliha l-Knisja tikkundanna l-abort b'mod mill-aktar qawwi?

iv. X'inhi l-fehma tiegħek dwar min jgħid li l-ħajja ġdida li tnisslet f'ġuf l-omm tista' titqies bħala parti mill-omm u għalhekk ħadd ma għandu d-dritt jindaħal x'tagħmel l-omm bil-ħajja privata tagħha?

v. Kieku ix-xebba tal-każ li qrajna tiġi għandek biex titolbok parir, x'kont tgħidilha?

### i. L-abort u l-kontraċezzjoni

Nispeċifikaw mill-ewwel li hemm differenza kbira bejn kontraċezzjoni u abort. Ikollna kontraċezzjoni meta jintużaw xi mezzi biex ma ssirx il-fekondazzjoni, jiġifieri biex ma ssirx l-għaqda bejn l-isperma u l-ovulu li twassal għal ħajja ġdida. Ikollna abort meta jintużaw mezzi biex tinqatel f'ġuf l-omm ħajja li tkun diġà bdiet, jiġifieri wara li tkun saret il-fekondazzjoni. Fl-abort, għalhekk, għandna tabilħaqq qtil ta' ħajja ta' bniedem.

### ii. Kontradizzjoni ta' żmienna

Waħda mill-kontradizzjonijiet kbar ta' żmienna huwa l-fatt li, waqt li qed tiżdied is-sensibbiltà u l-ħidma tal-bniedem favur il-ħarsien u l-iżvilupp tan-natura, il-bniedem kull ma jmur qed isir agħma quddiem il-qerda ta' ħajjiet innoċenti permezz ta' l-abort. Waqt li l-piena kapitali

qiegħda titneħħa minn ħafna pajjiżi bħala liġi li ma tixraqx lil pajjiż ċivilizzat, kważi fil-pajjiżi kollha ta' l-Ewropa, fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, fl-Awstralja, fl-Indja u f'diversi pajjiżi ta' l-Asja u ta' l-Afrika daħlet il-liġi li tippermetti qtil ta' miljuni ta' ħajjiet umani f'ġuf ommhom, ħajjiet li l-uniku delitt li wettqu kien li ommhom ma xtaqithomx.



### iii. X'tgħallem il-Knisja dwar l-abort

Fuq l-eżempju ta' Ġesù, il-Knisja tieħu l-parti tal-fqir, tal-batut, taż-żgħir u ta' min ma għandux leħen biex jipprotesta. F'dinja li tqis il-liġi li tippermetti l-abort bħala sinjal ta' progress, il-Knisja tmur kontra l-kurrent u tisħaq bl-akbar qawwa li "l-ħajja, ladarba titnissel, jeħtieġ li tkun imħarsa bl-akbar reqqa; l-abort u l-qtil tat-trabi huma delitti mill-agħar". (*GS par 51*)



Gianna Beretta Molla (1922–1962), tabiba, omm ta' żewġt itfal mill-isbaħ, bniedma ferrieħa, mara li kienet tħobb tivvjaġġa, tixxija fuq is-silġ u tixxabbat mal-muntanji fejn kienet tara l-kobor t'Alla. Din l-omm qalbiena ddeċidiet b'kuraġġ kbir li tmut hi biex issalva t-tarbija tagħha li kienet għadha fil-ġuf. B'fiduċja sħiħa fil-providenza t'Alla, riedet tkun omm li tagħti kollox sa l-aħħar. Gianna ġiet proklamata Beata mill-Papa Ġwanni Pawlu II nhar l-24 ta' April 1994 fil-preżenza ta' żewġha Pietro u ta' bintha li għaliha kienet tat ħajjitha.

Il-Knisja tinsisti li l-ħajja tal-bniedem għandha tkun imħarsa u rispettata sa mill-ewwel waqt ta' l-eżistenza tagħha; u l-ewwel waqt ta' l-eżistenza tagħha huwa l-waqt tat-tnissil, il-waqt tal-fertilizzazzjoni. Sa mit-tnissil, il-ħajja ġdida li bdiet hija ħajja distinta mill-ħajja ta' l-omm; u skond ix-

xjenza tal-ġenetika, il-karatteristiċi fundamentali ta' kif tkun fil-ġejjieni l-persuna adulta, diġà jinsabu potenzjalment f'dik id-daqsxejn ta' ħajja. Il-bajda fertilizzata hi diġà ħolqien uman. Dan ifisser li l-omm li nisslet mhux qed iġġorr f'ġufha biċċa minn ġisimha li fuqha tista' tiddeċiedi kif jidhrilha. F'ġufha qed iġġorr ħajja ta' bniedem ieħor li għandha dmir tħarsu u tirrispettah bħala bniedem maħluq xbieha ta' Alla.

Int sawwart
il-ġewwieni tiegħi,
u f'ġuf ommi inti nsiġtni.
Irroddlok ħajr,
għax ta' l-għaġeb għamiltni.

(*Salm 139, 13*)



## F'każ ta' embriju diżabbli

Wieħed jista' jifhem ix-xokk kbir u l-għafsa ta' qalb li jġarrab min isir jaf li se jkollu tarbija fiżikament jew mentalment diżabbli. It-tbatija tat-tarbija u l-isforzi li wieħed irid jagħmel biex irabbiha għall-ewwel jistgħu jidhru kbar iżżejjed. Iżda rridu niftakru li d-dinjità tal-ħajja tal-bniedem ma tiddependix minn kemm it-tarbija tkun marida jew f'saħħitha; is-siwi tal-ħajja tal-bniedem ma jitqiesx minn kemm tkun perfetta jew difettuża. Id-dinjità tal-ħajja tal-bniedem ġejja biss mill-fatt li hija ħajja **ta' bniedem**. Huwa dmir tas-soċjetà, u l-aktar ta' l-insara, li lill-ġenituri tat-tfal b'diżabbiltà ma jħalluhomx waħedhom, iżda kemm huwa possibbli jagħtuhom is-sapport u l-għajnuna tagħhom, biex uliedhom ikunu milqugħa bħal kull persuna oħra u jkunu jistgħu jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom. Irridu nilqgħu b'sodisfazzjon l-isforzi li qed isiru fi żmienna biex kull persuna diżabbli tkun milqugħa u rrispettata fid-drittijiet kollha tagħha.

## F'każ ta' tnissil bi vjolenza sesswali

Każ ieħor li jġib diffikultà huwa meta titnissel ħajja bħala riżultat ta' vjolenza sesswali. Huwa veru li, f'każ bħal dan, il-mara tkun qed iġġorr tarbija mnissla minn raġel li ma tafx; huwa veru li tista' titlef il-fama tagħha; huwa veru li t-tarbija tnisslet mhux b'att ta' mħabba, iżda b'att ta' vjolenza. Iżda huwa veru wkoll li l-ħajja tat-tarbija ġdida li tnisslet hija

għal kollox innoċenti u ma għamlet ebda offiża biex tkun meqruda. Huwa għal kollox żbaljat min jipprova jħares lejn it-tarbija fil-ġuf bħallikieku kienet xi aggressur inġust. Il-qtil ta' tarbija innoċenti qatt ma jista' jintuża bħala mezz biex l-omm teħles minn xi inkwiet serju li jista' jkollha. Huwa dmir tagħna l-insara li, f'każi ta' tfajliet mhux miżżewġa li jsiru ommijiet, naraw li kemm it-tarbija u kemm l-omm ikunu milqugħa u mogħtija s-sapport u l-għajnuna kollha li jeħtieġu. Il-Knisja f'Malta tagħti l-għajnuna tagħha f'każi bħal dawn permezz tas-sorijiet tal-"Bon Pastur" u f'Għawdex permezz tad-"Dar Ġużeppa Debono".

### ◆ Fil-każ tat-"test-tube babies"

Minħabba ċerti kawżi ta' infertilità, ċerti koppji, li llum iqisu li jlaħħqu ma' l-10%, ma jistax ikollhom tarbija b'mod normali. Biex koppji bħal dawn xorta waħda jista' jkollhom tarbija, qed jiġu żviluppati diversi metodi ta' riproduzzjoni artifiċjali. Fost dawn il-metodi hemm it-teknika, li b'mod popolari nsibuha bħala t-teknika tat-*test-tube babies*. B'din it-teknika, jittieħdu mill-mara diversi ovuli biex jiġu fertilizzati fil-laboratorju bl-isperma li tkun ittieħdet mir-raġel. Wara li ssir il-fertilizzazzjoni, mhux aktar minn erba' embriji jiġu trasferiti fl-utru tal-mara, bit-tama li xi wieħed minnhom jibqa' jiżviluppa.



X'inhu l-ġudizzju morali nisrani dwar din it-teknika? Apparti l-firda ta' l-att prokreattiv mill-att konjugali, (kif naraw fid-dettal fil-Unit dwar iż-żwieġ), dak li qiegħed jiġri s'issa f'din it-teknika huwa li l-ħafna embriji żejda fil-biċċa l-kbira tagħhom qegħdin jinqerdu jew billi jesperimentaw fuqhom jew billi jintremew ma' l-ilma fis-sink tal-laboratorju.

Ma rridux wisq biex nifhmu li, ladarba dawn l-embriji għandhom ħajja umana, il-qerda tagħhom hija għamla oħra ta' abort; hija qtil ta' ħajja innoċenti li għandha kull dritt li tkun rispettata bħal kull bniedem ieħor.

### Interventi fuq il-wirt ġenetiku

"Ċerti interventi fuq il-kromozomi u wirt ieħor ġenetiku ta' l-embriju li jsiru, mhux bi ħsieb ta' fejqan, iżda bil-ħsieb li jitwieldu bnedmin skond is-sess li wieħed ikun irid jagħżel jew b'xi karatteristiċi li wieħed ikun jixtieq, huma immorali. Din il-manipulazzjoni tmur kontra d-dinjità tal-persuna umana u kontra l-integrità u l-identità personali tiegħu". (*Donum Vitae, 1,5*)

## 5 L-Ewtanasja

Din it-taqsima wkoll nidħlu għaliha billi l-ewwel naqraw b'attenzjoni dan il-każ konkret.

Raġel fuq is-sebghin sena, issa ilu s-snin ipparalizzat f'qiegh ta' sodda. Dan l-aħhar tilef id-dawl ta' għajnejh. Mit-testijiet li għadhom kemm għamlulu, sar jaf li qed jiżviluppalu kanċer fis-sinsla ta' dahru; l-uġigħ li se jgħaddi minnu huwa ħaġa li ma tistax timmaġinaha. Tama ta' fejqan ma hemmx. Bintu li tieħu ħsiebu ma tistax tlaħħaq mieghu, ma' żewġha u mat-tliet uliedha. Wara ħafna ħsieb iddeċieda. Talab lit-tabib jagħtih *injection* biex ifittex itemmlu ħajtu. Fil-fehma tieghu, din tkun l-aħjar soluzzjoni għal kulħadd.

### diskussjoni fi gruppi



i. Qatt iltqajt mal-kelma "ewtanasja"? X'taħseb li tfisser?

ii. Kieku kont it-tabib imsemmi fil-każ, x'kont twieġeb għal talba bħal din?

iii. X'taħseb li għandu jagħmel min jidħollu l-ħsieb ikrah li jagħmel suwiċidju?

iv. Jista' wieħed jirrifjuta li jagħmel operazzjoni straordinarja jew li jibqa' jinżamm ħaj b'magni ta' teknoloġija kbira? Għaliex?

# IL-ĦAJJA X'TISWA?

## i. X'inhi l-ewtanasja

L-ewtanasja hija kelma ġejja mill-Grieg u tfisser "mewta bla tbatija". Illum din il-kelma normalment nużawha għal dawk il-każi meta xi ħadd iġib il-mewt fuq ħaddieħor biex ma jħallihx ibati aktar. Bl-Ingliż l-ewtanasja hija magħrufa wkoll bħala *mercy killing*, għax min iwettaqha jippretendi li qed jagħmel dan imqanqal "mill-ħniena" jew għax "jitħassar" lil dak li jkun.

Jekk xi ħadd jitħassar lill-marid għax ikun qed ibati ħafna u, bla ma jiġi mitlub mill-marid, jagħtih xi mediċina li twasslu għall-mewt, dan fil-fatt ikun qed jagħmel omiċidju; ħu qtil ta' bniedem li ma riedx imut. Għemil bħal dan huwa kkundannat mill-pajjiżi kollha.

Ħafna drabi, iżda jkun il-pazjent innifsu li ma jkunx jiflaħ jissaporti aktar u jitlob lit-tabib jew lil xi ħadd minn ta' madwaru biex iġiblu l-mewt. F'każi bħal dawn, f'ħafna pajjiżi Ewropej, qed jinbtu diversi gruppi li huma favur l-ewtanasja u qed jitħabtu biex tkun legalizzata. L-Olanda huwa pajjiż li llegalizza l-ewtanasja li jitlobha l-pazjent. Taħt ċerti kundizzjonijiet li ssemmi l-liġi, it-tabib jista' jġib il-mewt lill-pazjent li jitlobhielu, mingħajr ma jkun imħarrek u akkużat b'omiċidju.

Għalkemm f'dan il-każ l-ewtanasja tista' titqies bħala suwiċidju għax huwa l-pazjent innifsu li jitlob il-mewt tiegħu nnifsu, min jgħinu jagħmel dan, ikun xorta waħda qed jagħmel forma ta' qtil li jmur kontra d-dinjità tal-persuna tal-bniedem u kontra r-rispett li jistħoqq lil Alla l-Ħaj u l-Ħallieq. Dan l-għemil ukoll għandu dejjem jiġi kkundannat u pprojbit.



Il-ħajja hija kollha kemm hi f'idejn Alla. Ukoll f'waqtiet ta' uġigħ qawwi u ta' tbatija kbira nersqu b'fiduċja sħiħa lejn Alla u lejn ommna Marija.

## ii. Is-Suwiċidju

Irridu nifhmu li min jasal biex jitlob jew jagħmel suwiċidju jkun waqa' fi stat qawwi ta' dipressjoni u ta' dwejjaq kbar; ikun qata' qalbu u tilef kull tama f'kollox u f'kulħadd; ikun qed iħares lejn il-mewt bħala l-unika triq biex jeħles mit-tbatija jew sitwazzjoni li ma jistax jissaportiha aktar.

Skond it-tagħlim tal-Bibbja kif imfisser mill-Knisja, imqar fl-aktar sitwazzjoni iebsa u ta' tbatija, ebda bniedem ma għandu dritt fuq ħajtu; ebda bniedem ma għandu dritt ineħħi ħajtu b'idejh jew jitlob lil ħaddieħor jgħinu jagħmel dan. Il-ħajja tibqa' dejjem f'idejn Alla.

Fih innifsu, għalhekk, is-suwiċidju huwa dnub mill-aktar gravi, u min jagħmlu b'għajnejh miftuħa u b'libertà sħiħa jkun qed iwarrab il-pjan ta' Alla fuqu. Ħafna drabi, iżda, min jasal għal dan il-pass ikun għaddej minn taħwid mentali u emozzjonali hekk qawwi li ma jkunx responsabbli biżżejjed ta' dak li jagħmel. Għal din ir-raġuni, il-Knisja ma tirrifjutax li tagħti dfin nisrani lil min ikun temm ħajtu b'dan il-mod u xorta waħda tibqa' titlob għalih il-ħniena ta' Alla bħalma tagħmel għall-insara mejtin l-oħra.

Mhumiex ftit dawk iż-żgħażagħ li jistqarru li, xi darba jew oħra, lilhom ukoll ġiehom il-ħsieb tas-suwiċidju, ukoll jekk imbagħad kollox għadda b'wiċċ il-ġid. Waqtiet ta' dlam u ta' disperazzjoni jistgħu jiġu fuq kulħadd. Kif nistgħu nħejju ruħna għal tentazzjoni ta' din ix-xorta?

Bla dubju, l-aħjar mediċina hija li ta' sikwit nirriflettu fuq il-fiduċja li għandu jkollna f'Alla. Irridu nikbru fil-konvinzjoni li Alla jħobbna bi mħabba hekk kbira li mhux biss ħalaqna xbieha tiegħu, imma ried jagħmilna wliedu; u jekk jieħu ħsieb l-għasafar ta' l-ajru u l-fjuri tal-widien, kemm aktar jieħu ħsieb tagħna (ara *Mt 6, 25-32; Mt 10, 29-31*). Jekk missier ta' l-art ma jagħtix ġebla lil ibnu li jitolbu biċċa ħobż, kemm aktar Missierna tas-sema jaf jagħti ħwejjeġ ta' ġid lil min jitlobhomlu. Huwa b'din il-fiduċja li aħna nitolbu mhux biex "ikun li rrid jien" iżda biex "ikun li trid int kif fis-sema hekda fl-art".

Niftakru wkoll li, meta jiġuna waqtiet ta' dlam, ma għandniex nibqgħu ngħumu fih waħedna, iżda nkunu pronti nfittxu l-għajnuna ta' xi saċerdot, *counsellor* jew xi ħaddieħor li jista' jgħinna. Ħafna drabi n-nuqqas ta' esperjenza tagħna jwassalna biex l-inkwiet li jkollna narawh bil-wisq akbar milli fil-fatt ikun.

### iii. Il-kura li obbligati nieħdu

L-obbligu li wieħed jieħu ħsieb saħħtu jitlob li wieħed ifittex il-kura meta jkun marid. Imma wieħed hu obbligat jagħmel kull tip ta' kura, tkun xi tkun u tqum kemm tqum? Wieħed hu obbligat jieħu kura ukoll meta jaf li din m'hi se tiswielu xejn biex ifiq?

Irridu niddistingwu bejn mezzi ordinarji u mezzi straordinarji. **Mezzi ordinarji ta' kura** huma dawk il-mezzi bħal mediċini, operazzjonijiet jew apparat teknoloġiku li, minn naħa joffru lill-marid tama suffiċjenti ta' ġid, u minn naħa oħra jistgħu jiġu applikati mingħajr tbatija kbira, mingħajr inkwiet serju u mingħajr spejjeż kbar li l-marid jew il-pajjiż ma jkunx jiflaħ għalihom.





**Mezzi straordinarji** huma dawk il-mezzi li jew ma joffrux tama suffiċjenti ta' fejqan, jew iġibu tbatija kbira ħafna lill-pazjent jew jeħtieġu spejjeż enormi. Dwar l-obbligu morali li wieħed jieħu kura, nistgħu ngħidu li wieħed hu obbligat jieħu l-kura meta din tingħata b'mezzi ordinarji; mhux obbligat joħodha meta tingħata b'mezzi straordinarji. Fi kliem ieħor, jeżisti obbligu morali li wieħed jagħti jew jaċċetta kura medika, meta hemm proporzjon raġonevoli bejn il-ġid li joħroġ mill-kura li tingħata u l-inkonvenjenzi u t-tbatija li jġibu l-mezzi li jintużaw.

Anke jekk ikun moralment ġustifikat li tkun sospiża l-kura medika, xorta waħda jibqa' l-obbligu fuq dawk li huma responsabbli mill-kura tal-pazjent li jibqgħu jieħdu ħsiebu u jżommu miegħu komunikazzjoni ta' mħabba u solidarjetà.

F'każi ta' mard fejn m'hemmx tama ta' ħajja, wieħed jista' jagħti mediċina biex tmewwet jew tnaqqas l-uġigħ, ukoll jekk bħala konsegwenza sekondarja u bla mixtieqa, jiġri li jitħaffef il-proċess tal-mewt.

## 6 Perikli bla bżonn

Il-ħajja rridu noqogħdu attenti mhux biss li ma neqirduhiex; irridu noqogħdu attenti wkoll li ma nqegħduhiex f'periklu bla bżonn u ma nesponuhiex għall-mard jew għal xi mankament.

**Proġett**

**Informazzjoni dwar il-ħarsien tas-saħħa**

- Il-klassi tinqasam fi gruppi.
- Kull grupp jagħżel wieħed mis-suġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-ħajja.
- Is-suġġetti jistgħu jkunu dawn: id-droga, l-alkoħol, it-tipjip, ikel li jagħmel il-ħsara, is-sewqan, is-sigurtà fuq ix-xogħol.
- Dwar dawn is-suġġetti nistgħu niġbru informazzjoni minn gazzetti jew rivisti, jew nistgħu niksbu *posters* u *leaflets* mid-Dipartiment jew miċ-Ċentri tas-Saħħa, mill-Isptar, mill-Caritas, mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika jew minn ċentri oħra.
- Bil-materjal u bl-informazzjoni li jikseb, kull grupp jista' jibni *poster* kbir jew joħloq bħal *exhibition* żgħira li titqiegħed fil-klassi.

### i. Id-droga

Dwar id-droga jista' jingħad ħafna. Hawnhekk nirriflettu fuq dawn il-punti:

- Il-problema tad-droga ma għandhiex fruntieri. Jekk ma toqgħodx attent, int ukoll tista' tkun vittma tagħha.
- Id-droga ma għandhiex ħniena. Meta taqbdek tibdillek l-organiżmu b'mod li ġġibek taħt saqajha.

- Ma hawnx drogi *soft* u drogi *hard*. Kollha huma perikolużi u ta' min jaħrabhom mill-ewwel.

- L-effetti tad-diversi drogi fuq l-organiżmu huma varji kemm fuq is-saħħa fiżika u kemm fuq is-saħħa psikoloġika. Id-droga mhix soluzzjoni. Minflok tnaqqas, iżżidlek il-problemi. Terfgħek 'il fuq għal ftit tal-ħin, imbagħad twaddbek mill-għoli għal ġo rdum. Id-droga twassal biss fi tliet destinazzjonijiet: l-isptar, il-ħabs u ċ-ċimiterju qabel iż-żmien.

- Hawn min għandu interess kbir li int ukoll taqa' fiha. Kif stqarr wieħed żagħżugħ: "Ħafna drabi mhux aħna mmorru nfittxu d-droga; huma l-*pushers* li jiġu jfittxuna."

- Ħafna waqgħu fil-vizzju tad-droga bla ma basru; riedu biss jippruvaw *for fun* jew jippruvaw "darba", jew juru lil sħabhom li kienu kapaċi daqshom. Int li trid tkun tassew ħieles, kun kburi li għandek is-saħħa u l-kuraġġ biex ma ċċedix għall-pressjoni ta' sħabek u l-ġibda ta' dak li twiegħed id-droga.

- Meta jkollok stima baxxa tiegħek innifsek, meta xejn ma jibda jissodisfak, meta titlef l-interess fik innifsek u fil-ħajja, iżżommx kollox ġo fik. Tkellem ma' min jista' jgħinek. Għall-għajnuna tista' tikkuntattja lill-**Caritas**, tel: 21 237 935 / 21 238 090; E-mail: outreach@caritasmalta.org jew **Sedqa**, tel: 21 441 013/5; E-mail: Sedqa@Sedqa.org.mt; Web-site: www.sedqa.org.mt

**Il-ħajja sabiħa.**

**Għixha u aqsamha ma' ħbieb li jistgħu jgħinuk tibni l-futur tiegħek.**



## ii. L-alkoħol

Wara d-droga, dak li jagħmel l-akbar ħsara kemm fuq l-organiżmu u kemm fuq l-imġiba u l-karattru huwa l-alkoħol. Anzi, minn ċerti aspetti nistgħu ngħidu li llum qed isir aktar perikoluż. Fil-fatt, (a) fuq l-alkoħol għad ma hawn ebda liġi li tirregola x-xorb skond l-età, (b) l-effetti tiegħu ma joħorġux b'qawwa u bid-dieher mill-ewwel u (ċ) hemm okkażjonijiet soċjali fejn l-alkoħol jittieħed mill-aħjar nies.

Bħad-droga, l-alkoħol jagħmel ħsara kbira kemm fuq l-aspett fiżiku u kemm fuq l-aspett psikoloġiku. Fuq l-aspett fiżiku nistgħu nsemmu: ħsara kbira fil-fwied, u billi l-fwied huwa l-post li minnu jissaffa d-demm, il-ħsara tixtered mal-ġisem kollu u żżid il-periklu ta' attakk tal-qalb. B'mod popolari nużaw l-espressjoni: l-alkoħol "jaħraq" il-fwied. L-alkoħol idgħajjef ukoll il-ħitan ta' l-istonku bil-periklu li faċli tiżviluppa ulċera. Barra minn hekk, l-alkoħol jippenetra wkoll fil-moħħ, joqtol iċ-ċelloli tiegħu bil-mod il-mod, tant li tibda tonqos l-effiċjenza tal-memorja u tas-sensi. L-alkoħol jagħmel ħsara wkoll lit-tarbija f'ġuf ommha.



Poster magħmul minn Shawn Aquilina minn Ġużè Galea Boys' Secondary School, Qormi.

Bħala ħsara psikoloġika nistgħu nsemmu li, billi l-alkoħol huwa forma ta' kalmanti li tnaqqas il-ħeffa tal-moħħ, min jixrob aktar mill-qies jitlef is-sens ta' kontroll li ssoltu jkollu fuqu nnifsu. Ħafna drabi, jew jispiċċa jgħid bosta ħmerijiet li jwaqqgħuh għaċ-ċajt, jew, agħar, jibda jpaċpaċ fuq ħwejjeġ li qatt ma ried jikxifhom quddiem ħaddieħor.

Barra minn dan, l-alkoħol iwassal biex wieħed iħossu mdamdam minn filgħodu, ibati bil-burdati, jitlef l-interess fil-ħajja u jiżviluppa sens ta' persekuzzjoni u ta' thewdin ikraħ, bħallikieku qed jiġi mgerrem minn ġrieden jew wirdien.

Niftakru li x-xorb żejjed huwa l-għatba għal vizzji oħra bħad-droga.

Niftakru wkoll li l-alkoħol ma nsibuhx biss fix-xorb bħal *whisky*, *brandy* jew *gin*. Insibuh ukoll fl-inbid u, fi kwantità anqas, fil-birra wkoll. Irridu dejjem inżommu l-qies. Bejn użu u abbuż m'hemmx baħar jaqsam. Aktar ma nevitawh, aktar aħjar. Jekk ikollna problema, infittxu soluzzjoni b'moħħ ċar u mhux b'moħħ imċajpar u rieda dgħajfa.

### iii. It-tipjip

Dwar it-tipjip, biżżejjed ngħidu li jekk nikkalkolaw fuq l-Ingilterra, fejn proporzjonalment in-nies ipejpu anqas minna l-Maltin, 90% tal-kanċer fil-pulmun huwa kawżat mit-tipjip. Dwar l-effett dirett li għandu t-tipjip fuq il-mard tal-kanċer, illum ma hemm ebda dubju; anzi llum huwa ċert ukoll li l-ħsara ssir mhux biss lil min ipejjep, iżda wkoll lil min ikun ħdejh.



Barra milli ġġib il-mard tal-kanċer, in-nikotina timblokka wkoll il-vini, iġġiegħel lill-qalb tħabbat b'ritmu mgħaġġel u żżid il-periklu ta' attakk qawwi. Il-qatran, min-naħa tiegħu, jiksi l-pulmun u, billi ma jħallix l-ossiġnu jgħaddi għal ġod-demm, jibda jġib qtigħ ta' nifs qawwi.

Illum dawk li jpejpu huma tassew minoranza, u bil-maqlub ta' l-idea li kien hemm dari, min ipejjep illum jagħti l-idea li aktarx għandu karattru dgħajjef.

### iv. L-ikel

Għajnuna mill-aktar siewja għall-ħarsien tas-saħħa hija l-kapaċità li nagħżlu mhux biss kemm nieklu, iżda xi kwalità ta' ikel nieklu. Niftakru li f'Malta u fil-pajjiżi żviluppati n-nies qed imutu mhux bil-ġuħ, iżda bl-ikel żejjed jew bl-ikel li jagħmel il-ħsara.



L-istatistiċi jgħidulna li aħna l-Maltin qed nieklu ikel li fih ħafna zokkor, ħafna xaħmijiet jew ħafna melħ. Huwa tassew allarmanti n-numru ta' dawk li huma morda bid-dijabete, bil-konsegwenzi diżastrużi li ġġib magħha. Tassew iħassbek in-numru ta' dawk li qed imutu bil-qalb. Biżżejjed ngħidu li wieħed minn kull tnejn imutu minħabba li ċ-ċirkulazzjoni tad-demm qed tkun imblukkata bix-xaħmijiet u l-melħ li jsoddu l-vini.

Irridu nżommu l-qies u nagħżlu x'ikel nieħdu. Aktar ma nevitaw ikel li fih ħafna zokkor, xaħam jew melħ, aktar aħjar.

### v. Sewqan u attivitajiet perikolużi oħra

Irridu nħarsu s-saħħa u l-ħajja mhux biss fl-ikel, iżda wkoll f'diversi attivitajiet oħra li fihom insibu ruħna. Attenzjoni speċjali nagħtu lill-imġiba tagħna fit-traffiku, kemm jekk qed insuqu aħna u kemm jekk mexjin fit-triq. Ir-regolamenti tat-traffiku qegħdin hemm biex iżommu l-ordni u biex jassiguraw li tkun imħarsa s-saħħa u l-ħajja. L-imħabba titlob li nagħmlu ħilitna biex dawn ir-regolamenti nħarsuhom mill-aħjar li nistgħu.

Kull wieħed minna jiftakar li:

- Is-sewqan huwa sabiħ u eċċitanti għax tħossok sid tiegħek innifsek; iżda ftakar li min jimxi bil-mod jasal kmieni u min isuq moderat jasal sħiħ.

- Jekk għandek stima tiegħek innifsek u ta' l-oħrajn, tagħraf tkun għaqli wkoll meta ssuq mal-ħbieb.

- Is-sewqan u x-xorb ma jmorrux flimkien. Ix-xorb alkoħoliku jnaqqas ir-riflessi.

- Meta ssuq bl-istereo jgħajjat tkun qed tnaqqas il-konċentrazzjoni fis-sewqan.

- Tinsiex li ma għandekx kontroll fuq min isuq bla rażan u jitfaċċa fuqek f'daqqa. Trid toqgħod attent ukoll għal kif isuq ħaddieħor.



- Aħseb li jkollok il-liċenzja tas-sewqan u li l-vettura li tuża tkun drajtha sewwa qabel ma toħroġ fit-triq.

Barra s-sewqan hemm attivitajiet oħra fejn is-saħħa jew il-ħajja tista' tkun f'periklu jekk ma jittiħdux il-prekawzjonijiet meħtieġa.

- Irid ikollhom liċenzja u jagħmlu attenzjoni kbira dawk li jaħdmu jew jaħarqu n-nar tal-festi.
- Iridu jużaw is-*safety-helmet* dawk li jsuqu l-muturi jew il-ħaddiema li jagħmlu ċertu xogħol,
- Iridu jiżnu sewwa l-perikli gravi dawk li jiddeċiedu li jieħdu sehem f'ċertu sport, bħall-*boxing* professjonali.

## 7 Meta nistgħu nqiegħdu ħajjitna fil-periklu

Il—ħajja tal-bniedem f'din id-dinja hija valur bażiku, iżda mhux assolut. Għan-nisrani, il-mewt ma ġġibx lill-bniedem fix-xejn bħalma ġġib lill-annimali. Il-bniedem hu maħluq biex jibqa' jgħix ma' Alla li fih isib il-milja ta' l-imħabba u tal-ferħ. Għal bniedem li jemmen, il-valur assolut huwa Alla u l-ħajja ta' dejjem li jrid jaqsam magħna. Xi jkun jiswielu l-bniedem li jirbaħ id-dinja kollha u mbagħad jitlef ruħu? Biex ma jibdilx

lil Alla, il-bniedem li jemmen jifhem li jrid ikun lest li jitlef saħansitra 'l ħajtu f'din id-dinja. Il-martri huma xhieda qawwija ta' dan.

Fejn tidħol l-imħabba tagħna lejn ħaddieħor, jista' jkun hemm każi fejn wieħed ikun jista' jqiegħed ħajtu fil-periklu. Dawn iridu jkunu każi serji ħafna bħal każ ta' meta wieħed soċju tal-Mużew miet hu biex isalva tifel li kien qed jegħreq. Naraw ukoll l-eżempju ta' Father Damian.

### Il-Każ ta' Father Damian

Bħalma kien jagħmel kull nhar ta' Ħadd, Father Damian kien qed jiċċelebra l-quddiesa għal dawk li kienu morda bil-ġdiem u li kienu ġew eżiljati fuq daqsxejn ta' gżira maqtugħin minn kulħadd. Kien ilu tnax-il sena jgħix magħhom biex jgħinhom jibnu djarhom, jikkuraw il-ġrieħi tagħhom u jtejbu l-kundizzjonijiet tassew ħżiena li fihom kienu qed jgħixu.

F'din il-quddiesa, wara li qara l-Vanġelu, niżel f'tarf il-presbiterju biex jagħmel il-priedka bħas-soltu. Imma din id-darba, flok beda bil-kliem: "Ħuti l-għeżież", beda billi bil-mod il-mod qal: "Aħna l-imġiddmin". Kulħadd baqa' jħares miblugħ fi skiet perfett. Tabilħaqq kienu semgħu sew. Father Damian ukoll kien laqqat il-marda tal-ġdiem waqt li kien qiegħed idewwi lil xi ħadd minn dawk l-imsejkna. Sakemm miet erba' snin wara, Father Damian baqa' jgħix f'nofshom, jgħinhom b'kull mezz li seta' u jitħabat biex d-dinja tagħraf id-drittijiet tagħhom u tagħtihom l-għajnuna li kien jistħoqqilhom.

Aktar ma nkunu lesti li nagħtu ħajjitna għall-oħrajn, aktar insiru nixbhu lil Kristu u aktar nagħrfu x'inhi l-imħabba (ara *1 Ġw 3, 16)*; aktar ma ngħixu fl-imħabba, aktar inkunu bdejna ngħixu fil-milja l-ħajja li ma tintemm qatt.

## 8 Rispett lejn l-annimali

L-annimali wkoll huma ħolqien ta' Alla. Hu jipprovdilhom għall-ħtiġijiet tagħhom. Bil-ħajja sempliċi tagħhom jbierku u jfaħħru l-Mulej. Il-bnedmin ukoll għandhom jieħdu ħsiebhom u juruhom tjieba.



Għall-imħabba u l-qima li kellu lejn il-ħolqien bħala xhieda ta' l-għerf u tat-tjieba ta' Alla, San Franġisk ta' Assisi hu meqjus bħala l-ħabib kbir ta' l-annimali u tal-ħlejjaq kollha.

Huwa sikwit kien jistieden lill-ħolqien kollu biex ibierek u jfaħħar lil Alla.

Alla ried jafda l-annimali lill-bniedem li hu ħalaq xbieha tiegħu. Il-bniedem jista' jinqeda bihom għall-ħtiġijiet ġusti tiegħu. Normalment hi ħaġa leġittima li wieħed jinqeda bihom għall-ikel u f'xi każi għall-ilbies. Wieħed jista' jrabbihom. Jistgħu jiġu domestikati biex jgħinu lill-bniedem fix-xogħol tiegħu u fir-rikreazzjonijiet tiegħu. Esperimenti mediċi u xjentifiċi fuq l-annimali, sakemm ma jsirux bl-addoċċ imma f'limiti raġonevoli, jistgħu jiġu aċċettati moralment għax jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-ħajja tal-bniedem jew isalvawha.

Imma hu kontra d-dinjità tal-bniedem taħqar jew toqtol l-annimali bla bżonn bħal meta wieħed jagħmel dan għall-gost (bħal ċertu kaċċa) jew għal-logħob (bħal ġlied bejn il-klieb jew bejn is-sriedek) . L-annimali għandna nħobbuhom u nevitawlhom tbatija bla bżonn. Niftakru, iżda, li ma jixraqx lill-bniedem itajjar flejjes kbar fl-annimali, flejjes kbar li jistgħu jintużaw ħa jerfgħu l-bnedmin mill-ġuħ u l-miżerja li fiha jinsabu. Mhix ħaġa sewwa jekk l-imħabba li għandu jkollna biss għall-bnedmin ħutna nagħtuha lill-annimali (ara *K.K.K. par 2415 - 2418*).

## 9 Il-ħarsien u l-iżvilupp ta' l-ambjent

Naqraw l-ewwel din is-silta qasira meħuda mill-enċiklika Centesimus Annus tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Imbagħad naqsmu mal-klassi kollha l-fehmiet tagħna dwar l-ambjent.

Il-bniedem, imxennaq li jkollu dejjem aktar ġid materjali, jikkonsma r-riżorsi ta' l-art u ta' ħajtu b'mod esaġerat u diżordinat. Fl-għerq tal-qerda bla sens ta' l-ambjent naturali hemm żball dwar kif il-bniedem iħares lejh innifsu u lejn il-ħidma tiegħu; dan l-iżball, illum hu mxerred ħafna.

Minn naħa waħda, illum il-bniedem qiegħed jagħraf dejjem aktar il-ħila tiegħu li jibdel u f'ċertu sens "joħloq" id-dinja bil-ħidma tiegħu; minn naħa oħra, iżda, qiegħed jinsa li l-art ġiet fdata lilu minn Alla bħala rigal. Il-bniedem qed juża l-art bħallikieku ma kellhiex is-sura proprja tagħha u bħallikieku ma kienx hemm minn qabel il-għan ta' Alla għaliha; qed juża l-art addoċċ u kif irid, bla ebda raġuni, u jaħkimha għar-rieda tiegħu bla ebda xkiel.

L-art ġiet fdata f'idejn il-bniedem biex jiżviluppaha, mhux biex jittradiha u jeqridha. Minflok jagħti sehmu bħala kooperatur ma' Alla fil-ħidma tal-ħolqien, il-bniedem qiegħed lilu nnifsu flok Alla u spiċċa biex qajjem irvell fin-natura; flok imexxiha, qiegħed jaħkimha bħala tirann. (*Centesimus Annus par 37*)

**diskussjoni fil-klassi**



### Aħna u l-ambjent

i. Fil-fehma tagħna, x'tigbor fiha l-kelma "ambjent" li tant nisimgħu fuqu?

ii. X'ried jifhem Alla meta lill-bniedem qallu: "Imlew l-art, u aħkmuha; u saltnu fuq il-ħut tal-baħar, u t-tajr ta' l-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art"?

iii. Minflok jiżviluppa n-natura bir-riżorsi tagħha, il-bniedem f'diversi każi qiegħed jittradiha u jeqridha. Tista' tagħti eżempji ta' dan?

iv. X'għandha tkun l-attitudni tagħna l-insara lejn il-ħarsien ta' l-ambjent?

## i. X'nifhmu b'ambjent

B'ambjent, hawnhekk, qed nifhmu dak kollu li hu "naturali" u li ma huwiex prodott tal-ħidma tal-bniedem: il-pjanti, il-ħut, l-għasafar, l-annimali, il-baħar, il-foresti, il-widien, l-ilma tax-xita, l-arja, ir-raġġi tax-xemx, l-atmosfera, eċċ. Dan jippermettilna nħarsu lejn il-problema ta' l-ambjent bħala l-ħtieġa ta' bilanċ raġunat bejn il-ħarsien tan-natura, u l-ħtieġa li l-bniedem jużaha u jibdilha biex itejjeb il-kundizzjonijiet tal-ħajja.

## ii. Il-ħsieb tal-Bibbja dwar l-ambjent

Huwa minnu li fil-Ġenesi nsibu li Alla qal lill-bnedmin: "Imlew l-art u aħkmuha, u saltnu fuq il-ħut tal-baħar u t-tajr ta' l-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art" (*Ġen 1, 28*). Imma huwa minnu wkoll li, minkejja dan, xorta waħda "tal-Mulej hi l-art u kull ma fiha, id-dinja u kull min jgħix fiha" (*Salm 24, 1*).



Alla johloq kollox tajjeb. Duomo ta' Monreale, Sqallija.

Skond il-Ġenesi, waħda mir-raġunijiet għaliex il-bniedem huwa xbieha ta' Alla hija għaliex bl-intelliġenza u r-rieda tiegħu l-bniedem kellu jkompli "joħloq" u jiżviluppa l-ħolqien. Iżda billi huwa xbieha ta' Alla, il-bniedem kellu jissokta jagħmel dan mhux kif ifettillu, imma skond il-Mudell li tiegħu kien ix-xbieha. Fi kliem ieħor, kellu jaħdem u jiżviluppa l-ħolqien skond il-pjan ta' Alla kif il-bniedem jiskoprih kemm fin-natura

tal-ħlejjaq infushom u kemm fl-Istorja tas-Salvazzjoni. Dan ifisser li hija għalkollox żbaljata l-idea li l-bniedem hu sid assolut tad-dinja u ta' dak kollu li hemm fiha. Hi idea għalkollox żbaljata li fuq l-ambjent naturali jista' jagħmel li jrid u li jogħġbu. Alla "ħa l-bniedem u qiegħdu fil-ġnien ta' l-Għeden biex jaħdmu u jħarsu" (*Ġen 2, 15*), mhux biex iħassru u jeqirdu. Kif kiteb Seathl, Chief tat-tribù Duwamish tar-*Red Indians*, f'ittra li bagħat lill-President ta' l-Amerika fis-sena 1855: "Meta wieħed jagħmel ħsara lill-art, ikun qiegħed jiddisprezza l-Ħallieq tagħha."

Skond il-ħsieb ta' Alla, id-dinja ġiet fdata biex titgawda mill-bnedmin ta' kull pajjiż u ta' kull żmien, u mhux minn min jirnexxilu jaħtaf l-ewwel. Hija inġustizzja mill-aktar gravi li l-pajjiżi żviluppati jaħtfu u jeqirdu r-riżorsi tad-dinja, bir-riżultat li jċaħħdu minnhom kemm lill-pajjiżi l-fqar u kemm lill-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu.

### iii. Meta flok "nużaw" l-ambjent neqirduh

Bl-użu selvaġġ u egoista tal-mezzi tekniċi, minflok nużaw l-ambjent, aħna l-bnedmin qegħdin neqirdu ħafna mir-riżorsi tad-dinja. Billi aħna nfusna aħna parti mid-dinja, dan l-iżbilanċ li qed inġibu fin-natura qed idur ukoll kontra tagħna. Bħala eżempji ta' qerda fl-ambjent nistgħu nsemmu:

- Il-qerda tal-kampanja, tal-widien, u ta' xatt il-baħar, frott ta' spekulazzjoni għal kull xorta ta' bini. Mal-kaċċa bla raġuni, dan qed iġib il-qerda ta' speċi sħaħ ta' fjuri, pjanti, siġar, annimali u għasafar li, barra milli jżommu ċertu ekwilibriju fin-natura, iserrħu qalb il-bniedem u jwassluh biex f'Alla jsib l-għaqda u l-ferħ tiegħu.

- It-tinġis ta' l-arja li jiġi minn sustanzi velenużi li jinxteħtu fl-arja miċ-ċmieni ta' l-industriji jew mid-dħaħen tal-karozzi u li qed ikunu l-kawża ta' ħafna mard serju, fosthom ċerti tipi ta' kanċer.





- It-tinġis li jimla x-xita bl-aċidu u li mbagħad, flok tagħti l-ħajja, teqred tant siġar u pjanti.

- It-tinġis ta' l-iskart velenuż tal-fabbriki li jintrema fix-xmajjar jew fil-baħar u jeqred kulma jsib; drabi oħra, dan l-iskart jintradam taħt l-art, f'postijiet fejn jista' jinfiltra u jniġġes saħansitra l-ilma tax-xorb.

- Il-qerda ta' foresti sħaħ u l-*greenhouse effect* li jaffettwa l-bilanċ ta' l-ossiġnu u tal-*carbon-dioxide* fuq wiċċ l-art.

- It-tiċrita fl-*ozone-layer* jista' jkollha konsegwenzi traġiċi, kemm fuq l- ambjent u kemm direttament fuq is-saħħa tal-bniedem.

## iv. L-attitudni lejn l-ambjent

### a Attitudni ta' bilanċ

Il-problema ta' l-ekoloġija hija fundamentalment problema ta' bilanċ: bilanċ ta' kemm il-bniedem jista' juża u jittrasforma l-ambjent mingħajr ma jesaġera, bilanċ bejn il-ħtieġa li jtejjeb il-kundizzjonijiet li fihom jgħix u l-ħtieġa li jirrispetta l-ambjent naturali.

Minn naħa waħda, il-bniedem ma jridx ikun ilsir passiv tal-qawwiet tan-natura; irid jara kif jikkontrollahom u jużahom biex iħares u jiżviluppa l-ħajja umana fl-aspetti kollha tagħha. In-natura mhix xi oġġett antik u prezzjuż li għandu jibqa' ppreservat ġo vetrina f'mużew ta' l-arkeoloġija.

Minn naħa oħra, iżda, in-natura anqas hi bħal torta li minnha wieħed jista' jaqta' u jiekol bl-addoċċ. Fin-natura jeżisti ekwilibriju li jrid ikun rispettat. Għal eluf ta' snin, il-mezzi li bihom il-bniedem kien juża jew jittrasforma n-natura kienu aktarx sempliċi u għalhekk kienu jħallu spazju u żmien biżżejjed biex in-natura terġa' tiġġedded. Li ġara f'dawn l-aħħar snin huwa li, bl-użu ta' strumenti mill-aktar qawwija u mill-aktar preċiżi, ir-riżorsi tad-dinja qed jintużaw b'mod u b'ritmu hekk kbir li ma għandhomx possibilità li jerġgħu jiġġeddu. Per eżempju, fil-biċċa l-kbira tal-każi, il-kaċċa bla rażan ta' annimali u għasafar saret qerda.

F'referendum li sar ftit snin ilu fl-Italja, il-maġġoranza tan-nies qablu li għandhom jingħalqu l-impjanti li jipproduċu l-enerġija nukleari, għax

fil-fehma tagħhom, dawn kienu aktar ta' ħsara milli ta' ġid għas-saħħa u għall-ambjent, l-aktar f'każ ta' xi inċident bħalma ġara f'Chernobyl, fir-Russja. Minflok enerġija hekk perikoluża, riedu li jsiru sforzi biex jinstabu għejun ta' enerġija aktar indaf u aktar *safe*, bħall-enerġija li tiġi mix-xemx jew mir-riħ.



Impjant li jiġġenera l-elettriċità mill-qawwa tar-riħ.



Impjant li jiġbor l-enerġija tax-xemx biex isaħħan l-ilma.

Irridu niftakru li mhux kulma x-xjenza u t-teknika juruna li **jista'** jsir, **għandu jitħalla** jsir. Mhux kulma x-xjenza kapaċi tagħmel hu tajjeb li jsir. Irridu qabel neżaminaw jekk, kollox ma' kollox, huwiex se jkun ta' veru ġid għad-dinjità tagħna l-bnedmin u ta' l-ambjent li fih iridu ngħixu. Dan is-sens ta' bilanċ għandu jkun l-atteġġjament ewlieni lejn il-problema ta' l-iżvilupp tekniku u l-ħarsien ta' l-ambjent.

## b Nitilqu minn atteġġjament ta' rispett

Iżda għal dan is-sens ta' bilanċ nistgħu nitilqu minn żewġ punti kontra xulxin. S'issa, fil-biċċa l-kbira tal-każi, il-punt tat-tluq kien aktarx wieħed ta' arroganza lejn l-ambjent: il-bniedem iqis lilu nnifsu bħala s-sid assolut tal-ħolqien, u għalhekk, jippretendi li jista' juża l-ambjent kif irid u kif jogħġbu, mingħajr ma jħares lejn is-sbuħija, l-ordni u l-ekwilibriju li l-Ħallieq sawwar fih; f'każi estremi biss, jieqaf milli jkompli jħassar l-ambjent. Din l-attitudni jeħtieġ li tinbidel.

Il-punt tat-tluq irid ikun bil-maqlub. Minflok atteġġjament ta' arroganza lejn l-ambjent, irridu nitilqu minn atteġġjament ta' rispett. Irridu nitilqu

mill-konvinzjoni li l-ambjent hu ħaġa prezzjuża għall-bnedmin kollha u għalhekk irridu nagħmlu ħilitna biex inħarsuh. Jekk naslu biex nissagrifikaw xi biċċa minnu, irid ikollna ħtieġa tassew kbira u ma jkollniex triq oħra x'nagħżlu. Din il-konvinzjoni aktar tissaħħaħ fina, aktar ma nifhmu li l-kwalità tal-ħajja hija bil-wisq aktar importanti mill-kwantità: **li tkun** huwa bil-wisq aktar importanti milli **li jkollok**.




## 1 Nibnu pedament sod

### i. Neqirdu minn qalbna l-għeruq tal-vjolenza

In-nuqqas ta' rispett lejn il-ħajja jrid jitfejjaq fl-għeruq tiegħu. Għalhekk, għal tweġiba serja, irridu l-ewwel naraw x'inhuma l-għeruq tal-vjolenza.

Ir-raġunijiet li jwasslu għall-vjolenza u xi drabi għall-qtil ukoll jistgħu jkunu diversi. Fost dawn nistgħu nsemmu:

- ***Għal raġunijiet ta' serq.*** Aktarx li din hi r-raġuni l-aktar komuni tal-vjolenza u tal-qtil li nisimgħu bihom. Ukoll jekk ma kinetx fl-intenzjoni oriġinali tagħhom, xi wħud xorta jaslu biex jeqirdu l-ħajja ta' ħaddieħor, l-aktar jekk isibu min ikun għarafhom jew min jipprova jfixkel is-serqa tagħhom.

- ***Għal raġunijiet ta' vendikazzjoni,*** bħal meta wieħed li jkun irċieva xi offiża kbira jew ġarrab xi azzjoni ħażina jiddeċiedi li jpattiha bil-vjolenza li tista' twassal għall-qtil.

- ***Għal raġunijiet ta' għira*** li ħafna drabi twassal għall-mibegħda. Għalkemm ma jkun irċieva ebda azzjoni, wieħed ma jkunx jista' jniżżilha li l-ieħor ikun aħjar minnu. Kif fakkarna San Ġwann: "Kull min jobgħod lil ħuh hu qattiel" *(1 Ġw 3, 15)*.

- ***Għal raġunijiet ta' traskuraġni serja*** bħall-ksur tar-regolamenti tat-traffiku, jew tar-regolamenti fil-ħdim jew ħruq tan-nar.

- ***Għal raġunijiet ta' setgħa*** bħal meta wieħed li jrid jilħaq flok ħaddieħor, jew irid ikabbar il-poter tiegħu, ma jsibhiex bi tqila li jagħtiha għall-vjolenza, theddid u qtil.

- ***Għal raġunijiet ta' fanatiżmu*** lejn il-partit jew lejn il-grupp li wieħed ikun fih. Interessanti wieħed jinnota li dik il-vjolenza li wieħed ma jkunx lest jagħmel meta azzjoni tolqot lilu individwalment, ħafna drabi jkun lest jagħmilha meta l-azzjoni tolqot lill-partit jew lill-grupp tiegħu.



Tkun xi tkun ir-raġuni, il-qerda ta' ħajja ta' bniedem hi dejjem wieħed mill-agħar dnubiet kontra Alla. Kif rajna mit-tagħlim ta' Ġesù fid-diskors tal-muntanja u kif turina r-riflessjoni fuq ir-raġunijiet li jwasslu għall-vjolenza u għall-qtil, l-edukazzjoni għall-ħarsien u għar-rispett lejn il-ħajja ta' ħaddieħor **trid tibda mill-ħsibijiet, mix-xewqat u mis-sentimenti tal-qalb**. "Għax huwa minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem, li joħorġu l-ħsibijiet il-ħżiena: ir-regħba, l-għira, is-serq, il-qtil ......" *(Mk 7, 21)*.

Għalhekk, it-tweġiba ewlenija tagħna, l-aktar f'dan iż-żmien li qed ngħixu fih bħala studenti, trid tkun mhux biss li ma jkollniex f'qalbna sentimenti ta' ħsara iżda wkoll li **nifthu moħħna u qalbna għas-sentimenti ta' "ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar" u "fuq kollox ta' mħabba"** *(Kol 3, 12-14)*. B'hekk biss ir-rispett tagħna lejn il-ħajja jkun mibni fuq pedament sod. It-tweġiba li rridu nagħtu issa hija li nsaħħu dan il-pedament.

### ii. Periklu dejjem preżenti

Il-ġlied u l-qtil, saħansitra bejn l-aħwa, insibuh fid-dinja sa mill-ewwel żewġt aħwa ppreżentati fil-Bibbja: Kajjin qatel lil ħuh Abel. Minn dak in-nhar sal-lum, kif jixhdu d-dokumenti ta' kull pajjiż, l-istejjer ta' swat, ta' vjolenza, ta' tortura u ta' qtil ma jingħaddux.

Probabbli li fil-prinċipju kulħadd jaqbel li ħwejjeġ bħal dawn huma ta' min jistmerrhom bil-qawwa kollha. Fil-prattika, iżda, naraw li baqgħu jeżistu u aktarx li jibqgħu jeżistu. Ma rridux inkunu prużuntużi u nippretendu li aħna ma nistgħux naqgħu fihom. Ma rridux nieqfu nedukaw lilna nfusna u lil ħaddieħor fuq il-kruha tal-vjolenza u l-ħtieġa li nirrispettaw is-saħħa u l-ħajja tagħna u ta' ħaddieħor.

## 2 Minn issa nagħtu s-sehem li nistgħu

Iżda t-tweġiba tagħna ma tridx tieqaf biss filli ma nagħmlux ħsara aħna, jew filli nsaħħu biss il-pedament tas-sentimenti u ta' l-attitudnijiet li fuqhom irid jinbena l-veru rispett lejn il-ħajja.

- Irridu nagħtu l-appoġġ tagħna lil kull moviment li huwa favur il-ħajja mit-tnissil sa l-aħħar waqt li l-Mulej jogħġbu jħallina ngħixu.



✦ Aħna wkoll, bil-mezzi limitati tagħna, irridu nagħtu sehemna biex f'Malta u fil-pajjiżi l-oħra kull bniedem isib dawk il-kundizzjonijiet soċjali fejn jista' jgħix b'mod deċenti: ikel, ilbies, xogħol, dar deċenti, għajnuna tas-saħħa, assigurazzjoni soċjali, eċċ.

✦ Li l-pajjiżi sinjuri qed iħallu miljuni ta' nies jgħixu f'kundizzjonijiet ta' ġuħ u ta' miżerja li qed iwasslu għal mard ta' kull xorta u għal tant imwiet, huwa skandlu ta' inġustizzja mill-aktar gravi. Irridu noħolqu fina kuxjenza li tifhem din il-ħtieġa u li twassalna biex niċċaħħdu mil-lussu, ħalli nkunu nistgħu ngħinu lil min ma għandu lanqas dak li hu meħtieġ.

✦ Bis-sehem tagħna f'diskussjonijiet fi gruppi jew mal-ħbieb, fi programmi fuq ir-radju, f'kitba fuq il-gazzetti, irridu nżommu l-opinjoni pubblika favur il-ħajja fl-aspetti u fil-waqtiet kollha tagħha.



**"And from the region of darkness, a great light is risen"** *Isaias, 9, 1-2*
Frank Portelli (1922 –    )

✦ Fuq kollox irridu nżommu kuntatt mal-persuna u mat-tagħlim ta' Ġesù li fuqu jinbena il-pedament sod ta' mħabba, maħfra u mpenn favur l-aspetti kollha tal-ħajja.

## *nibqgħu niftakru*

1. Alla biss huwa s-Sid tal-ħajja u tal-mewt. Is-setgħa assoluta fuq il-ħajja tal-bniedem, Alla baqa' jżommha għalih innifsu. Ħadd ma għandu dritt ineħħi ħajtu b'idejh jew jeqred il-ħajja ta' ħaddieħor.

2. Il-bniedem irid jgħożż ir-rigal tal-ħajja afdat f'idejh; u mhux biss irid iħarsu u jieħu ħsiebu, imma jrid ukoll ikabbru u jġibu 'l quddiem.

3. Fil-persuna u fil-ħidma ta' Ġesù, il-ħajja laħqet il-milja tagħha. Il-ġlieda tiegħu kontra l-ħażen kienet tiġbor fiha wkoll il-ġlieda kontra l-mard u dak kollu li jgħakkes jew ixekkel il-ħajja tal-bniedem.

4. Ġesù jgħallimna li l-ħarsien tal-ħajja ta' ħaddieħor irid jibda minn ġewwa, mill-ħsibijiet, mix-xewqat u mis-sentimenti tal-qalb. Jgħallimna wkoll inħarsu l-ħajja ta' ħaddieħor mhux biss billi ma nagħmlulhomx ħsara, iżda wkoll billi ngħinuhom u nagħmlulhom il-ġid.

5. Meta l-marid ikun fil-periklu, ikun jeħtieġlu għajnuna speċjali biex, fid-dwejjaq li jkunu jagħfsuh, mhux biss ma jaqtax qalbu u forsi jonqos mill-fidi, iżda jagħraf jissieħeb fil-passjoni u l-mewt ta' Kristu u hekk jagħti s-sehem tiegħu għall-ġid tal-Poplu ta' Alla. Din l-għajnuna jsibha fil-laqgħa mal-Mulej Ġesù fis-sagrament tal-morda.

6. L-omiċidju huwa dnub mill-aktar gravi li jistħoqqlu t-telfien ta' dejjem għal dawk li jkunu wettquh bil-ħsieb u bir-rieda ħielsa tagħhom. Fl-omiċidju jkunu responsabbli wkoll dawk li volontarjament jagħtu sehemhom biex iseħħ il-qtil.

7. Il-moralità nisranija ma teskludix li wieħed jista' joqtol lil ħaddieħor meta ma jistax jagħmel mod ieħor biex jiddefendi ħajtu jew il-ħajja ta' dawk li jkun responsabbli minnhom. Anqas ma teskludi għal kollox li, f'xi każi eċċezzjonali, is-soċjetà ċivili, l-aktar fejn ma għandhiex mod ieħor biex tħares il-ħajja taċ-ċittadini tagħha, tista' tasal biex tagħti l-piena kapitali. Iżda huwa veru wkoll li, fil-prattika, każi bħal dawn diffiċli ħafna biex iseħħu. L-insara għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex min żbalja jingħata l-għajnuna kollha biex jindem u jibdel ħajtu.

8. Ikun hemm abort meta jintużaw mezzi biex tinqatel f'ġuf l-omm ħajja li tkun diġà bdiet, jiġifieri wara li tkun saret il-fekondazzjoni. Il-Knisja tisħaq bl-akbar qawwa li "l-ħajja, ladarba titnissel, jeħtieġ li tkun imħarsa bl-akbar reqqa; l-abort u l-qtil tat-trabi huma delitti mill-agħar" (*GS, par 51*).

9. Illum, il-kelma "ewtanasja" normalment nużawha għal dawk il-każi meta xi ħadd iġib il-mewt fuq ħaddieħor biex ma jħallihx ibati aktar. Fil-każ ta' l-ewtanasja involontarja, jiġifieri meta ssir fuq pazjenti li ma jkunux talbuha huma, jidher ċar li din l-ewtanasja hija omiċidju; fil-każ ta' l-ewtanasja volontarja, jiġifieri meta l-mewt ikun talabha l-pazjent innifsu, huwa daqshekk ieħor ċar li din hija suwiċidju.

10. Aħna obbligati quddiem Alla biex ma nqegħdux ħajjitna f'periklu bla bżonn u ma nesponuhiex għall-mard jew għal xi mankament. Għalhekk irridu noqogħdu attenti ħafna biex: naħarbu mill-ewwel id-droga, nevitaw l-alkoħol u t-tipjip, nagħżlu ikel li jkun tajjeb għal saħħitna, nevitaw sewqan perikoluż jew li nbagħbsu fil-logħob tan-nar.

11. Alla ried jafda l-annimali lill-bniedem biex jieħu ħsiebhom u juri t-tjieba magħhom. Il-bniedem jista' jinqeda bihom għall-ħtiġijiet ġusti tiegħu.

12. Il-problema ta' l-ekoloġija hija problema ta' bilanċ; bilanċ bejn il-ħtieġa li l-bniedem itejjeb il-kundizzjonijiet li fihom jgħix u l-ħtieġa li jirrispetta l-ambjent naturali.

13. Skond il-ħsieb ta' Alla, hi żbaljata għal kollox l-idea li l-bniedem hu sid assolut tad-dinja u li fuq l-ambjent naturali jista' jagħmel li jrid u li jogħġbu. Alla "ħa l-bniedem u qiegħdu fil-ġnien ta' l-Għeden biex jaħdmu u jħarsu" (*Ġen 2, 15*), mhux biex iħassru u jeqirdu. Barra minn hekk, id-dinja ġiet fdata biex titgawda mill-bnedmin ta' kull pajjiż u ta' kull żmien, u mhux biss minn min jirnexxilu jaħtaf l-ewwel.

14. Irridu nitilqu mill-konvinzjoni li l-ambjent hu ħaġa prezzjuża għall-bnedmin kollha u għalhekk irridu nagħmlu ħilitna biex inħarsuh. Huwa biss meta jkun tassew meħtieġ u ma nistgħux insibu triq oħra li naslu biex nissagrifikaw xi biċċa minnu.

15. Minn issa rridu nimpenjaw ruħna biex (a) neqirdu minn qalbna kull sentiment li jwassal għall-vjolenza, (b) insaħħu s-sentimenti li jwasslu għall-ftehim u l-imħabba ta' l-aħwa, u (ċ) nagħtu sehemna biex, f'Malta u fil-pajjiżi l-oħra, kull bniedem ikollu dak li hu meħtieġ biex jgħix ħajja deċenti mit-tnissil sal-mewt.



# LEJN ID-DINJA TAX-XOGĦOL

# 3

## Objettiv Ġenerali

Issa li qegħdin fl-aħħar sena
ta' l-iskola sekondarja,
irridu niddeċiedu
jekk nibqgħux nistudjaw
jew jekk nibdewx naħdmu.

U, kemm jekk niddeċiedu
li nibqgħu nistudjaw
u kemm jekk niddeċiedu
li nibdew naħdmu,
irridu naraw
x'tip ta' xogħol irridu nagħżlu.

Barra milli jolqotna fil-qrib
fil-ħajja personali tagħna,
ix-xogħol huwa wkoll
parti importanti
fil-ħajja soċjali li fiha
bdejna nħossu l-ħtieġa
li nagħtu sehemna.

Il-qasam tax-xogħol
jista' jkun
realtà li tkabbar u tiżviluppa
u jista' jkun
realtà li tgħaffeġ u tjassar.

Għalhekk, ix-xogħol huwa
suġġett importanti
li fuqu jrid ikollna ideat ċari
u orjentament tajjeb
skond il-proġett
li fassal għalina Alla.

Dan huwa
l-objettiv ġenerali
li rridu nilħqu f'dan il-Unit.

## Objettivi Partikulari

*L-objettiv ġenerali tkun tista' tilħqu jekk tfittex li tilħaq dawn l-iskopijiet partikulari. Trid issir kapaċi li:*

- Tagħmel lista tar-raġunijiet li n-nies ta' żmienna jfittxu fix-xogħol li jagħżlu.
- Issemmi d-dokumenti ewlenin tal-Knisja dwar ix-xogħol.
- Tagħmel lista ta' l-għanijiet li, skond il-ħsieb nisrani, għandu jkollu x-xogħol.
- Tispjega x'inhu l-għerq tat-tbatija li naraw fix-xogħol u x'effett għandha ġġib fuqu s-salvazzjoni li kiseb il-Mulej Ġesù bil-mewt u l-qawmien tiegħu.
- Tagħmel lista tad-drittijiet li joħorġu mid-dinjità tal-ħaddiem u tispjegahom fil-qosor.
- Turi x'għandek iżżomm quddiem għajnejk meta tiġi biex tara liema xogħol tagħżel u kif tista' tħejji ruħek għalih minn issa.

## Tqassim tas-Suġġetti

*F'dan il-Unit is-suġġetti huma ppreżentati f'din l-ordni:*

❑ L-atteġġjamenti tagħna u ta' sħabna lejn ix-xogħol. ❑ Id-dokumenti ewlenin tal-Knisja dwar ix-xogħol. ❑ L-għanijiet li jrid jilħaq ix-xogħol. ❑ It-tbatija tax-xogħol u kif din tintlaqat mill-fidwa ta' Kristu. ❑ Il-ħaddiem qabel ix-xogħol. ❑ Id-drittijiet tal-ħaddiem. ❑ Gwida biex nara liema xogħol nagħżel. ❑ Kif nitħejja minn issa għax-xogħol.



# Analiżi ta' Sitwazzjoni

## diskussjoni fil-klassi



**Kif inħarsu lejn ix-xogħol**

i. Il-ħaddiema li taf jew li tisma' fuqhom iħarsu lejn ix-xogħol a) bħala barka jew b) bħala saħta ?

ii. X'raġunijiet iġib min jaħseb li x-xogħol hu barka u x'raġunijiet iġib min jaħseb li x-xogħol huwa saħta?

iii. Meta tiġi biex tiddeċiedi liema xogħol tagħżel, liema żewġ affarijiet tqis bħala l-aktar importanti?

* Li jkun xogħol li bih naqla' ħafna flus. ( )
* Li jkun xogħol li jagħmilni bniedem popolari. ( )
* Li jkun xogħol fis-sod. ( )
* Li jkun xogħol għal qalbi. ( )
* Li jkun xogħol fejn inbati mill-anqas. ( )
* Li jkun xogħol ta' ġid għall-oħrajn. ( )
* ................................................................................ ( )

Wara li jinġabru t-tweġibiet ta' kulħadd fuq il-*whiteboard*, nifthu diskussjoni mal-klassi kollha dwar x'naħsbu li huma r-raġunijiet ta' l-għażliet li saru minna u minn sħabna.




X'inhu l-ħsieb nisrani dwar l-iskop tax-xogħol u l-post li għandu jkollu fil-ħajja tal-bniedem? Hemm xi siltiet mill-Bibbja li jixħtulna dawl dwar kif għandna nħarsu lejn ix-xogħol?

## 1 Id-dokumenti ewlenin tal-Knisja dwar ix-xogħol

Aħna l-insara nħarsu lejn ix-xogħol mhux biss bir-raġuni, kif iħarsu lejh dawk li ma jemmnux, imma qabel kollox fid-dawl tal-Kelma ta' Alla kif imwassla lilna fil-Bibbja u kif inhi mfissra għal żminijietna fit-tagħlim tal-Knisja.

Dwar ix-xogħol fi żmienna, il-Bibbja ma titkellimx b'mod sistematiku, u rari tifformola prinċipji diretti. Niftakru li l-organizzazzjoni tax-xogħol fi żmienna hija hekk mibdula u żviluppata meta nqabbluha ma' żmien il-Bibbja li ma nistgħux nistennew li nsibu fil-Bibbja tweġibiet diretti għal ħafna mistoqsijiet li l-organizzazzjoni tax-xogħol qed tqanqal fi żmienna. Għal dawn irridu nduru fuq it-tagħlim tal-Knisja ħalli naraw kif tinterpreta l-orjentament fondamentali tal-Bibbja fid-dawl taċ-ċirkustanzi preżenti.


Papa Ljun XIII

L-ewwel dokument importanti li fetaħ era ġdida fit-tagħlim tal-Knisja f'dan il-qasam kien l-enċiklika tal-**Papa Ljun XIII *Rerum Novarum*** fl-1891. Erbgħin sena wara, jiġifieri fl-1931, il-**Papa Piju XI** applika t-tagħlim soċjali għal żmienu bl-enċiklika ***Quadragesimo Anno***, waqt li tmenin sena wara, jiġifieri fl-1971, il-**Papa Pawlu VI** ħareġ dokument importanti ***Octogesima Adveniens***.

Disgħin sena wara, jiġifieri fl-1981, il-**Papa Ġwanni Pawlu II** żviluppa t-tagħlim nisrani dwar ix-xogħol fl-enċiklika ***Laborem Exercens*** (*Lab Ex)*, waqt li f'għeluq il-mitt sena, kompla jfissru għaż-żmien ta' wara l-waqgħa tal-komuniżmu fl-Ewropa tal-Lvant bl-enċiklika ***Centesimus Annus*** (*Cen An)*. Tul dawn il-mitt sena mir-Rerum Novarum ħarġu diversi dokumenti oħra; l-aktar importanti huwa id-dokument magħruf bħala ***Il-Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-Dinja tal-Lum*** tal-Konċilju Vatikan II (*GS*).

Il-messaġġ globali tal-Bibbja u t-tifsir tiegħu fit-tagħlim reċenti tal-Knisja jagħtuna dawk il-prinċipji reliġjużi u morali li bihom aħna l-insara rridu nfittxu soluzzjonijiet partikulari għall-problemi konkreti dwar ix-xogħol li jinqalgħu minn żmien għal żmien.

## 2 L-għanijiet li jrid jilħaq ix-xogħol

Ix-xogħol għandu aktar minn skop wieħed. Xi wħud minn dawn l-iskopijiet nistgħu nagħrfuhom kemm mir-raġuni u kemm mill-Kelma ta' Alla; oħrajn nistgħu nagħrfuhom biss mid-dawl li tagħtina l-Kelma ta' Alla.

### i. Ix-xogħol bħala mezz ta' għajxien



Dan l-iskop huwa aktarx l-aktar wieħed evidenti, għax nistgħu nagħrfuh imqar bi ftit riflessjoni fuq il-ħajja li rridu ngħixu f'din id-dinja. Il-bniedem ma jistax jgħix jekk ma jiksibx dak li jeħtieġ għall-ħajja, u dan ma jistax jagħmlu jekk mhux bix-xogħol tiegħu. Għall-bniedem, ix-xogħol hu ħaġa meħtieġa u jaqa' taħt l-obbligu gravi li għandu kull individwu li "jħares ħajtu".

Dan id-dmir ikun ikbar jekk wieħed ikun jeħtieġlu jmantni wkoll il-familja tiegħu.

Lill-insara ta' Tessalonika, li fosthom kien hemm xi wħud li ma ridux jaħdmu, San Pawl iwissihom bi kliem iebes ħafna:

> Ħuti, fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu, nordnalkom li żżommu ruħkom 'il bogħod mill-aħwa kollha li jgħixu fil-għażż u li ma humiex jimxu kif tgħallimtu minn għandna. Intom stess tafu kif jenħtieġ li timxu fuq l-eżempju tagħna. Aħna ma tgħażżinniex meta konna fostkom .....
>
> Meta konna fostkom aħna ordnajnielkom li jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas ma għandu jiekol.
>
> Issa aħna smajna li hemm xi wħud fostkom li qegħdin jitgħażżnu; m'humiex jaħdmu, imma qegħdin jinħlew fix-xejn. Lil dawn in-nies nordnalhom u nwissihom, f'isem Sidna Ġesù Kristu, biex jaħdmu sewwa u l-għajxien tagħhom jaqilgħuh .......
>
> *(2 Tess 3, 6-12)*

## ii. Ix-xogħol bħala tisħib fil-ħidma ta' Alla l-Ħallieq

Bir-raġuni tagħna nagħrfu li skop ieħor tax-xogħol huwa li l-bniedem ibiddel il-ħolqien u jagħmlu dar dejjem aktar xierqa għalih. Iżda fid-dawl tal-kelma ta' Alla nagħmlu pass ieħor 'il quddiem u nagħrfu li din il-ħidma hi tisħib fil-ħidma ta' Alla l-Ħallieq.

Fil-Ġenesi, l-ewwel ktieb tal-Bibbja, Alla hu ppreżentat bħala ħaddiem li, bħall- ħaddiema l-oħra kollha, jaħdem sitt ijiem u jistrieħ fis-seba' jum. Ġesù juri l-ħidma bla waqfien ta' Alla meta jistqarr: "Missieri għadu sa issa jaħdem..." (*Ġw 5, 17*); dan ifisser li Alla għadu jaħdem bil-qawwa ħallieqa tiegħu li żżomm u tmexxi l-univers kollu u għadu jaħdem bil-qawwa ħelliesa tiegħu fil-qlub ta' dawk li jilqgħu s-sejħa tiegħu.

Bħala xbieha ta' Alla l-bniedem hu msejjaħ biex jiżviluppa u bħal joħloq ħwejjeġ ġodda mill-ħolqien. Dan ikompli jidher mill-kmand ta' Alla nnifsu lill-bnedmin: "Nisslu u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha" (*Ġen 1, 28*).



B'dan il-kmand, Alla qiegħed isieħeb lill-bniedem biex, bix-xogħol ta' idejh u ta' moħħu, jiżviluppa l-ġid u l-enerġija kollha li hawn moħbija fl-art u fil-liġijiet tan-natura, u jittrasforma u jorganizza r-realtà b'mod li tilħaq l-iżvilupp sħiħ tagħha. "Huwa u jobdi dan il-kmand, il-bniedem jagħmel li l-ħidma tal-Ħallieq tad-dinja tiddi fih stess" (*Lab Ex para 4)*. Ir-rebħiet fuq l-art u fuq il-qawwiet tan-natura li jikseb il-bniedem bix-xogħol tiegħu "huma xhieda tal-kobor ta' Alla u huma miksubin skond il-pjan għoli tal-Ħallieq" (*GS par 34)*.

L-ewwel mod li bih Ġesù xandar id-dinjità tax-xogħol kien bl-eżempju ta' ħajtu. Dwaru n-nies ta' pajjiżu bdew jistagħġbu u jgħidu: "Dan mhuwiex il-mastrudaxxa?" (*Mk 6,3)*. Fl-interessi u t-tagħlim tiegħu, kellhom stima u post importanti l-ħaddiema kollha, kien x'kien ix-xogħol tagħhom.

"Kliemu kien mimli b'referenzi għal tipi differenti ta' xogħol: il-bidwi li jiżra' ż-żerriegħa u l-ħaddiem li jaħsad, dak li jieħu ħsieb ikabbar id-dwieli u r-ragħaj li jieħu ħsieb in-nagħaġ, dak li jsewwi x-xbiek f'xatt il-baħar, il-bennej u s-seftur, in-negozjant u l-mara tad-dar, is-suldat u l-uffiċjal ta' l-Istat. U l-Appostli li għażel biex ikomplu l-missjoni tiegħu ta' fidwa kienu ħaddiema u sajjieda".

*(Laqgħa tal-Papa Ġwanni Pawlu II mal-Ħaddiema Maltin – Mejju 1990)*

Fid-dawl ta' l-ewwel paġni tal-Ġenesi u fuq l-eżempju ta' Ġesù u ta' l-Appostli, nistgħu ngħidu li: "għan-nisrani, ix-xogħol hu l-mod kif aħna nieħdu sehem attiv u responsabbli fil-ħidma tal-Ħallieq" (*ibid*).

### iii. Ix-xogħol bħala żvilupp tagħna nfusna

Meta jagħmel xi ħaġa, il-bniedem mhux biss ibiddel dak li jkollu f'idejh u d-dinja ta' madwaru, imma wkoll iġib lilu nnifsu 'l quddiem billi jitgħallem aktar u jiżviluppa t-talenti u l-fakultajiet tiegħu kollha, hekk li, b'xi mod, isir bniedem aktar sħiħ.



Ix-xogħol hu tal-bniedem kollu kemm hu, ġisem u ruħ, sew jekk hu xogħol ta' l-id, sew jekk hu xogħol tal-moħħ. Ix-xogħol għalhekk hu ħaġa personali u parti mis-sejħa ta' kull bniedem; anzi **bix-xogħol il-bniedem juri x'inhu u jilħaq l-iżvilupp sħiħ ta' persuntu** (ara *Cen An par 6)* .

### iv. Ix-xogħol bħala mezz ta' żvilupp fis-solidarjetà

Illum aktar mill-bieraħ, ix-xogħol qiegħed jidher dejjem aktar bħala xogħol <u>ma'</u> l-oħrajn u xogħol <u>għall</u>-oħrajn. Nistgħu ngħidu li fi żmienna



kważi ħadd ma jgħix b'dak biss li jipproduċi huwa nnifsu waħdu bix-xogħol tiegħu. Minn naħa waħda, biex jista' jgħix, wieħed jeħtieġ il-kooperazzjoni ta' l-oħrajn: jeħtieġ ix-xogħol ta' dawk li bħalu jaħdmu u jipproduċu l-ħwejjeġ li jkollu bżonn; jeħtieġ lil dawk li jaħdmu biex jipprovdulu l-materjal biex jista' jaħdem; jeħtieġ il-flus ta' dawk li jixtru l-prodotti tax-xogħol tiegħu.

Min-naħa l-oħra, ħaddieħor jeħtieġ ix-xogħol tiegħu, li bih jagħti sehmu għall-ħtiġijiet tal-familja tiegħu, tal-komunità tiegħu, ta' pajjiżu, u fl-aħħar mill-aħħar tal-familja kollha tal-bnedmin. Hekk **ix-xogħol qiegħed jidħol f'katina dejjem itwal ta' solidarjetà** (ara *Cen An para 32* u *43)*.

Ix-xogħol huwa fattur ewlieni biex titwettaq il-ġustizzja soċjali. Meta ggwidat minn prinċipji tajba u ġusti, ix-xogħol għandu, bħala karatteristika ewlenija tiegħu, il-qawwa li jgħaqqad in-nies, **il-qawwa li jwaqqaf komunità**, komunità li mhux biss tgħaqqad il-ħaddiema bejniethom, iżda magħhom tgħaqqad ukoll lil dawk li għandhom f'idejhom il-mezzi tal-produzzjoni jew huma s-sidien tagħhom (ara *Lab Ex, para 20*).

"Dak li hu meħtieġ huwa atti konkreti ta' solidarjetà: bejn is-sidien u l-impjegati, bejn il-ħaddiema nfushom kemm jekk irġiel u kemm jekk nisa, b'sensittività speċjali għall-fqar u għal dawk li ma għandhomx min jiddefendihom...... Mhux il-firda u l-ġlied, iżda mewġa kbira ta' solidarjetà soċjali hija t-tweġiba proprja għall-problemi tal-lum li huma dejjem aktar marbutin flimkien u kull waħda tiddependi mill-oħra .... Ix-xogħol huwa l-mod effettiv li bih titqiegħed fil-prattika l-imħabba lejn għajrna. Billi jġib kull xorta ta' ġid lis-soċjetà, ix-xogħol hu forma mill-aqwa ta' servizz lill-oħrajn."

*(Laqgħa tal-Papa mal-Ħaddiema Maltin - Mejju 1990)*

### v. Ix-xogħol bħala tkomplija tal-quddiesa

Ix-xogħol fil-ħajja ta' kuljum ma għandniex inqisuh bħala xi ħaġa maqtugħa mill-qima li nagħtu lil Alla f'ħajjitna l-aktar fil-quddiesa. Ix-xogħol ta' kuljum għandna nqisuh bħala tkomplija tagħha. Naraw il-messaġġ li l-Papa Ġwanni Pawlu II ried iħalli lill-ħaddiema Maltin.

"Il-ħidma li l-Papa qed iħalli f'idejn il-ħaddiema Maltin hija li jgħaqqdu flimkien id-dinja tax-xogħol fid-dinja tal-fidi. Ma jistax ikun hemm firda bejn it-tradizzjonijiet tal-fidi kattolika kif turuhom fil-quddiesa tal-Ħadd u s-sens ta' impenn, ta' onestà, ta' ġustizzja u fraternità li għandkom turu fil-post tax-xogħol tul il-ġimgħa."



Waqt li pemezz tax-xogħol tagħna fid-dinja nissieħbu fil-bini tas-Saltna ta' Alla qegħdin nissieħbu fl-istess ħidma li biha Ġesù faħħar u ta glorja lil Alla.

## 3 Ix-xogħol bħala tbatija

Minkejja l-kliem sabiħ li nistgħu ngħidu fuq ix-xogħol, irridu nibqgħu nżommu quddiem għajnejna t-tbatija iebsa li x-xogħol iġib fuq miljuni ta' ħaddiema mxerrda mad-dinja. Ma nistagħġbux li ma jkunux ftit dawk li jħarsu lejn ix-xogħol bħala saħta.

### i. Ix-xogħol qabel daħal id-dnub fid-dinja

Fil-ħsieb tal-Bibbja, aktarx li ma kellux ikun hemm differenza bejn ix-xogħol u bejn dak li wieħed jagħmel fil-ħin liberu, bejn xogħol u *hobby*, bejn *work* u *play*. Fil-ħsieb ta' Alla, għall-bniedem kollox kellu jkun delizzju, *hobby, play, leisure*.

Dan ma jfissirx li l-bniedem kellu joqgħod fil-għażż; ma jfissirx li ma kellux jaħdem u jagħmel ħwejjeġ mill-aktar importanti: "u l-Mulej ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien biex jaħdmu u jħarsu" (*Ġen 2, 15)*. Ifisser li l-bniedem kellu jaħdem, iva, u x-xogħol kellu jkollu wkoll it-tbatija fiżika tiegħu; iżda x-xogħol tiegħu kellu jagħmlu minn rajh, bir-rieda ħielsa tiegħu; kellu jagħmlu minn qalbu bħala delizzju, u mhux bid-dwejjaq bħal meta jkollok tagħmel xi ħaġa bilfors, ukoll meta tkun taf li qed tkunlek ta' ħsara.

Il-bniedem kien maħluq xbieha ta' Alla u l-missjoni tiegħu kellha tixbah lill-ħidma ta' Alla l-Ħallieq. U bħalma Alla ma jagħmel xejn fuq qalbu imma jagħmel kollox b'mod ħieles, għax iħobb, hekk il-bniedem kellu jaħdem skond kif jiddeċiedi hu, skond dak li jagħraf li hu tajjeb u ġust.

### ii. Bid-dnub tidħol il-firda bejn xogħol u ħin liberu

Bid-dnub, ix-xogħol ma baqax aktar delizzju, ma baqax ħaġa li wieħed jagħmilha minn qalbu, xi ħaġa li wieħed jagħmilha bi pjaċir, imma daħal fih l-element ta' xi ħaġa ta' bilfors. Ix-xogħol sar wieħed mill-oqsma ewlenin fejn l-aktar jinħass l-effett qerriedi tal-ħażen u tad-dnub; u dan mhux tant fit-tbatija fiżika daqskemm fl-inġustizzji, il-vjolenza u r-regħba li jħarbtu dan il-qasam.



Adam u Eva mkeċċija mill-Ġenna ta' l-art. Duomo ta' Monreale, Sqallija.

Meta l-bniedem infired minn Alla, tilef il-kapaċità li jifhem u jikkontrolla l-qawwiet tan-natura; kisser l-ordni u l-armonija li bihom kellu jiżviluppa l-ħolqien:"xewk u għollieq tnibbitlek, u int tiekol il-ħaxix selvaġġ" (*Ġen 3, 18*). Ix-xogħol li ried jagħmel bilfors biex jibqa' jgħix issa sar piż, għajn ta' tbatija, ta' tensjoni, ta' ġlied: "misħuta l-art minħabba fik; bit-taħbit tiekol minnha, il-jiem kollha ta' ħajtek" (*Ġen 3, 17*).

Fuq kollox, il-firda tal-bniedem minn Alla kissret l-armonija li l-bniedem kellu jkollu mal-bnedmin l-oħra u li kellha tagħmel mill-qasam tax-xogħol okkażjoni ta' ftehim u kollaborazzjoni. Flok iħares lejhom bħala ħbieb li jaħdmu id f'id, beda jħares lejhom bħala theddida jew bħala strument li jista' jużah għall-interessi tiegħu. Aktar ma beda jinfired minn Alla, aktar beda jdaħħal il-ħażen u l-inġustizzji ta' kull xorta fl-organizzazzjoni tas-soċjetà, hekk li, wkoll fiċ-ċiviltà evoluta tal-Greċja u ta' Ruma, ix-xogħol kien meqjus bħala ħaġa mill-aktar baxxa li kellhom jagħmluha l-iskjavi li ma kellhom ebda dinjità u ebda dritt.

Jekk il-bniedem irid isib il-kapaċità biex il-ħin liberu jużah għall-ġid u biex inaqqas id-differenza bejn id-dwejjaq tax-xogħol u l-hena tal-ħin liberu, jeħtieġ iħares lejn Ġesù li fih u bih kellha sseħħ ir-rikonċiljazzjoni tal-bniedem ma' Alla, mal-proxxmu, miegħu nnifsu u ma' l-univers.

### iii. Id-dnub ħarbat il-qasam tax-xogħol

Kif id-dnub ħarbat il-qasam tax-xogħol u jwassal lil xi wħud iħarsu lejn ix-xogħol bħala saħta nistgħu narawh f'dawn it-tliet taqsimiet.

"Minflok jissieħeb ma' Alla fil-ħidma tal-ħolqien, il-bniedem ipprova jqiegħed lilu nnifsu flok Alla, u spiċċa biex qajjem irvell fin-natura; aktar milli jiżviluppaha, qiegħed jaħkimha bħala tirann" (*Cen An, para 37*). Hi l-problema ta' **l-ekoloġija** li qed issir dejjem aktar gravi: it-tinġis ta' l-arja, is-saff ta' l-ożonu (*ozone layer*), l-effett tas-serra (*greenhouse effect*), il-qerda ta' l-ambjent naturali, il-materjal velenuż li qed jhedded l-ilma tax-xorb u jeqred kull xorta ta' ħajja mix-xmajjar u mill-ibħra, eċċ.



Il-bniedem li fix-xogħol jara biss strument biex jaqla' l-flus, minflok jiżviluppa d-dinja f'isem Alla, qed jispiċċa biex jeqridha u magħha jibda jeqred lilu nnifsu.



Minflok mezz biex il-bniedem jiżviluppa lilu nnifsu u t-talenti li tah Alla, f'ħafna okkażjonijiet ix-xogħol jispiċċa biex isir għajn ta' tbatija jew ta' jasar ġdid: xogħol li wieħed ikollu jagħmlu fuq qalbu għax ma jistax isib xogħol ieħor, xogħol ta' tbatija li tħallik bla saħħa, xogħol f'ħinijiet li ma jħallukx tagħmel attivitajiet oħra, xogħol f'ambjenti diffiċli, bħal xemx tisreġ, nuqqas ta' arja, nuqqas ta' indafa, periklu għas-saħħa jew għall-ħajja. Diżgrazzja li baqgħet tissemma ġrat fuq it-tanker "Um el faroud" fejn ħallew ħajjithom disa' ħaddiema tat-tarzna nhar it-3 ta' Frar 1995. Ix-xogħol ikun ukoll għajn ta' tbatija meta jkun monotonu jew ta' rutina li jneħħi kull sens ta' kreattività jew inizjattiva, meta jkun taħt dixxiplina u superviżjoni esaġerata, jew li jimliek b'tensjonijiet kbar, eċċ.

F'okkażjonijiet bħal dawn, ix-xogħol mhux biss ma jiżviluppax il-bniedem, iżda jkompli ijassru u jagħmillu ħajtu mrar.



Minflok solidarjetà u għaqda, f'diversi ambjenti x-xogħol jispiċċa biex ikun okkażjoni oħra li ġġib firda u ġlied. Din il-firda, ħafna drabi magħġuna b'mibegħda u sens ta' vendikazzjoni, tista' tidher kemm bejn is-sidien u l-ħaddiema, kemm bejn il-ħaddiema nfushom fl-istess fabbrika, u kemm bejn il-ħaddiema li jagħmlu ċertu tip ta' xogħol (ngħidu aħna, skrivani, u dawk li jagħmlu tip ta' xogħol ieħor, ngħidu aħna, fl-industrija).

L-akbar firda li ġabet l-hekk imsejħa ġlieda bejn "il-klassijiet", u li wasslet għas-sistema diżastruża tal-komuniżmu ateu, twieldet mis-sistema tas-sidien għonja li kienu jħarsu lejn ix-xogħol tal-ħaddiema bħala biċċa għodda li tista' tinbiegħ u tinxtara bla ebda dritt ta' xejn. Fi żmienna, sfruttament ta' din ix-xorta jidher fil-mod, li bih il-pajjiżi hekk imsejħa żviluppati ħafna drabi qegħdin jittrattaw lill-pajjiżi tat-Tielet Dinja.

Minkejja l-għaqda u s-solidarjetà li jmissu jġib bejn kull ċittadin u kull taqsima tas-soċjetà, ix-xogħol xorta waħda għadu jkun il-kawża ta' tensjonijiet u tbatija.

### iv. Il-fidwa tax-xogħol

Fil-proġett tas-salvazzjoni mfassal minn Alla għall-ħelsien sħiħ tal-bniedem, ma setax jonqos li x-xogħol ukoll jinfeda mill-ħakma tal-ħażen u jerġa' jsib l-iskop ġenwin li għalih Alla fasslu għall-bniedem. Bis-saħħa tal-mewt u l-qawmien tal-Mulej Ġesù, il-bniedem mhux biss reġa' kiseb l-għaqda ma' Alla, iżda sab u jibqa' jsib id-dawl u l-qawwa biex jissieħeb mal-Mulej Ġesù fil-bini ta' sema ġdid u art ġdida.

Hekk nistgħu ngħidu li għan-nisrani, ix-xogħol għandu wkoll għan ieħor: huwa wkoll mezz li bih jissieħeb ma' Kristu fil-fidwa tad-dinja u tas-soċjetà. **F'dan it-tisħib permezz tax-xogħol il-bniedem jingħaqad ma' Kristu li jeħles il-ħlejjaq mill-jasar tat-taħsir u jwassalhom għall-ħelsien tas-sebħ ta' wlied Alla.**

Din il-fidwa tax-xogħol ma tneħħix kull tbatija, iżda tgħin lin-nisrani biex iseħibha mat-tbatija ta' Kristu msallab u, waqt li jilqagħha bl-istess spirtu tiegħu, jagħti sehmu għal dinja ġdida li bdiet tissawwar fil-qawmien (ara *Lab Ex, para. 27*).



CREMONA EMVIN (1919–1987)
Kristu Rxoxt isehibna mieghu fil-bini ta' sema ġdid u art ġdida,
Knisja Parrokkjali San Girgor, Sliema.

## 4 Id-dinjità tal-ħaddiem l-ewwel

Liema kundizzjonijiet iridu jkunu mħarsa biex l-għanijiet tax-xogħol jintlaħqu tabilħaqq? Nagħmlu intervista lil ħames ħaddiema li niltaqgħu magħhom fl-ambjent tal-familja jew taż-żona fejn ngħixu.

### *Intervista*



**Id-dinjità tal-ħaddiema**

i. Hawn min jgħid li l-bniedem jaħdem biex jgħix, u hawn oħrajn li jgħidu li l-bniedem jgħix biex jaħdem. Int ma' min taqbel? Għaliex?

ii. Minn fost id-drittijiet li l-ħaddiema għandu jkollhom fil-qasam tax-xogħol, semmi tnejn li fil-fehma tiegħek huma l-aktar importanti. Għaliex taħseb hekk?

iii. Fil-fehma tiegħek, liema huma d-drittijiet tal-ħaddiema li f'pajjiżna huma mħarsa l-anqas?

iv. X'taħseb li huma d-dmirijiet ewlenin tal-*Unions* tal-Ħaddiema?

### i. Il-ħaddiem jiġi qabel ix-xogħol

Il-Knisja dejjem għallmet bla tlaqliq u bil-qawwa kollha li kull bniedem, huma x'inhuma l-konvinzjonijiet personali tiegħu, iġib fih ix-xbieha ta' Alla u għalhekk jistħoqqlu kull rispett għal din id-dinjità.

Dan ifisser li l-bażi ewlenija li fuqha għandu jitqies ix-xogħol hu l-bniedem innifsu u d-dinjità tiegħu bħala persuna li jeħtieġ li tibqa' dejjem imħarsa.

Fi kliem ieħor, ir-raġuni ewlenija tad-dinjità tax-xogħol għandna nfittxuha f'**min** jagħmel ix-xogħol, jiġifieri fil-bniedem, u mhux fil-kwalità ta' xogħol li wieħed jagħmel.



Konklużjoni importanti li toħroġ minn din il-verità hija li, veru kemm hu veru li l-bniedem hu maħluq biex jaħdem u hu msejjaħ għax-xogħol, qabel xejn u qabel kollox,

**ix-xogħol**
**hu għall-bniedem,**
**u mhux**
**il-bniedem**
**għax-xogħol.**

Il-bniedem li jagħmel ix-xogħol hu aqwa mix-xogħol li jagħmel.

## ii. Sistemi li jiċħdu din id-dinjità

Fl-istorja reċenti ta' l-Ewropa, dan il-prinċipju fundamentali nsibuh miċħud u maqlub ta' taħt fuq kemm fis-sistema ta' l-hekk imsejjaħ "soċjaliżmu reali" u kemm fis-sistema tal-kapitaliżmu radikali.

Is-soċjaliżmu reali, kif kien imħaddem sa ftit snin ilu fl-Ewropa tal-Lvant, iqis il-persuna individwali bħala oġġett biss, bħala molekula fl-organiżmu soċjali, hekk li l-ġid ta' l-individwu hu, kollu kemm hu, subordinat għat-tħaddim tal-mekkaniżmu soċjo-ekonomiku (*Cen An, para. 13*).

F'din is-sistema l-individwu jitlef il-libertà u jisfa mċaħħad minn dik ir-responsabbiltà li jmissha tkun kollha kemm hi tiegħu, ir-responsabbiltà li fil-kuxjenza tiegħu jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin. Hekk il-ħaddiem jispiċċa biex, l-ewwel u qabel kollox, jaqdi l-interessi tal-partit u jitqies sempliċiment bħala "rota" fil-mekkaniżmu ta' l-Istat.



It-twaqqigħ tal-ħajt ta' Berlin fl-1989 jimmarka l-falliment u t-tmiem tal-komuniżmu u tas-soċjaliżmu reali.

Iżda jekk fis-sistema tas-soċjaliżmu reali l-ħaddiem jispiċċa biċċa għodda f'idejn il-partit, fis-sistema tal-liberaliżmu jew kapitaliżmu radikali, il-ħaddiem jispiċċa biċċa merkanzija f'idejn dawk li jmexxu s-suq, jispiċċa bħall-oġġetti l-oħra li jinxtraw u jinbiegħu. F'din is-sistema, fejn mhu aċċettat ebda kontroll, issaltan "l-idolatrija" tas-suq, għax quddiem il-produzzjoni selvaġġa u l-qligħ bla rażan jiġu sagrifikati l-jeddijiet tal-ħaddiema.

Fis-sistema liberali, l-intrapriżi privati għandhom post mill-aktar importanti. Huwa veru li f'dawn l-intrapriżi l-qligħ għandu funzjoni importanti għax juri li l-intrapriża sejra tajjeb. L-għan ta' l-intrapriża, iżda, mhuwiex biss il-qligħ. L-aktar ġid prezzjuż ta' l-intrapriża huwa n-nies, huwa l-ħaddiema. Barra mill-qligħ, l-għan ta' l-intrapriża huwa li tkun komunità ta' bnedmin li, b'mod jew ieħor, qegħdin iħabirku biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ewlenin tagħhom waqt li jagħtu sehemhom għall-qadi tas-soċjetà kollha kemm hi. Għalhekk ma jistax ikun aċċettat li, biex il-kontijiet ekonomiċi jkunu tajbin, il-ħaddiema jisfaw umiljati u d-dinjità tagħhom imkażbra (ara *Cen An, para. 35*).

Fid-diskors tal-Kottonera, il-Papa Ġwanni Pawlu II tenna lill-ħaddiema Maltin:

> "id-dinjità tal-persuna umana hija l-uniku pedament sod ta' sistema soċjali li kapaċi taghti d-direzzjoni ġusta lill-imġiba bejn il-bnedmin u li kapaċi trawwem ftehim, djalogu u kooperazzjoni."

## 6 Id-drittijiet tal-ħaddiem

Id-dinjità tal-ħaddiem bħala persuna maħluqa xbieha ta' Alla u msejħa biex tieħu sehem fil-pjan ta' Alla għal dinja ġdida titlob li, l-ewwel u qabel kollox, jitħarsu d-drittijiet tiegħu bħala ħaddiem. Dawn id-drittijiet, li joħorġu min-natura tax-xogħol, "huma parti mill-kuntest aktar wiesa' tad-drittijiet fundamentali ta' kull bniedem bħala persuna" (*Lab Ex, para. 16)*. Ikun xi jkun ix-xogħol, ladarba l-bniedem jibqa' l-għan aħħari tax-xogħol, il-ħaddiem ma għandu qatt, f'isem ix-xogħol, il-produzzjoni jew il-qligħ, ikun imċaħħad minn dawn id-drittijiet.

## i. Id-dritt għax-xogħol

Id-dritt ewlieni, li jiġi qabel id-drittijiet l-oħra, huwa d-dritt li wieħed ikollu x-xogħol, li jsib fejn jaħdem, li jsib impjieg li għalih ikun kapaċi. Jekk, minn naħa waħda, il-bniedem għandu obbligu gravi li jaħdem, minn naħa oħra għandu d-dritt li jsib ix-xogħol.

> "Il-qgħad, jiġifieri n-nuqqas ta' xogħol għal min hu kapaċi għalih, ... hu dejjem deni u, meta jilħaq ċertu livell, huwa veru diżastru soċjali. U l-qgħad ikidd ħafna meta jolqot l-aktar iż-żgħażagħ li, wara tħejjija kulturali, teknika u professjonali xierqa, ma jsibux xogħol, u jaraw miġjuba fix-xejn ix-xewqa sinċiera tagħhom li jaħdmu u li jagħtu sehemhom fl-iżvilupp tal-komunità li tagħha huma membri".
>
> (*Lab Ex, para. 18*)

Huwa dmir tas-soċjetà li tfassal pjan komprensiv u sħiħ, li waqt li jiġbor fih l-għamliet differenti ta' xogħol li jridu jsiru, jara li jkunu organizzati b'mod sewwa u li jixraq għall-iżvilupp sħiħ tal-ħaddiema. Dan irid isir l-aktar minn dawk li huma responsabbli minn kif titmexxa l-politika tax-xogħol, bħalma huma d-diretturi ta' l-intrapriżi, il-*unions* u l-gvern.



Sakemm jitwettaq dan il-pjan jew sakemm tinstab soluzzjoni, dawk li tilfu l-impjieg jew ma jistgħux isibu x-xogħol jeħtieġ li jkunu megħjuna kif jixraq.



Inħeġġukom biex ma tabbandunawx lil dawk li huma qiegħda, u l-aktar liż-żgħażagħ li qed ifittxu jaqilgħu l-għajxien. Dawk li huma qiegħda u l-familji tagħhom għandhom dritt għas-solidarjetà effettiva ta' l-Istat, ta' dawk li jmexxu l-ekonomija u ta' l-*unions* infushom.

(Laqgħa tal-Papa mal-Ħaddiema Maltin - Mejju 1990)

## ii. Id-dritt għal tagħlim, taħriġ u edukazzjoni xierqa

F'dinja fejn ix-xogħol qed isir dejjem aktar speċjalizzat, il-ħaddiem għandu d-dritt għal sistema xierqa ta' tagħlim u ta' taħriġ. Dan it-tagħlim u dan it-taħriġ irid jagħti lill-ħaddiem dik it-tħejjija professjonali li mingħajrha ma jkunx jista' jsib postu jew iżommu fid-dinja komplikata tax-xogħol. Iżda fl-istess waqt, din it-tħejjija trid tgħinu wkoll jilħaq il-maturità sħiħa tiegħu (ara *Lab Ex, para. 18)*.

## iii. Id-dritt għal paga ġusta

Is-salarju jew il-paga li wieħed jirċievi għax-xogħol tiegħu għadu l-mezz prattiku li bih il-kotra l-kbira tan-nies jiksbu l-ġid ta' l-art li għalih għandhom dritt biex ikunu jistgħu jgħixu u jiżviluppaw lilhom infushom. Ix-xogħol għalhekk, għandu jitħallas b'mod li l-ħaddiem ikun jista' jgħix kif jixraq kemm mill-aspett materjali u kemm mill-aspett soċjali, kulturali u spiritwali. Is-salarju għandu jqis ukoll ix-xorta ta' xogħol, il-produttività ta' kull wieħed, kif ukoll il-kondizzjonijiet ta' l-intrapriża, il-qagħda ekonomika tal-pajjiż u l-ġid komuni (ara *GS, para. 67*).

Għall-ħaddiem li jrid jerfa' wkoll il-piż tal-familja, il-paga ġusta trid tkun kbira biżżejjed biex ikun jista' jmantniha u jipprovdilha s-sigurtà għall-ġejjieni. Fi kliem ieħor, għandu dritt għal dik li tissejjaħ paga għall-familja (*family wage*). Din il-*family wage* tista' tingħata jew bħala salarju wieħed mogħti lill-kap tal-familja għal xogħlu, u li jkun biżżejjed għall-ħtiġijiet tal-familja tiegħu mingħajr il-ħtieġa li martu tfittex ix-xogħol

barra mid-dar, jew permezz ta' għajnuna soċjali oħra bħalma huma sussidji familjari, *children's allowances*, jew għotjiet lill-ommijiet li jiddedikaw ruħhom biss għall-familja tagħhom.

### iv. Id-dritt għal kundizzjonijiet xierqa

Barra mid-dritt għal paga ġusta, id-dinjità tal-ħaddiem titlob li jitħarsu wkoll id-drittijiet marbutin mal-kundizzjonijiet tax-xogħol. F'ċerti każi, dawn id-drittijiet huma aktar importanti mill-qligħ tal-flus, għax fil-biċċa l-kbira tagħhom jolqtu l-istess saħħa tal-ħaddiem.

#### Id-dritt għal ħin tax-xogħol limitat u għal mistrieħ xieraq



Il-ħaddiem għandu d-dritt mhux biss li ma jitgħaffiġx b'sigħat twal ta' xogħol, iżda wkoll li jkollu ħin liberu biżżejjed, kemm biex jerġa' jikseb is-saħħa li jkun uża fix-xogħol u kemm biex jista' jieħu ħsieb il-ħajja familjari, kulturali, soċjali u reliġjuża tiegħu.

"Dan ifisser l-ewwelnett il-mistrieħ ta' ġurnata fil-ġimgħa, almenu l-Ħadd, u wkoll mistrieħ aktar fit-tul, jiġifieri vaganza darba fis-sena jew għadd ta' vaganzi qosra tul is-sena" (*Lab Ex, para. 19*).

#### Id-dritt għal ambjent li jħares is-saħħa tal-ħaddiem



Il-ħaddiem għandu d-dritt li l-post tax-xogħol ikun nadif biżżejjed, ħieles minn arja mniġġsa u minn sitwazzjonijiet li jqegħdulu fil-periklu s-saħħa fiżika, il-ħajja nnifisha jew l-integrità morali.

### Id-dritt għal kwalità ta' xogħol adattat għal min jaħdem



Il-ħaddiem għandu d-dritt li l-proċess kollu tax-xogħol ikun adattat għall-ħtiġijiet u għall-istat tal-ħajja li jgħix; għandu jkun adattat ukoll għas-sess u l-età ta' dak li jkun.

Jixraq li n-nisa jkunu jistgħu jaqdu dmirhom fuq ix-xogħol skond in-natura proprja tagħhom, mingħajr ma jsofru ebda diskriminazzjoni u mingħajr ma jkunu mwarrba minn impjiegi li huma kapaċi għalihom.... Il-promozzjoni vera tal-mara titlob li x-xogħol ikun ippjanat b'mod li l-mara, biex timxi 'l quddiem, ma jkollhiex għalfejn tiċħad in-natural proprju tagħha, bi ħsara għall-familja li fiha, bħala omm, ħadd qatt ma jista' jieħu postha (ara *Lab Ex, para. 19*).

Ix-xogħol għandu jkun adattat għall-ħaddiem mhux biss fis-sens li ma jagħmillux ħsara, iżda wkoll fis-sens li, waqt li qiegħed jaħdem, il-ħaddiem ikollu l-possibbiltà li jiżviluppa l-kwalitajiet u l-personalità tiegħu (ara *GS, para. 67*).

### v. Id-dritt għal sehem fil-qligħ, fit-tmexxija u fil-propjetà ta' l-ażjenda

Billi l-ħaddiem jiġi qabel ix-xogħol u x-xogħol jiġi qabel l-impriża u l-mezzi ta' produzzjoni, għandha tkun inkorraġġuta, b'kundizzjonijiet stabbiliti kif imiss, il-parteċipazzjoni attiva ta' kulħadd fit-tmexxija u/jew fil-qligħ ta' l-impriża; anzi billi jkollhom l-ishma (*shares*), il-ħaddiema jibdew isiru huma wkoll propjetarji ta' l-azjenda flimkien mas-sidien (ara *Lab Ex, para.14*). Din hi l-aktar pożizzjoni avvanzata li l-Knisja qed tieħu fi żmienna, waqt li tistenna li l-insara esperti f'dan il-qasam jagħrfu jsibu r-regoli ġusti ta' kif dan jista' jitqiegħed fil-prattika.

### vi. Id-dritt għas-sħubija f'unions

Huwa d-dritt naturali tal-bniedem li jwaqqaf assoċjazzjonijiet privati. Fil-qasam tax-xogħol, huwa d-dritt tal-ħaddiema li jingħaqdu flimkien ħa jwaqqfu organizzazzjonijiet biex jiddefendu l-interessi ewlenin ta'

min jaħdem, hu x'inhu x-xogħol li jagħmel. Dawn l-organizzazzjonijiet normalment jissejħu *trade-unions* jew għaqdiet tal-ħaddiema.



Huwa veru li l-għan ewlieni tat-*trade-unions* huwa li jiddefendu d-drittijiet tal-membri tagħhom mas-sidien jew ma' min imexxi l-intrapriża. Madanakollu, il-*claims* ta' l-*unions* ma għandhomx jieħdu s-sura ta' egoiżmu ta' grupp jew ta' klassi. Fl-isforzi għall-ħarsien tad-drittijiet ġusti tal-ħaddiema membri tagħhom, il-*unions* għandhom dejjem iżommu quddiem għajnejhom id-dmir li għandhom lejn il-ġid komuni tas-soċjetà kollha kemm hi.

Barra milli jiddefendu d-drittijiet tal-ħaddiema, il-*unions* għandhom ifittxu wkoll li jġibu 'l quddiem l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-ħaddiema nfushom. Hekk il-ħaddiema kollha jkunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'mod aktar imdawwal u responsabbli.

Waqt li jaqdu l-ħidma tagħhom, il-*unions* iridu joqogħdu attenti biex ma jkunux suġġetti għad-deċiżjonijiet tal-partiti politiċi jew ikollhom rabtiet mill-qrib magħhom. Meta jiġri dan, il-*unions* faċilment jitbiegħdu mill-ħidma proprja tagħhom (ara *Lab Ex, para. 20*).

### vii. Id-dritt għall-istrajk

Metodu li jistgħu jużaw il-*unions* biex jiksbu jew jiddefendu d-drittijiet tal-membri tagħhom huwa l-istrajk jew il-waqfien mix-xogħol bħala "ultimatum" lil min hu responsabbli.



Il-Knisja tgħallem li l-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu strajk, mingħajr ma jiġu kkastigati għax ikunu ħadu sehem fih. Jeħtieġ iżda, li jkunu mħarsa dawn il-kundizzjonijiet:

- l-istrajk għandu jintuża bħala l-aħħar mezz; qabel irid isir kull sforz biex tinstab soluzzjoni paċifika;
- l-istrajk m'għandux jintuża għal skopijiet li ma jkunux ġusti; m'għandux isir abbuż minnu, bħal meta jsir għal skopijiet politiċi;
- is-servizzi essenzjali għall-komunità ċivili dejjem għandhom jibqgħu assigurati;
- waqt l-istrajk, irid jibqa' jsir kull sforz biex, malajr kemm jista' jkun, jinstabu l-mezzi ta' trattattivi biex jintlaħaq il-ftehim.

## It-tweġiba tagħna

### diskussjoni fil-klassi



**Int u x-xogħol li tagħżel**

i. Meta tiġi biex tiddeċiedi liema xogħol tagħżel, x'għandek tistaqsi lilek innifsek?

ii. Taħseb li, minn issa, tista' tibda tħejji ruħek għax-xogħol? Jekk iva, b'liema mod?

## 1 Biex nara liema xogħol nagħżel

Ladarba x-xogħol irid jiżviluppa t-talenti u l-kwalitajiet li tani Alla, l-ewwel irrid nara x'inhuma dawk it-talenti u dawk il-kwalitajiet li fihom inħossni tajjeb.

Bil-għajnuna ta' *counsellors* tajbin, neżamina x-xeħtiet u t-tendenzi tajba tiegħi u, wara li nara x'tip ta' xogħol differenti nista' nagħmel, nagħżel dak ix-xogħol li l-aktar jgħinni niżviluppahom. Aktar ma x-xogħol ikun jaqbel mat-talenti li tani Alla, aktar hemm probabbiltà li x-xogħol li nagħżel ikun għal qalbi.



Mhux biżżejjed li nagħżel ix-xogħol li lejh inħossni miġbud. Irrid nara li jiena nkun kapaċi nitħejja għal dan ix-xogħol u li l-kundizzjonijiet li fihom irrid naħdem ma jkunux ta' ħsara għal saħħti jew għall-karattru tiegħi.

Mhux biżżejjed li nħossni miġbud li nsir pilota; irrid nara jkollix il-kwalitajiet kollha li titlob kariga ta' responsabbiltà bħal din.

Bix-xogħol irrid naqla' x'niekol u biex ngħix b'mod deċenti. Għalhekk irrid nara li jkun xogħol kemm jista' jkun stabbli u li l-paga tkun tajba biżżejjed biex ngħix ħajja normali.

Jekk niġi biex nagħżel, aħjar xogħol b'paga mhux għolja imma li jkun għal qalbi, milli xogħol b'paga għolja imma li jimlieni bid-dwejjaq.

Irrid niftakar ukoll li x-xogħol ma jolqotx l-interessi tiegħi biss. Ix-xogħol għandu wkoll funzjoni soċjali. Huwa mezz qawwi biex niżviluppaw 'il pajjiżna, inkunu ta' ġid għal ħaddieħor u nkabbru l-għaqda u l-kooperazzjoni fost il-bnedmin.

Niftakru li, bħala nsara, il-missjoni tagħna hija li nibnu s-saltna ta' Alla f'Malta u fid-dinja, saltna ta' verità, ta' ġustizzja, ta' mħabba u sliem. Dan ifisser li, meta niġi biex niddeċiedi liema xogħol nagħżel, irrid nara wkoll b'liema xogħol jiena nista' nkun ta' ġid għal pajjiżi u għal ħuti l-bnedmin.

Ta' min jammira lil dawk li setgħu jagħżlu xogħol aktar komdu u b'aktar qligħ u, minflok, għażlu xogħol ta' aktar impenn u ta' aktar ġid lejn min hu fil-bżonn.

## 2 Biex nitħejja minn issa

Ukoll jekk wara l-iskola sekondarja jew teknika rrid naqbad kors fl-Università jew inkompli nistudja xi mkien ieħor, it-tħejjija għax-xogħol trid tibda mill-ewwel klassi ta' l-iskola.

Irridu niftakru li x-xogħol mhux drittijiet biss iġib, iżda wkoll dmirijiet. Jekk il-ħaddiem għandu dritt li jsib ix-xogħol u jkollu paga ġusta, għandu wkoll id-dmir li l-paga li jaqla' jkun ħadem għaliha. Barra milli jkun qed jisraq u jagħmel ħsara lill-ekonomija tal-pajjiż, min jiskarta, min jilgħabha ta' marid biex ifalli bis-*sick-leave*, min jagħmel ix-xogħol bi traskuraġni, ikun qed jagħmel inġustizzja ma' sħabu li, ħafna drabi, jispiċċaw biex ikollhom jagħmlu x-xogħol tiegħu wkoll.

Irridu nitgħallmu nkunu nies li naqdu dmirna bir-reqqa. Illum dan nagħmluh billi naqdu dmirna ta' studenti li aħna; għada nagħmluh

billi naqdu dmirna ta' ħaddiema li nkunu. Irridu niftakru li minn issa jkollna **s-sens tad-dmir u dixxiplina fuqna nfusna**.

Biex ix-xogħol ikun mezz ta' għaqda u ta' solidarjetà bejn kulħadd, jeħtieġ li nibdew nitħarrġu minn issa f'dan **l-ispirtu ta' solidarjetà**.

Minn issa jeħtieġ li nibdew nistmaw kull tip ta' xogħol, napprezzaw dak li jagħmel ħaddieħor u, waqt li naqbżu għall-interessi tagħna, naraw ukoll kif dawn jolqtu l-interessi ta' ħaddieħor.

L-inġustizzji ta' ħaddieħor jeħtieġ li minn issa nibdew inħossuhom ukoll bħala l-inġustizzji tagħna.



Skond il-ħsieb tal-Knisja, huwa mixtieq li, kemm jista' jkun, il-ħaddiema jkollhom sehem mhux biss fil-qligħ iżda wkoll fit-tmexxija u l-propjetà ta' l-intrapriża. Iżda dan jista' jsir biss jekk min jieħu sehem ikun imħejji biex jaħdem ma' ħaddieħor fi **spirtu ta' kollaborazzjoni demokratika, ta' lealtà u rispett reċiproku**; irid ikun imħejji wkoll biex jerfa' r-responsabbiltajiet tiegħu u jkun kreattiv fil-proġetti li fuqhom irid jiddeċiedi.

Valuri bħal dawn irridu nitħarrġu fihom b'impenn akbar, aktar ma nimxu 'l quddiem fl-iskola.

## nibqgħu niftakru

1. Huwa ftit aktar minn mitt sena ilu li bdiet tinħass il-ħtieġa li l-ħsieb nisrani dwar ix-xogħol u l-qagħda tal-ħaddiema jkun żviluppat b'mod sistematiku u mwassal lill-insara f'dokumenti importanti. Dokumenti importanti dwar ix-xogħol u l-qagħda tal-ħaddiema huma:
   i. L-enċiklika *Rerum Novarum*, tal-Papa Ljun XIII fis-sena 1891.
   ii. L-enċiklika *Quadragesimo Anno* (40 sena wara), tal-Papa Piju XI fis-sena 1931.
   iii. Id-dokument *Octogesima Adveniens* (80 sena wara), tal-Papa Pawlu VI fis-sena 1971.
   iv. L-enċiklika *Laborem Exercens* (90 sena wara), tal-Papa Ġwanni Pawlu II fis-sena 1981.
   v. L-enċiklika *Centesimus Annus* (100 sena wara), tal-Papa Ġwanni Pawlu II fis-sena 1991.
   vi. Dokument importanti ħafna huwa l-*Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-Dinja tal-Lum* tal-Konċilju Vatikan II fis-sena 1965.

2. Ix-xogħol għandu aktar minn skop wieħed. Fost l-iskopijiet ewlenin nistgħu nsemmu:
   i. Ix-xogħol huwa mezz biex naqilgħu dak li huwa meħtieġ biex ngħixu.
   ii. Ix-xogħol huwa mezz biex nissieħbu ma' Alla l-Ħallieq fl-iżvilupp tal-ħolqien.
   iii. Ix-xogħol huwa mezz biex niżviluppaw it-talenti u l-fakultajiet tagħna hekk li nsiru bnedmin dejjem aktar sħaħ.
   iv. Ix-xogħol huwa mezz ta' żvilupp fis-solidarjetà ma' l-oħrajn.
   v. Ix-xogħol huwa mezz li bih nissieħbu ma' Kristu fil-fidwa tad-dinja u tas-soċjetà. F'dan it-tisħib permezz tax-xogħol il-bniedem jingħaqad ma' Kristu li jeħles il-ħlejjaq mill-jasar tat-taħsir, iwassalhom għall-ħelsien tas-sebħ ta' wlied Alla u jwettaq il-pjan ta' Alla fl-istorja.
   vi. Ix-xogħol huwa mezz ta' tifħir u glorja lil Alla l-Ħallieq.

3. Id-dwejjaq u t-tbatija tax-xogħol ma humiex ġejjin minn Alla iżda mis-suppervja u l-egoiżmu tal-bniedem li wassluh biex jinfired mhux biss minn Alla, iżda wkoll mill-bnedmin l-oħra u mill-ħolqien li miegħu kellu jgħix f'armonija mill-isbaħ.

4. Bis-saħħa tal-mewt u l-qawmien tal-Mulej Ġesù, il-bniedem mhux biss reġa' kiseb l-għaqda ma' Alla, iżda sab u jibqa' jsib id-dawl u l-qawwa biex jagħti lix-xogħol l-iskop ġenwin tiegħu u jissieħeb mal-Mulej Ġesù fil-bini ta' sema ġdid u art ġdida.

5. Ir-raġuni ewlenija tad-dinjità tax-xogħol għandna nfittxuha f'min jagħmel ix-xogħol, jiġifieri fil-bniedem, u mhux fil-kwalità tax-xogħol li wieħed jagħmel. Ix-xogħol hu għall-bniedem, u mhux il-bniedem għax-xogħol.

6. Id-dinjità tal-ħaddiem bħala persuna maħluqa xbieha ta' Alla u msejħa biex tieħu sehem fil-pjan ta' Alla għal dinja ġdida titlob li, l-ewwel u qabel kollox, ikunu mħarsa d-drittijiet tiegħu bħala ħaddiem. Fost dawn id-drittijiet insemmu:

   i. Id-dritt għax-xogħol.
   ii. Id-dritt għal tagħlim, taħriġ u edukazzjoni xierqa.
   iii. Id-dritt għal paga ġusta.
   iv. Id-dritt għal kundizzjonijiet xierqa bħal: (a) tul raġonevoli ta'xogħol u mistrieħ xieraq; (b) ambjent li jħares is-saħħa tal-ħaddiem; (ċ) xogħol adattat għal min jaħdem.
   v. Id-dritt għal sehem fil-qligħ, fit-tmexxija u fil-propjetà ta' l-azjenda.
   vi. Id-dritt għas-sħubija f'*Unions*.
   vii. Id-dritt għall-istrajk bħala l-aħħar mezz u taħt ċerti kundizzjonijiet.

7. Meta niġu biex niddeċiedu liema xogħol nagħżlu, irridu naraw:

   - x'inhuma t-talenti u l-kwalitajiet li fihom inħossuna tajbin;
   - li x-xogħol u l-kundizzjonijiet li rridu naħdmu fihom ma jkunux ta' ħsara għal saħħitna jew għall-karattru tagħna;
   - li jkun xogħol kemm jista' jkun stabbli u li l-paga tkun tajba biżżejjed biex ngħixu ħajja normali;
   - b'liema xogħol nistgħu nkunu l-aktar ta' ġid għal pajjiżna u għal ħutna l-bnedmin.



# FIT-TRIQ TA' L-IMĦABBA

# 4

## Objettiv Ġenerali

**Aktar milli fix-xogħol**
**jew professjoni li nagħżlu,**
**il-proġett ta' Alla f'ħajjitna**
**irid jitwettaq**
**fl-istat ta' ħajja li nħaddnu.**

**Diġà bdejna nħossu**
**interess qawwi fis-sess l-ieħor.**
**Forsi diġà ħadna grazzja**
**ma' xi ħadd partikulari**
**u nixtiequ**
**nibdew ninnamraw bis-serjetà.**

**Xi wħud forsi jħossuhom**
**miġbuda lejn ħajja**
**mogħtija kollha kemm hi**
**għas-servizz ta' Alla**
**u tal-bnedmin**
**fis-saċerdozju**
**jew fil-ħajja reliġjuża.**

**Bdejna resqin lejn iż-żmien**
**li rridu nieħdu**
**ċerti deċiżjonijiet.**

**Nafu li ma għandniex nagħżlu**
**kif ġie ġie.**
**Nafu li fi ħwejjeġ bħal dawn**
**irridu nimxu b'għaqal kbir.**

**Jixraq li minn issa**
**nistaqsu b'aktar serjetà:**

**X'post għandu**
**fil-proġett ta' Alla**
**l-istat li niġu biex nagħżlu?**

**X'jitlob minna dan l-istat?**

**Kif nagħrfu li Alla qiegħed**
**isejħilna għalih?**

## Objettivi Partikulari

*L-objettiv ġenerali tkun tista' tilħqu jekk tfittex li tilħaq dawn l-iskopijiet partikulari. Trid issir kapaċi li:*

- Tagħmel lista tal-punti pożittivi u negattivi li tara fil-familja Maltija ta' żmienna.
- Tispjega t-tliet sensi li għandha l-kelma mħabba fil-lingwa Griega li biha nkiteb it-Testment il-Ġdid.
- Tiddeskrivi l-karatteristiċi ta' l-imħabba li biha jħobb Alla (*agape*) u kif din hija r-ruħ u l-pedament taż-żwieġ sagrament.
- Turi x'inhuma l-għanijiet u l-proprjetajiet ta' kull żwieġ kif insibuhom fl-ewwel tliet kapitli tal-Ġenesi u fit-tagħlim ta' Ġesù.
- Tispjega t-tagħlim tal-Knisja dwar l-għaqda bejn iż-żewġ għanijiet taż-żwieġ.
- Turi l-kobor u s-sbuħija ta' l-imħabba ta' min ma jiżżewwiġx biex jingħata kollu kemm hu jew kollha kemm hi għas-Saltna ta' Alla.
- Turi kif nistgħu nħarsu, insaħħu u nġibu 'l quddiem il-ġid tal-familji Maltin. Turi wkoll kif nistgħu nitħejjew biex insibu l-vokazzjoni tagħna u nibnuha fis-sod.

## Tqassim tas-Suġġetti

*F'dan il-Unit is-suġġetti huma ppreżentati f'din l-ordni:*

❑ Il-punti pożittivi u negattivi fil-familji Maltin ta' żmienna. ❑ Bidliet fir-rwol tar-raġel u tal-mara fil-familja ❑ It-tliet sensi kif tinftiehem il-kelma "mħabba" fil-linqwa tat-Testment il-Ġdid. ❑ L-imħabba *agape* bħala l-pedament taż-żwieġ sagrament. ❑ L-għanijiet u l-proprjetajiet essenzjali ta' kull żwieġ. ❑ L-imħabba li wieħed jgħix fiċ-ċelibat jew fil-verġinità ❑ X'kontribut nistgħu nagħtu aħna għall-ġid tal-familja Maltija. ❑ Kif nistgħu nhejju ruħna għall-istat li nagħrfu li nkunu msejħin għalih.




*Nagħmlu din l-intervista lil xi ħadd li ilu miżżewweġ għal aktar minn ħmistax-il sena. Nistgħu nagħmluha lil xi ħadd mill-ġenituri tagħna.*

## Intervista



**Iż-Żwieġ ta' dari u ż-Żwieġ ta' llum**

i. X'differenza tara bejn il-ħajja taż-żwieġ u tal-familja ta' llum u dik ta' meta int kont żgħir?

ii. Taħseb li fil-ħajja taż-żwieġ u tal-familja ta' llum hemm affarijiet li huma aħjar minn ta' dari? Liema?

iii. Taħseb li hemm affarijiet li huma agħar?

## 1 Dwal u dellijiet

Il-qagħda tal-familja llum tidher qisha taħlita ta' dwal u dellijiet. Id-dwal huma sinjal li s-salvazzjoni ta' Ġesù qiegħda taħdem fid-dinja; id-dellijiet huma sinjal li l-bniedem qiegħed jiċħad il-valuri ta' Alla, (ara l-*Eżortazzjoni Appostolika* "Familiaris Consortio" tal-Papa Ġwanni Pawlu II).

## i. Dwal



Fost id-dwal li naraw fil-qasam taż-żwieġ u tal-familja, nistgħu nsemmu:

i. li l-għarajjes qed jagħrfu dejjem aktar il-ħtieġa li r-rabta ta' bejniethom jibnuha b'mod aktar personali u aktar responsabbli;

ii. id-dinjità tal-mara qiegħda tkun dejjem aktar magħrufa, imħarsa u msaħħa;

iii. qed jikber is-sens ta' responsabbiltà fit-tnissil u l-edukazzjoni ta' l-ulied;

iv. qiegħda tikber il-ħtieġa li l-familji jiżviluppaw bejniethom rabtiet ta' ħbiberija biex jgħinu lil xulxin;

v. qed tingħaraf mill-ġdid il-ħidma importanti li l-familja għandha kemm fi ħdan il-Knisja u kemm fi ħdan is-soċjetà.

## ii. Dellijiet

Fost dawn l-aspetti pożittivi wieħed ma jistax ma jinnotax li fi żmienna qed jikbru wkoll diversi dellijiet li mhux biss iċajpru l-ħajja taż-żwieġ u l-familja, iżda xi drabi jwasslu wkoll għall-qerda tagħha.

Sa ftit snin ilu, ftit li xejn kienu dawk il-Maltin li jiċħdu l-fatt li ż-żwieġ jibqa' jgħodd sal-mewt u li fiż-żwieġ, il-mara u r-raġel għandhom ikunu



dejjem fidili lejn xulxin. Minħabba tibdil qawwi u mgħaġġel fil-qasam soċjali, illum dan qiegħed jinbidel. Minn dak li wieħed jista' jaqra, jisma' jew jara mill-films, mis-soap-operas jew telenovellas, mill-gazzetti, mit-talk-shows, mid-diskussjonijiet fuq ir-radju jew it-TV kemm barrani u kemm lokali, dieħla l-idea li l-infedeltà fiż-żwieġ titqies bħala avventura, id-divorzju bħala rebħa ċivili, li xi ħadd jgħix ma' ħaddieħor barra miż-żwieġ bħala ħaġa normali. Għalkemm għandna ħafna u ħafna familji tajbin, jidher li n-numru ta' żwiġijiet li qed ifallu kulma jmur qiegħed jikber, waqt li s-separazzjonijiet qegħdin jiżdiedu.

Fl-għerq ta' dan id-deni kollu, ħafna drabi nsibu l-idea żbaljata u l-użu ħażin tal-libertà; minflok bħala kapaċità li wieħed jagħraf u jħaddan il-verità skond il-pjan ta' Alla għaż-żwieġ u l-familja, ħafna qed iħarsu u jużaw il-libertà bħala kapaċità li wieħed jagħmel li jogħġbu u li jaqbillu mingħajr ma jagħti kas ta' dak li hu veru, ta' dak li hu ġust u ta' dak li jiswa għall-ġid ta' ħaddieħor, (*Fam. Con. par 6)*. Minflok ifittxu l-milja tal-personalità tagħhom f'imħabba vera u ġenwina, qed ifittxuha fil-pjaċir u s-sodisfazzjon tal-mument. Is-sess ukoll qed jinqata' mill-kuntest ta' mħabba ġenwina u jispiċċa bħal oġġett ta' konsum.

## 2 Bidliet fir-rwol tar-raġel u tal-mara fil-familja

Bidla oħra kbira li wieħed jinnota fil-ħajja taż-żwieġ tal-lum meta nqabbluha ma' ta' l-imgħoddi hija l-bidla ta' dak li jagħmel ir-raġel u dak li tagħmel il-mara fi ħdan il-familja.

Fl-imgħoddi, kemm ir-raġel u kemm il-mara kienu jafu eżatt għal xiex deħlin; ir-rwol tar-raġel miżżewweġ u r-rwol tal-mara miżżewġa kienu ċari għal kulħadd. Kollox kien stabbilit mill-użanza li kienet tintiret minn ġenerazzjoni għal oħra. Normalment, ir-raġel kellu d-dmir li jaħdem barra mid-dar u jaqla' l-flus biex imantni l-familja; il-mara kellha d-dmir li taħdem id-dar biex tieħu ħsieb żewġha u wliedha. Ir-raġel kien jidħol l-aktar fejn kien ikun meħtieġ xi xogħol goff jew fejn kien ikun meħtieġ li titħaddem l-awtorità; il-mara kienet tidħol l-aktar fil-

faċendi tad-dar u fejn kien ikun meħtieġ li titħaddem is-sensibbiltà, il-kura tat-tfal u l-armonija fil-familja.

Mhemmx dubju li waħda mill-akbar bidliet soċjali ta' żmienna hija l-emanċipazzjoni tal-mara. Ġustament, il-mara qed tikseb b'mod aktar sħiħ l-istess drittijiet bħal tar-raġel kemm f'dik li hi edukazzjoni, kemm f'dak li hu tip ta' xogħol jew professjoni u kemm f'dak li hu trattament ġenerali quddiem il-liġi.

Wieħed mill-effetti ta' dan huwa li qed jiżdied in-numru ta' dawk in-nisa li wkoll wara li jiżżewġu, u xi drabi wkoll wara li jkollhom it-tfal, jibqgħu jaħdmu barra mid-dar. F'sitwazzjoni bħal din, fejn kemm ir-raġel u kemm il-mara jaħdmu barra mid-dar, ma jibqax ċar x'għandu jkun ir-rwol tagħhom fil-ħajja tad-dar u fl-edukazzjoni ta' l-ulied. Illum trid tkun il-koppja nnifisha li fuq ir-responsabbiltà tagħha, tara hi x'għandu jkun r-rwol tar-raġel/missier u rwol tal-mara/omm.





Min-naħa l-waħda, dan jagħmel il-ħajja tal-koppja aktar matura u aktar kreattiva; min-naħa l-oħra, iżda, dan qed jitfa' fuq il-koppja piż ħafna akbar minn qabel u jżidilha l-perikli ta' nuqqas ta' ftehim serju f'diversi oqsma. Il-ħtieġa ta' formazzjoni serja u rilevanti għal dawn is-sitwazzjonijiet, qiegħda tinħass b'aktar qawwa minn dari, kemm qabel iż-żwieġ, u kemm matul is-snin tal-ħajja miżżewġa.

# fid-dawl tal-messaġġ

## ħidma għad-dar



**L-imħabba x'inhi?**

- Fittex mit-Testment il-Ġdid dawn is-siltiet li ġejjin u iktibhom fuq il-pitazz tar-Reliġjon. Is-siltiet insibuhom f'dawn ir-referenzi:

  I Ġwanni 4, 9-10;
  Rumani 5, 6-11;
  I Korintin 13, 4-8
  Rumani 5, 5.
  Ġwanni 13, 34-35.
  Kolossin 3, 14.

- Wara li tikteb dawn is-siltiet, u taqrahom mill-ġdid fis-skiet, ikteb dak li taħseb li huma l-karatteristiċi ta' l-imħabba nisranija.

Wara li fittixna x'tgħid il-Bibbja naqsmu l-ideat tagħna fi gruppi.



## diskussjoni fi gruppi

**L-imħabba fiż-żwieġ**

i. Meta ġuvni jew xebba jiġu biex jagħżlu l-partner għaż-żwieġ, a) x'inhu dak li l-ġuvni jfittex fit-tfajla u b) x'inhu dak li t-tfajla tfittex fil-ġuvni?

ii. X'differenza tara bejn meta wieħed jgħid: "inħobb l-imqaret"; meta wieħed jgħid: "inħobb lil ħbiebi"; meta wieħed jgħid: "inħobb lil marti"

iii. Minn dak li fittixt fil-Bibbja, x'inhuma l-karatteristiċi ta' l-imħabba ta' Alla għalina, u x'post għandha din l-imħabba fil-ħajja tan-nisrani?

iv. Fil-fehma tiegħek, x'inhu dak li għandu ż-żwieġ ta' l-insara u li ma għandux iż-żwieġ ta' min mhuwiex nisrani?

Wara d-diskussjoni fil-gruppi nistiednu l-mexxejja biex jaqsmu mal-klassi kollha l-fehmiet li ntqalu fil-grupp tagħhom. Waqt li nieħdu nota ta' dak li jintqal, inżommuh quddiemna waqt li niżviluppaw dawn il-punti.

## 1 Il-vokazzjoni ewlenija tal-bniedem hi li jħobb

Jekk nemmnu li l-bniedem hu maħluq minn Alla, u hu maħluq xbieha ta' Alla, irridu nżommu li s-sejħa ewlenija u naturali ta' kull bniedem hija l-imħabba.



San Ġwann jikteb li "Alla hu Mħabba" (*I Ġw 4, 8)*.

Fih innifsu Alla jgħix fil-misteru ta' l-għaqda fl-imħabba tat-Tliet Persuni.

Nistgħu għalhekk ngħidu li, ladarba l-bniedem inħalaq minn Alla, il-bniedem inħalaq mill-imħabba; ladarba inħalaq fuq ix-xbieha ta' Alla, inħalaq għall-imħabba; inħalaq biex iħobb.

**Il-bniedem inħalaq mill-imħabba għall-imħabba.**

## 2 Tliet kelmiet għall-imħabba

Imma l-imħabba x'inhi? Xi tfisser? X'titlob? Mhux faċli twieġeb għal din il-mistoqsija. Fil-Malti nużaw il-kelma "imħabba" biex infissru affarijiet differenti: meta ngħidu "inħobb il-ġelati" mhux l-istess bħal meta ngħidu "inħobb lil ommi" jew "inħobb lill-għarus tiegħi". Hekk ukoll fl-Ingliż jew fit-Taljan; għandhom biss kelma waħda li jużawha f'diversi sensi.

Fil-Grieg, iżda, il-lingwa li fiha nkiteb it-Testment il-Ġdid insibu tliet kelmiet li kollha jfissru mħabba iżda f'sensi differenti. Insibu l-kelma *eros*, il-kelma *filija* u l-kelma *agape*.

## i. L-Imħabba *Eros*




*Eros* hija l-kelma li kienet tintuża biex wieħed ifisser il-ġibda għall-għaqda fiżika ma' persuna oħra; hija primarjament ġibda istintiva, passjonali, ġibda li tfittex taħkem lil dak li jkun bħala mezz għall-pjaċir. Bl-*eros* waħedha, dak li wieħed ikun iħobb ma tkunx il-persuna l-oħra, iżda l-pjaċir li jieħu minnha; il-persuna l-oħra hija biss oġġett ta' pjaċir li jista' jinbidel ma' oġġett ieħor.

## ii. L-Imħabba *Filija*



It-tieni kelma Griega li tfisser ukoll imħabba hija *filija*. Din hi l-imħabba li teżisti bejn il-ħbieb sinċieri. Hija mħabba mibnija fuq rabta profonda ta' simpatija u ta' sodisfazzjon li ssibek taqsam l-istess ħsibijiet u sentimenti ta' ħabibek. Mhuwiex l-istint li jmexxi dan it-tip ta' mħabba; l-istint jiġi integrat fir-rispett u l-qima li wieħed jagħraf li għandu jagħti lill-persuna li jħobb. Fl-imħabba/eros waħedha, wieħed jinqeda bil-persuna l-oħra għall-gosti tiegħu; fl-imħabba/filija wieħed jingħata għall-ġid tal-persuna l-oħra u jfittex is-sodisfazzjon tiegħu fil-ferħ tagħha.

### *L-imħabba/eros fil-kuntest ta' l-imħabba personali*

Malajr nindunaw li l-bażi taż-żwieġ ma tistax tkun l-imħabba/eros waħedha. Żwieġ bejn żewġ bnedmin, huma min huma, jemmnu jew ma jemmnux, huwa dejjem rabta bejn żewġ persuni. L-imħabba/eros waħedha ma tibnix rabta bejn żewġ persuni iżda tbaxxihom fuq il-livell ta' oġġetti.

Anqas l-imħabba/filija waħedha ma hi biżżejjed biex iż-żwieġ jilħaq il-milja tiegħu. Il-bniedem ma huwiex biss ruħ, bħalma ma huwiex biss ġisem. Il-bniedem hu persuna b'ruħ li turi dak li hi permezz tal-ġisem u b'ġisem li jeżisti għax mogħti l-ħajja mir-ruħ. Dan ifisser li l-bniedem hu msejjaħ għall-imħabba kollu kemm hu, kemm fir-ruħ u kemm fil-ġisem.

Is-sesswalità u l-espressjoni fiżika tagħha, hi fiha nnifisha ħaġa tajba; jeħtieġ iżda li tkun integrata f'dik l-imħabba li tiġi wkoll mir-ruħ tal-bniedem; l-imħabba/eros li fiż-żwieġ għandha funzjoni mill-isbaħ, jeħtieġ li ssib postha fil-kuntest ta' l-imħabba/filija. Is-sesswalità li titħaddem fl-att taż-żwieġ, issib is-sens tagħha meta hi espressjoni ta' dik l-imħabba personali li biha l-miżżewġin jagħtu lilhom infushom b'mod sħiħ lil xulxin. Is-sesswalità, fil-qalba tagħha, hi għamla ta' komunikazzjoni umana. Tispiċċa gidba mill-aktar gravi meta ma tesprimix l-għaqda ta' mħabba sħiħa u miftuħa għall-ħajja kif tista' tkun biss fost il-miżżewġin.

> "Din l-imħabba hi umana, jiġifieri fil-ġisem u r-ruħ flimkien. Mhix sempliċi ġibda ta' l-istint jew sentiment, iżda hi wkoll u qabel kollox att ta' rieda hielsa, li fil-ferħ u t-tbatijiet tal-ħajja ta' kuljum jagħmel li l-miżżewġin isiru qalb waħda u ruħ waħda u flimkien jilħqu l-perfezzjoni ta' bnedmin li huma".
>
> *(Papa Pawlu VI, Humanae Vitae, par 9)*

### iii. L-Imħabba *Agape*

It-tielet kelma li fil-lingwa Griega tirreferi għall-imħabba hija l-kelma *agape*. Din il-kelma nsibuha ftit li xejn fil-Grieg klassiku. Iż-żewġ kelmiet li tuża l-letteratura Griega klassika ta' qabel il-kristjaniżmu huma dawk li diġà semmejna, jiġifieri *eros* u *filija* .

Kienu l-insara li l-kelma *agape* xerrduha u għamluha popolari. Jekk neżaminaw il-kotba tat-Testment il-Ġdid insibu li waqt li l-kelma *eros* ma tintuża qatt, u l-kelma *filija* fil-forom kollha tagħha tintuża 45 darba, il-kelma *agape* nsibuha 320 darba. X'tip ta' mħabba riedu jfissru l-insara meta kienu jużaw il-kelma *agape* ? *Agape* hija l-kelma li biha l-insara riedu jesprimu **l-imħabba ġeneruża u disinteressata ta' Alla li, f'Ibnu**

# FIT-TRIQ TA' L-IMĦABBA

**Ġesù wera lill-bnedmin kollha u li issa, l-Ispirtu s-Santu jrid isawwab fil-qlub ta' l-insara biex dawn ukoll iħobbu lil xulxin fuq l-istil u bil-qawwa ta' din l-imħabba.**

Hija l-ewwel u qabel kollox **l-imħabba kif tinsab f'Alla**. L-*agape* hija l-imħabba li biha jħobb Alla.

> "B'dan dehret l-imhabba (*agape)* ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex ngħixu bih. U hawn qiegħda l-imħabba mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna" (*I Ġw 4, 9-10).*

L-*agape* hija l-imħabba **li wriet lilha nnifisha f'dak kollu li għallem u għamel Ġesù**. Hija l-imħabba li wasslitu biex jingħata għal kollox lil ħaddieħor.

> "Għax Kristu ma fittixx li jogħġob lilu nnifsu" (*Rum 15, 3*), "imma ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja u ħabbhom għall- aħħar"
>
> (*Ġw 13, 1*).



JUAN DE JUANES (1523–1579) Mużew Prado, Madrid

> "Bil-kemm wieħed imut għal wieħed ġust, għad li wieħed għandu mnejn jagħmel il-qalb u jmut għal wieħed ġeneruż. Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" (*Rum 5, 7-8*).

Din l-imħabba/agape li biha jħobb lilna u li wriena fi Kristu Ġesù, Alla **ferragħha fina bil-ħidma ta' l-Ispirtu** biex aħna wkoll nistgħu nħobbu bl-istess imħabba tiegħu.

> "L-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (*Rum 5, 5)*. "Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom imħabba bejnietkom" (*Ġw 13, 34-35)*.

**Il-kwalitajiet konkreti li għandha l-imħabba/agape** huma deskritti f'dak li ħafna jqisu bħala l-akbar innu lill-imħabba li nsibu fit-Testment il-Ġdid:

> "L-imħabba taf tistabar u tħenn;
> l-imħabba m'hijiex għajjura,
> ma tintefaħx biha nnifisha,
> ma titkabbarx fuq l-oħrajn,
> ma tagħmilx dak li mhux xieraq,
> ma tfittixx dak li hu tagħha,
> xejn ma tinkorla;
> ma żżommx f'qalbha għad-deni,
> ma tifraħx bl-inġustizzja,
> imma tifraħ bil-verità;
> kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti.
> L-imħabba ma tmut qatt" (*I Kor 13, 4-8)*.

In-nisrani għandu "jilbes" diversi sentimenti; għandu jilbes is-sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Għandu jistabar u jaħfer bħalma l-Mulej ħafer lilu. Imma l-aħħar u l-aktar libsa importanti li tagħti l-identità u r-ruħ lill-imġiba kollha tan-nisrani hija l-imħabba/agape.

> "U fuq kollox ilbsu l-imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni"
>
> (*Kol 3, 14*).

## 3 L-imħabba/agape bħala l-bażi taż-żwieġ nisrani

### i. Minn patt naturali għal patt sagrament

L-imħabba/agape mferrgħa fil-qalb ta' l-insara tagħti l-ħajja lill-atteġġjamenti u lill-imġiba kollha tagħhom. B'mod partikolari, hija tinfiltra fl-imħabba/filija biex minn imħabba naturali tgħolliha fuq il-livell ta' l-imħabba ta' Alla kif murija lilna fi Kristu.

U meta din l-imħabba/filija tilħaq l-ogħla espressjoni tagħha fir-rabta taż-żwieġ, fil-każ ta' l-insara, l-imħabba/agape li ssawbet fihom, tgħolli ż-żwieġ tagħhom minn patt naturali għal patt sagrament u tfassal il-għaqda ta' bejniethom fuq l-imħabba/agape ta' Kristu li ta ħajtu għall-Knisja tiegħu biex iqaddisha, inaddafha u jressaqha quddiemu sħiħa, bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb u b'xejn minn dan *(Ef 5, 25-27)*.

Hekk iż-żwieġ ta' l-insara minn patt ta' mħabba naturali jogħla għal-livell ta' **żwieġ sagrament:** fil-għotja sħiħa tagħhom infushom li jagħtu lil xulxin, il-miżżewġin insara mhux biss ikunu qegħdin juru, iżda fil-fatt ikunu qegħdin iwettqu bejniethom l-imħabba/agape ta' Kristu li torbothom dejjem aktar flimkien fuq is-sura ta' kif Kristu ntrabat mal-Knisja tiegħu.



Billi huma l-għarajjes infushom li jwettqu l-patt ta' bejniethom, fis-sagrament taż-żwieġ huma l-għarajjes infushom li huma l-ministri tas-

sagrament. Is-saċerdot huwa biss r-rappreżentant tal-Knisja. Hu jkun xhud ta' l-għotja tagħhom lil xulxin, u jbierek l-għaqda ta' bejniethom.

### ii. Sagrament bħala mixja fit-triq lejn Alla



MURILLO
(1618–1682)
Is-Sagra Familja
Mużew Prado,
Madrid.

Bis-sagrament li jirċievu u jagħtu lil xulxin, il-miżżewġin insara jkunu qegħdin jagħżlu ż-żwieġ bħala t-triq ewlenija li fiha u biha jridu jersqu dejjem aktar lejn Alla u jikbru bħala wliedu. Aħna nikbru bħala wlied Alla billi ngħixu fuq l-istil u bil-qawwa ta' l-imħabba/agape. Fiż-żwieġ, l-imħabba/agape tieħu s-sura tal-patt ta' mħabba sħiħa li biha Ġesù ngħaqad mal-Knisja tiegħu. Il-miżżewġin jikbru fit-triq tal-qdusija daqskemm jgħixu l-patt ta' mħabba bejniethom u ma' wliedhom. Minn dak il-jum tat-tieġ, l-imħabba, l-għożża, il-mogħdrija, is-sabar, il-għajnuna u l-pariri li jagħtu l-miżżewġin lil xulxin, it-trobbija ta' l-ulied, il-ferħ u s-slaleb tal-ħajja taż-żwieġ, għandhom ikunu għall-miżżewġin għejun ta' qdusija li jagħmlu lil Kristu preżenti fosthom.

### iii. Sagrament li jagħmilhom ministri ta' l-Edukazzjoni



Mis-sagrament taż-żwieġ, il-ġenituri nsara jirċievu wkoll id-dinjità u s-sejħa li jkunu tassew "ministri" tal-Knisja fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Tant hu kbir dan il-ministeru edukattiv tal-ġenituri nsara li nistgħu bir-raġun kollu nqabbluh mal-ministeru tas-saċerdot: is-saċerdot hu ministru għall-Knisja fid-dinja, waqt li l-ġenituri huma l-ministri għall-"Knisja tad-dar" kif inhi meqjusa l-familja tal-miżżewġin insara (ara *Fam Con par 30*).

## 4 Minn kliem l-għarajjes

X'inhu l-iskop u x'inhuma l-karatteristiċi li għandu jkollu ż-żwieġ kif imwaqqaf minn Alla?



### diskussjoni fil-klassi

**L-iskop u l-karatteristiċi taż-żwieġ**

i. Aqra dan li ġej fis-skiet u b'attenzjoni kbira:
*Għat-tliet mistoqsijiet li jagħmel is-saċerdot, l-għarajjes iwieġbu hekk:*
- Iva, ġejna minn rajna mingħajr ħadd ma ġegħilna.
- Iva, lesti li nħobbu u nirrispettaw lil xulxin tul ħajjitna kollha.
- Iva, lesti li nilqgħu mingħand Alla l-ulied li jogħġbu jibagħtilna u rrabbuhom skond il-liġi ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu.

*L-għarajjes jagħtu lilhom infushom lil xulxin fis-sagrament taż-żwieġ b'dan il-kliem::*
Jiena .......... nieħu lilek ......... b'marti (jew żewġi) u nwiegħdek li nżomm ruħi fidil lejk, fir-risq it-tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa, u li nħobbok u nirrispettak tul ħajti kollha.

*L-għarajjes ilibbsu ċ-ċurkett lil xulxin waqt li jgħidu:*
........., ħu dan iċ-ċurkett bħala sinjal ta' mħabbti u tal-fedeltà tiegħi lejk. Fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.

ii. Wara li tkun irriflettejt fuq dak li l-għarajjes jgħidu fiċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, aqra dawn il-mistoqsijiet, aħseb fuqhom sewwa, u ikteb it-tweġibiet tiegħek fuq il-pitazz tar-Religjon.
a) X'jidher li hu l-iskop li għalih Alla waqqaf iż-żwieġ?
b) Fil-ħsieb ta' Alla, xi kwalitajiet għandu jkollu ż-żwieġ? X'jitlob mill-miżżewġin?

iii. Taħt il-gwida ta' l-għalliem, aqsam ma' sħabek tal-klassi l-ideat li tkun ktibt.

## 5 Iż-żwieġ bħala ħtieġa fin-natura tal-bniedem

Il-vokazzjoni għaż-żwieġ tinsab fin-natura stess tar-raġel u tal-mara kif ħarġu minn id il-Ħallieq tal-bniedem. Ukoll jekk narawh biss bir-raġuni, nistgħu nifhmu li l-għaqda tar-raġel u l-mara fiż-żwieġ tniżżel l-għeruq tagħha fil-fatt naturali li r-raġel u l-mara huma magħmulin għal xulxin, huma kumplimentari għal xulxin.

Din il-verità l-Bibbja twassalhielna taħt diversi aspetti. Fl-ewwel kapitli tal-Ġenesi, insibu fost l-oħrajn li Adam jilqa' lil Eva b'dan il-kliem: "Din id-darba din hi għadma minn għadmi, u laħam minn laħmi." U l-kittieb jissokta jgħid: "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" *(Ġen 2, 23-24)*.




Alla joħloq lil Eva minn Adam u jbierek iż-żwieġ tagħhom. Kappella Palatina, Palermo

- Minn dan jidher ċar li kull żwieġ huwa għaqda bejn żewġ persuni li għandhom l-istess dinjità; ħaġa għal kollox rivoluzzjonarja fil-kuntest semitiku ta' dak iż-żmien fejn il-mara kienet meqjusa x'aktarx bħala propjetà tar-raġel. It-tendenza li r-raġel jaħkem fuq il-mara, "lejn żewġek tiġbed xewqtek u jaħkem fuqek hu" *(Ġen 3, 16)*, hija frott tad-dnub u tal-ħażen li daħal fid-dinja. Fil-ħsieb ta' Alla, dan m'għandux ikun hekk, u l-fidwa mwettqa minn Kristu titlob min-nisrani impenn biex jeqred dak kollu li jkasbar id-dinjità tal-mara meta mqabbla mar-raġel.

- Jidher ċar ukoll li l-għaqda fiż-żwieġ, mhijiex biss għaqda fiżika. Il-kliem "isiru ġisem wieħed" hija espressjoni semitika li trid tfisser b'mod konkret dik li hi għaqda mill-aktar sħiħa bejn żewġ persuni li jiddeċiedu li jaqsmu ħajjithom flimkien; hija għalhekk għaqda tal-

karattru, tal-qalb, tal-fehma, tar-rieda u tar-ruħ. Iż-żwieġ mhuwiex biss ġibda istintiva. Qabel kollox huwa vokazzjoni; huwa sejħa ta' Alla biex il-bniedem jissieħeb fl-imħabba ħallieqa tiegħu u jkun għas-sieħeb jew għas-sieħba, ir-rigal ta' Alla nnifsu.

Il-għaqda fiż-żwieġ hi hekk kbira li tgħaddi l-għaqda fid-demm; hija akbar mill-għaqda ta' bejn l-ulied u l-ġenituri. It-tnejn isiru ġisem wieħed b'mod li ma tistax taqsam jew tifred ġisem mingħajr ma teqirdu.

## 6 L-għanijiet ta' l-imħabba fiż-żwieġ

Ir-raġunijiet li għalihom wieħed jidħol għaż-żwieġ jistgħu jkunu varji: xi wħud tajbin, oħrajn ħżiena. Liema huma r-raġunijiet tajbin li għalihom wieħed għandu jidħol għaż-żwieġ?

### i. Imħabba li titlob għaqda sħiħa ta' ħajja

Jekk naħsbu ftit, ir-raġunijiet tajbin jistgħu kollha jinġabru taħt il-kelma **mħabba**, imħabba ġenwina, ħierġa mis-sentimenti, mill-moħħ, mir-rieda u mill-personalità kollha ta' l-individwu. Ma rridux wisq, għalhekk, biex ngħidu li għan ewlieni taż-żwieġ huwa l-għaqda sħiħa ta' l-għarajjes li twassalhom biex jaqsmu ħajjithom flimkien, għaqda ta' qalb waħda u ta' ruħ waħda, għaqda li tesprimi lilha nnifisha fil-għaqda f'ġisem wieħed.



### ii. Imħabba li titlob tnissil u edukazzjoni ta' l-ulied

Meta nirriflettu ftit fuq il-mod kif l-imħabba fost il-miżżewġin tesprimi lilha nnifisha, malajr nifhmu wkoll li skond il-pjan ta' Alla, din l-imħabba ma tispiċċax fil-għaqda tal-miżżewġin bejniethom, iżda għandha wkoll l-iskop li titkompla permezz ta' ħajjiet ġodda.

Mill-istess struttura tiegħu, l-att taż-żwieġ waqt li jgħaqqad profondament lill-miżżewġin, juri li jrid iwassal għal tnissil ta' ħajjiet ġodda. Dak li wieħed jista' jagħraf bir-raġuni, narawh ukoll imsaħħaħ bl-ordni li bih Alla Ħallieq irid isieħeb lill-bniedem fl-imħabba u fis-setgħa ħallieqa tiegħu ; "nisslu u oktru u mlew l-art u aħkmuha" *(Ġen 1, 28)*. L-ulied huma tassew l-egħżeż rigal taż-żwieġ; huma jagħtu sehem tassew kbir għall-ġid tal-ġenituri nfushom.



### iii. Għaqda bejn iż-żewġ għanijiet

Minħabba li l-miżżewġin huma msejħin biex jissieħbu fil-misteru tal-ħajja u ta' l-imħabba ta' Alla li waħdu hu s-Sid assolut tal-ħajja, il-Knisja tagħraf ir-responsabbiltà tagħha li tgħożż u tħares id-dinjità għolja taż-żwieġ u tat-tnissil tal-ħajja. Għalhekk fit-tagħlim tagħha dwar l-għanijiet taż-żwieġ, waqt li żżomm li min-natura tiegħu stess, il-patt taż-żwieġ jeżisti a) għall-ġid u għall-għaqda tal-miżżewġin u b) għat-tnissil u t-trobbija ta' l-ulied, fl-istess waqt tinsisti li skond il-pjan ta' Alla m'għandux ikun hemm firda bejn dawn iż-żewġ għanijiet ewlenin.

Dan ifisser li l-użu ta' l-isterilazzazzjoni jew tal-kontraċettivi magħmulin bil-ħsieb li ma jħallux l-att taż-żwieġ miftuħ għall-ħajja, ikun qiegħed ikisser dik ir-rabta li għandu jkun hemm bejn iż-żewġ għanijiet taż-żwieġ.

> "Meta jkunu mharsa l-aspett unittiv u l-aspett prokreattiv, l-att taż-żwieġ iwettaq bis-shih is-sens ta' vera mhabba ta' xulxin u l-iskop ghas-sejha l-aktar gholja tal-bniedem ghall-paternità".
>
> *(Papa Pawlu VI, Humanae Vitae, par 12)*

### iv. Tnissil responsabbli

Il-miżżewġin għandhom jifhmu li huwa dmir u missjoni proprja tagħhom li jwieġbu b'mod umli u ġeneruż għas-sejħa ta' Alla Ħallieq li jnisslu u jrabbu l-ulied bħala kooperaturi ta' l-imħabba tiegħu. Imma għandhom jifhmu wkoll li dan it-tnissil għandu jsir b'mod mill-aktar responsabbli quddiem Alla. Iridu jkunu huma li jiddeċiedu fil-kuxjenza tagħhom imdawla mit-tagħlim tal-Knisja, in-numru u ż-żmien li fih għandu jkollhom l-ulied; u dan jagħmluh



- billi jżommu quddiem għajnejhom il-ġid tagħhom infushom u l-ġid ta' wliedhom,
- billi jiżnu l-kundizzjonijiet materjali u spiritwali taż-żmien u ta' l-istat li fih qed jgħixu u
- billi jqisu l-ġid tal-familja, tas-soċjetà u tal-Knisja. Huma biss il-ġenituri li għandhom jieħdu dawn id-deċiżjonijiet mingħajr ma jkollhom indħil la mill-Gvern u lanqas minn ħadd (*ara GS par 50*).

## 7 Imħabba li titlob ukoll l-indissolubbiltà, il-fedeltà u l-unità

Ir-riflessjoni fuq kull żwieġ, u mhux biss dak ta' l-insara, li nagħmlu fid-dawl tar-raġuni mwettqa b'dak li tgħidilna l-Bibbja, twassalna biex nikkonkludu li, min-natura tagħha, l-imħabba tal-miżżewġin titlob mill-għarajjes għaqda sħiħa li m'għandha titħassar la bid-divorzju, la bl-adulterju u anqas bil-poligamija.

## i. L-indissolubbiltà – sa ma l-mewt tifridna

Ġesù jikkonferma li l-imħabba tal-miżżewġin, min-natura tagħha stess, titlob li ż-żwieġ m'għandux jinħall bid-divorzju; bħala għotja sħiħa u għal kollox li bir-ruħ u l-ġisem il-miżżewġin jagħtu lil xulxin, iż-żwieġ għandu jibqa' jseħħ sa l-aħħar. Kif rajna fil-Ġenesi, dak li hu "ġisem wieħed" ma tistax taqsmu mingħajr ma teqirdu.

> "Resqu xi Fariżej lejh, u biex iġarrbuh staqsewh jekk raġel jistax jitlaq lil martu. Weġibhom u qal... "X'ordnalkom Mosè?" Qalulu: "Mosè ta l-permess li wieħed jagħmel il-kitba tad-divorzju u jibgħatha". Imbagħad weġibhom Ġesù: "Minħabba l-ebusija ta' qalbkom kitbilkom din l-ordni. Iżda sa mill-bidu tal-ħolqien Alla għamilhom raġel u mara. Għalhekk mela raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed. Għalhekk m'humiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem" (*Mk 10, 2-9*).

Il-kliem "sa mill-bidu tal-ħolqien" juri biċ-ċar li r-rabta sal-mewt li fuqha qed jitkellem Ġesù hija karatteristika li għandu jkollu kull żwieġ u f'kull żmien, u mhux biss iż-żwieġ nisrani. Aktar milli hi xi ħaġa imposta, l-indissolubbiltà hija ħtieġa ta' l-imħabba vera u sħiħa li fiha wieħed jeħtieġ jikber bla waqfien.

## ii. Il-fedeltà – inwiegħdek li nżomm ruħi fidil lejk



Min-natura tagħha, l-imħabba tal-miżżewġin titlob ukoll li l-miżżewġin ikunu fidili lejn xulxin.

L-adulterju jmur direttament kontra dik l-għotja ta' mħabba sħiħa li l-miżżewġin iwiegħdu u jagħtu lil xulxin.

> Smajtu xi ntqal: "La tagħmilx adulterju". Imma jiena ngħidilkom li kull min iħares lejn mara u jixtieqha, ikun ġa għamel adulterju magħha. (*Mt 5, 27-28*)

Ġesù mhux biss jikkonferma l-liġi li kien hemm qabel kontra l-adulterju, iżda jkompli juri li wieħed anqas biss għandu jixtiequ. Il-fedeltà l-ewwel u qabel kollox trid tkun fil-moħħ u fil-qalb.

**iii. L-unità – raġel wieħed u mara waħda**

Id-dinjità personali ndaqs li għandhom ir-raġel u l-mara fl-imħabba sħiħa għal xulxin, teskludi wkoll kemm il-poligamija, jiġifieri ż-żwieġ bejn raġel wieħed u aktar minn mara waħda, u l-poliandrija, jiġifieri ż-żwieġ bejn mara waħda u aktar minn raġel wieħed. Fi żmienna, il-poliandrija aktarx li spiċċat għal kollox, iżda l-poligamija għadha ppratikata f'xi Reliġjonijiet bħal fl-Islam. Il-poligamija tmur direttament kontra l-pjan ta' Alla għaż-żwieġ, mhux biss għax ma jistax ikun hemm għotja sħiħa bejn ir-raġel u l-ħafna nisa tiegħu, iżda wkoll għax il-mara ma jibqax ikollha d-dinjità li jmissu jkollha daqs ir-raġel. Skond il-pjan ta' Alla, iż-żwieġ hu għaqda ta' raġel wieħed u ta' mara waħda, indaqs fid-dinjità tagħhom bħala persuni u li jagħtu ruħhom lil xulxin b'imħabba sħiħa.

Fiż-żwieġ nisrani fejn l-għaqda bejn il-miżżewġin hi msawra fuq ix-xbieha ta' l-għaqda ta' Kristu mal-Knisja tiegħu, u fejn Ġesù jagħti sehem minn din l-imħabba u minn din il-fedeltà sħiħa tiegħu, il-miżżewġin għandhom sejħa akbar biex jgħixu b'mod sħiħ u għal dejjem l-imħabba ta' bejniethom. Biex dan jistgħu jwettquh, huma għandhom magħhom l-għajnuna tal-preżenza speċjali ta' Kristu. Is-sehem li Ġesù jagħtihom mill-fedeltà tiegħu hu garanzija akbar għall-għaqda u l-fedeltà ta' bejniethom.



## 8 L-imħabba ta' min ma jiżżewwiġx



### diskussjoni fil-klassi

**Dawk li ma jiżżewġux**

i. Ladarba l-għaqda taż-żwieġ tniżżel l-għeruq tagħha fil-fatt naturali li r-raġel u l-mara huma magħmulin għal xulxin, nistgħu ngħidu li min ma jiżżewwiġx m' huwiex raġel jew mara normali?

ii. X'jistgħu jkunu r-raġunijiet għaliex wieħed jibqa' ġuvni jew waħda tibqa' xebba?

iii. Kemm nistgħu ngħidu li l-ħajja ta' dawk li jibqgħu ma jiżżewġux hi ħajja moħlija?

Għall-bniedem, dak li hu essenzjali huwa li jħobb, mhux li jiżżewweġ. Kull bniedem hu msejjaħ għall-imħabba, iżda mhux kull bniedem hu msejjaħ għaż-żwieġ. Tassew li Alla għamel iż-żwieġ bħala l-mod l-aktar komuni biex ngħixu l-ħajja ta' mħabba. Wieħed m'għandux ikun egoista u ma jarax ikunx imsejjaħ għaż-żwieġ. Iżda barra mill-ħajja taż-żwieġ, hemm suriet oħra kif wieħed jista' jgħix l-imħabba kif iridna Alla.



Ġesù nnifsu huwa l-quċċata ta' l-umanità, huwa l-inkarnazzjoni ta' l-imħabba ta' Alla. Ġesù ma kienx miżżewweġ u b'dankollu għex l-imħabba fil-milja kollha tagħha.

Eluf ta' tfajliet u ġuvintur, iħossu s-sejħa biex fuq l-eżempju tiegħu, jiddedikaw ħajjithom kollha "għas-Saltna tas-Smewwiet" (*Mt 19, 12*). Bħala espressjoni ta' l-ogħla grad ta' mħabba, jagħtu kollox għal kulħadd; jagħtu kollox, ukoll is-sodisfazzjonijiet kbar u sbieħ li wieħed iġarrab fil-ħajja taż-żwieġ u tal-familja li jkun ifforma.

## FIT-TRIQ TA' L-IMĦABBA

Meta wieħed iħaddan iċ-ċelibat jew il-verġinità minħabba s-Saltna tas-smewwiet, ikun qiegħed jilqa' rigal mill-aqwa tal-grazzja ta' Alla. Dan ir-rigal jeħles b'mod liema bħalu l-qalb tal-bniedem, biex titħeġġeġ b'aktar imħabba lejn il-bini tas-Saltna ta' Alla u lejn il-ġid tal-bnedmin kollha. Għalhekk hija sinjal speċjali ta' kull ġid tas-sema u mezz mill-aqwa biex dawk li jħaddnuh jingħataw minn qalbhom għas-servizz ta' Alla u għall-ħidma ta' appostolat. B'hekk huma jġibu quddiem għajnejn l-insara dak iż-żwieġ li bih il-Knisja hija mgħarrsa ma' Kristu u li għad jidher ċar fil-ħajja li ġejja (*ara Il-Ħajja Reliġjuża par 12*).

Fost dawn insibu 'l dawk li b'ġenerożità jwiegħbu għall-vokazzjoni li jaqdu 'l Alla u lill-komunità bħala qassisin, patrijiet, sorijiet, brothers u membri ta' Istituti sekulari li ċ-**ċelibat** jew il-**verġinità** tagħhom joffruha b'mod uffiċjali quddiem Alla u l-Knisja tiegħu. Iżda nsibu oħrajn li jibqgħu jgħixu u jaħdmu bħala lajċi fl-oqsma l-aktar differenti tal-ħajja; dawn ukoll ma jagħżlux il-ħajja sabiħa u qaddisa taż-żwieġ biex jistgħu jingħataw b'aktar libertà għal dawk kollha li jeħtieġu l-għajnuna.

Lil dawn insibuhom jagħtu s-sehem tagħhom bħala katekisti, nurses fl-isptarijiet, għalliema fl-iskejjel, animaturi fl-Għaqdiet, assistenti soċjali, helpers ma' l-anzjani jew f'ħidmiet parrokkjali oħra; qed jikber ukoll in-numru ta' dawk li jagħtu s-sehem siewi tagħhom f'pajjiżi barra minn Malta, l-aktar dawk tal-missjoni. F'dawn il-każi li semmejna, iċ-ċelibat isir triq ġenwina għall-iżvilupp tal-bniedem fl-imħabba.



Katekist tal-Museum iwettaq ħidma ta' tagħlim f'El Obeid, Sudan.

Kull imħabba tnissel ħajjiet ġodda. Min l-imħabba jgħixha fiż-żwieġ, inissel ulied tad-demm u l-laħam u jifforma familja ċkejkna. Min l-imħabba jgħixha fiċ-ċelibat jew fil-verġinità jista' jsir missier jew omm ta' familja kbira billi jnissel ulied spiritwali jew adottivi fost dawk li magħhom jaħdem bl-imħabba.

Dan kollu jfisser li mhijiex moħlija l-ħajja tal-ġuvni jew tat-tfajla li ma jiżżewġux, ukoll jekk dan għal raġunijiet li ma jiddependux minnhom. L-importanti huwa li jifhmu li huma wkoll jistgħu jħobbu "xort' oħra", u jekk dan jilqgħuh bi spirtu ta' servizz, huma wkoll jagħtu frott u jsibu sens kbir f'ħajjithom.

## ħidma għad-dar



### Nies li laħqu żvilupp sħiħ fiċ-ċelibat

- Sib eżempji ta' nies li laħqu l-iżvilupp tagħhom billi għexu jew qed jgħixu l-imħabba tagħhom fiċ-ċelibat jew fil-verġinità. Fuq il-pitazz tar-Reliġjon niżżel il-ġrajjiet ewlenin ta' tnejn minnhom.

- Immaġina li ġejt imqabbad biex f'isem is-Seminarju jew f'isem xi komunità reliġjuża, tagħmel poster biex tistieden iż-żgħażagħ jaħsbu ftit jekk humiex imsejħin għall-ħajja ta' qassis jew għall-ħajja reliġjuża . Waħdek jew ma' grupp minn sħabek, ipprova agħmel dan il-poster.

***It-tweġiba tagħna***

## diskussjoni fil-klassi



### Biex insaħħu l-familja u nħejju ruħna għall-futur

i. Fil-fehma tiegħek x'taħseb li għandu jsir biex inħarsu, insaħħu u nġibu 'l quddiem l-għaqda u l-ġid tal-familja?

ii. Min huma dawk li għandhom jagħtu s-sehem tagħhom għall-ġid tal-familja?

iii. X'taħseb li jeħtieġ jagħmel min irid jitħejja tajjeb għall-ħajja taż-żwieġ? Minn meta trid tibda din it-tħejjija?

iv. X'taħseb li għandu jagħmel min iħossu miġbud għall-ħajja ta' saċerdot jew għall-ħajja f'komunità reliġjuża?

## 1 Naraw x'sehem nistgħu nagħtu aħna

Qabel ma naraw x'għandu jagħmel il-Gvern u min għandu s-setgħa fis-soċjetà, naraw x'nistgħu nagħmlu aħna. Bil-fidi fi Kristu, aħna l-insara nagħrfu aktar bis-sħiħ x'inhu l-pjan ta' Alla għall-ġid tal-familja; il-kontribut tagħna, għalhekk, għandu jkun aktar siewi u magħmul b'aktar qawwa. L-imħabba speċjali li għandu jkollna lejn il-familja nistgħu nuruha billi flimkien:

- nagħrfu l-perikli u d-deni li qegħdin jheddu l-familja biex negħelbuhom;
- ikollna stima għolja u nġibu 'l quddiem il-valuri u l-ħidmiet li l-familja hi msejħa biex twettaq;
- inħabirku biex noħolqu ambjent tajjeb li jgħin il-familja tissaħħaħ u tiżviluppa;
- innisslu fil-familja tagħna kuraġġ u fiduċja fil-ħidma li Alla fdalha u fil-preżenza bla ma taqta' tal-Mulej Ġesù f'nofsha;
- nagħtu s-sehem tagħna bil-qalb u bil-kuraġġ f'kooperazzjoni ma' dawk kollha ta' rieda tajba li qed jaħdmu għall-ġid tal-familja kemm fuq livell nazzjonali u kemm fuq livell internazzjonali.

*(ara Fam Con: Għeluq).*

## 2 Naraw li min imexxi jagħti s-sehem tiegħu

Irridu niftakru li l-familja tifforma l-pedament tas-soċjetà. Għalhekk dawk kollha li għandhom xi setgħa biex iġibu 'l quddiem il-ġid tas-soċjetà, għandhom iħossuh dmir ewlieni tagħhom li jġibu 'l quddiem il-ġid taż-żwieġ u tal-familja. B'mod partikolari, l-awtoritajiet ċivili għandhom iqisuh dmir serju tagħhom li jagħrfu, iħarsu u jmexxu 'l quddiem in-natura vera taż-żwieġ u tal-familja, li jħarsu l-moralità pubblika u jaraw li l-familja tkun tista' taqdi l-missjoni tagħha. Dan jistgħu jagħmluh billi, fost ħwejjeġ oħra joħorġu liġijiet u jipprovdu servizzi ta' saħħa, ta' pariri, ta' assistenza soċjali l-aktar fost dawk li huma mċaħħda mill-ħajja tal-familja.




Huwa dmir tagħna li naraw li min ġie elett biex imexxi l-pajjiż jaqdi dmiru lejn il-familja.

## 3 Naraw kif nistgħu nħejju ruħna

L-aqwa ġid li nistgħu nagħmlu lill-familja Maltija huwa li meta jasal il-waqt, il-familja li niffurmaw aħna tkun familja tajba mibnija fuq sisien insara. Jekk nagħrfu li s-sejħa ta' Alla għalina hija ż-żwieġ, irridu nħossu r-responsabbiltà li nkunu mħejjija tajjeb. Iż-żwieġ mhuwiex ħaġa ta' ftit ħsieb jew ta' ftit xhur. Iż-żwieġ jitlob tħejjija serja u minn żmien qabel.

Fit-tħejjija għaż-żwieġ, irridu nagħtu importanza lil żewġ aspetti li huma kumplimentari għal xulxin:



a) irid ikollna **tagħrif** ta' dak kollu li huwa meħtieġ biex ikollna żwieġ hieni mibni fis-sod: tagħrif dwar l-aspett legali, finanzjarju, sanitarju, reliġjuż, eċċ.

b) irid ikollna **taħriġ** f'dawk l-atteġġjamenti li jolqtu s-sentimenti, il-morali u l-ħajja spiritwali li mingħajrhom iż-żwieġ jispiċċa bla ħajja. Jekk ċertu tagħrif nistgħu nħalluh għal aktar tard, dawn l-atteġġjamenti rridu nitrawmu fihom minn issa.

Fost dawn l-atteġġjamenti nistgħu nsemmu:

- nitgħallmu dejjem aktar inħarsu lejn l-oħrajn u nistmawhom bħala persuni li jistħoqqilhom kull rispett u mhux bħala oġġetti li nistgħu ninqdew bihom;
- nikbru fil-ħila li nidħlu fi djalogu ġenwin mibni fuq il-fiduċja f'xulxin; ħila mhux biss li nħarsu f'għajnejn xulxin, iżda li nħarsu flimkien fl-istess direzzjoni;
- nitgħallmu nintegraw l-attivitajiet ta' xejra sesswali skond il-pjan ta' Alla, jiġifieri nitgħallmu nintegrawhom bħala espressjoni ta' mħabba personali; naraw li din l-espressjoni ta' mħabba tkun proporzjonata mar-rabta ta' mħabba li fil-fatt wieħed ikun qiegħed jaqsam mal-*partner* tiegħu;
- nikbru fil-ħila li nerfgħu b'kuraġġ ir-responsabbiltajiet li nidħlu għalihom; nitħarrġu fl-ispirtu tas-sagrifiċċju meta l-imħabba titolbu minna;

- inħallu l-imħabba/agape issawrilna l-atteġġjamenti l-oħra kollha, l-aktar il-ħbiberija li jkollna; nitgħallmu nagħtu lilna nfusna lil dawk li issa jinsabu madwarna;

- jekk, għal xi raġuni jew oħra, inħossu s-sejħa li ngħixu l-imħabba fiċ-ċelibat jew fil-verġinità, nieħdu din is-sejħa bl-akbar serjetà u naraw jekk tkunx tassew ġejja minn Alla; dan nagħmluh billi nirriflettu fi spirtu ta' talb u billi nitolbu l-parir u l-għajnuna ta' min jaf u jista' jgħinna.

## *nibqgħu niftakru*

1. **Il-qagħda tal-familja llum tidher qisha taħlita ta' dwal u dellijiet, ta' ħwejjeġ sbieħ u ta' ħwejjeġ koroh. Id-dwal huma sinjal li l-ħidma tal-Mulej Ġesù qiegħda taħdem u qed tintlaqa' mill-familji; id-dellijiet huma effett ta' meta l-valuri tal-Vanġelu jkunu miċħuda.**

2. **Alla hu mħabba. Mela, ladarba l-bniedem inħalaq minn Alla, nistgħu ngħidu li l-bniedem inħalaq mill-imħabba; ladarba nħalaq fuq ix-xbieha ta' Alla, nistgħu ngħidu li nħalaq għall-imħabba, inħalaq biex iħobb.**

3. **Fl-ilsien Grieg, l-ilsien li fih inkiteb it-Testment il-Ġdid, għall-kelma "mħabba" nsibu tliet kelmiet; insibu l-kelma *eros*, il-kelma *filija* u l-kelma *agape*. Kollha jfissru mħabba iżda f'sensi differenti.**

   - ***Eros* kienet tintuża biex wieħed ifisser il-ġibda għall-għaqda fiżika ma' persuna oħra; hija primarjament ġibda istintiva, passjonali, ġibda li tfittex taħkem lil dak li jkun bħala mezz ta' pjaċir.**

   - ***Filija* kienet tintuża biex turi l-imħabba li teżisti bejn il-ħbieb sinċieri. Hija mħabba mibnija fuq rabta profonda ta' simpatija u ta' sodisfazzjon li ssibek taqsam l-istess ħsibijiet u sentimenti ta' ħabibek. Mhuwiex l-istint li jmexxi dan it-tip ta' mħabba; l-istint jiġi integrat fir-rispett u l-qima li wieħed jagħraf li għandu jagħti lill-persuna li jħobb.**

- *Agape* hija l-kelma li biha l-insara riedu jesprimu l-imħabba ġeneruża u disinteressata kif tinsab f'Alla, li wriet lilha nnifisha f'Ibnu Ġesù u li issa, l-Ispirtu s-Santu jrid isawwab fil-qlub ta' l-insara biex dawn ukoll iħobbu lil xulxin fuq l-istil u bil-qawwa ta' din l-imħabba.

4. Meta l-imħabba/filija li twassal għaż-żwieġ tkun integrata fl-imħabba/agape li l-Ispirtu s-Santu jsawwab fi qlub l-insara, iż-żwieġ minn patt naturali jogħla għal patt sagrament b'mod li l-għaqda ta' bejn il-miżżewġin insara titfassal fuq l-imħabba/agape li biha Kristu ngħaqad mal-Knisja tiegħu. Fil-għotja sħiħa tagħhom infushom li tul il-ħajja jagħtu lil xulxin, il-miżżewġin insara mhux biss ikunu qegħdin juru, iżda fil-fatt ikunu qegħdin iwettqu bejniethom l-imħabba/agape ta' Kristu li torbothom dejjem aktar flimkien. Il-miżżewġin jimxu 'l quddiem fit-triq tagħhom lejn Alla, daqskemm jgħixu dan il-patt ta' mħabba bejniethom u ma' wliedhom.

5. Billi huma l-għarajjes li jwasslu lil xulxin l-imħabba/agape, il-ministri tas-sagrament taż-żwieġ huma l-għarajjes infushom. Is-saċerdot huwa biss r-rappreżentant tal-Knisja.

6. Iż-żwieġ jidher li joħroġ mill-istess natura tal-bniedem fejn ir-raġel u l-mara jidhru li huma magħmulin għal xulxin. "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" *(Ġen 2, 24)*.

7. Il-Knisja tgħallem li l-għanijiet taż-żwieġ huma a) l-imħabba u l-għaqda ta' ħajja bejn il-miżżewġin u b) it-tnissil u t-trobbija ta' l-ulied. Skond il-pjan ta' Alla m'għandux ikun hemm firda bejn dawn iż-żewġ għanijiet ewlenin. Dan ifisser li l-użu ta' l-isterilizzazzjoni jew tal-kontraċettivi magħmulin bil-ħsieb li ma jħallux l-att taż-żwieġ miftuħ għall-ħajja, ikun qiegħed ikisser dik ir-rabta li għandu jkun hemm bejn iż-żewġ għanijiet taż-żwieġ.

8. Min-natura tagħha l-imħabba tal-miżżewġin, għandha tkun imżejna bil-kwalitajiet ta' l-unità (li teskludi l-poligamija), tal-fedeltà (li teskludi l-adulterju) u ta' l-indissolubbiltà (li teskludi d-divorzju). Billi fiż-żwieġ nisrani, l-għaqda bejn il-miżżewġin hija msawra fuq il-għaqda ta' Kristu mal-Knisja tiegħu, u l-imħabba ta' bejniethom tieħu sehem mill-imħabba u mill-fedeltà sħiħa tiegħu, iż-żwieġ sagrament joħroġ aktar biċ-ċar u jsaħħaħ b'aktar qawwa dawn il-kwalitajiet.

9. Għall-bniedem, dak li hu essenzjali huwa li jħobb, mhux li jiżżewweġ. Ġesù ma kienx miżżewweġ u b'danakollu għex l-imħabba fil-milja kollha tagħha. Eluf ta' tfajliet u ġuvintur iħossu s-sejħa biex fuq l-eżempju tiegħu, jgħixu fiċ-ċelibat jew fil-verġinità u jiddedikaw ħajjithom kollha "għas-Saltna tas-Smewwiet" *(Mt 19, 12)*.

10. L-aqwa ġid li nistgħu nagħmlu lill-familja Maltija huwa li meta jasal il-waqt, il-familja li niffurmaw aħna tkun familja tajba mibnija fuq sisien insara. Jekk nagħrfu li s-sejħa ta' Alla għalina hija ż-żwieġ, irridu nħossu r-responsabbiltà li nkunu mħejjija tajjeb.



# BIT-TAMA LEJN IL-FUTUR

5

## Objettiv Ġenerali

Wasalna fit-tmiem;
it-tmiem mhux biss
ta' din is-sena,
iżda wkoll
taż-żmien kollu
li ilna nattendu
fl-Iskola Sekondarja.

Il-ħsieb ta' dan it-tmiem
iġib quddiemna
l-ħsieb fuq tmiem ieħor,
tmiem li lejh
irid isib direzzjoni
l-proġett sħiħ ta' ħajjitna.

Fejn irid iwassal
il-proġett ta' ħajja
li Alla jrid jipproponilna?
Nwieġbu: "il-Ġenna".
Imma l-Ġenna x'inhi?

U x'jiġri meta wieħed
iwarrab fil-ġenb dan il-proġett?
Nwieġbu li jmur l-infern.
Imma l-infern x'inhu?

X'effett għandu jkollu fuqna
l-ħsieb tat-tmiem?
Ibeżżagħna
jew jimliena b'kuraġġ?

Sabiħ kemm ikun sabiħ,
ftit ikun jiswa dak il-proġett
li ma jkunx imsieħeb
ma' tama qawwija
li dan jista' jseħħ.
It-tama tagħna x'inhi?
Fuqiex hi mibnija?
X'dawl u x'qawwa tagħti
lid-deċiżjonijiet
li rridu nieħdu minn issa?

## Objettivi Partikulari

*L-objettiv ġenerali tkun tista' tilħqu jekk tfittex li tilħaq dawn l-iskopijiet partikulari. Trid issir kapaċi li:*

- Tagħmel lista tal-proġetti tiegħek u ta' dawk il-ħwejjeġ li jaqtgħulek qalbek biex twettaqhom.
- Tiddeskrivi x'rabta għandu n-nisrani mat-Trinità Qaddisa:
  * mal-**Missier** li ħalaqna u jrid ikun għalina Missierna tas-sema;
  * ma' l-**Iben** li sar wieħed minna biex isalvana;
  * ma' l-**Ispirtu s-Santu** li jagħtina l-ħajja u jgħammar fina.
- Turi kif fir-rabta mat-Trinità Qaddisa, in-nisrani jsib it-tama soda u l-qawwa sħiħa biex iħares lejn il-futur b'kuraġġ sħiħ.
- Tispjega x'inhu t-tagħlim nisrani fuq ir-realtajiet ta' l-aħħar: il-mewt, il-ġudizzju, il-qawmien mill-mewt, il-purgatorju, l-infern u l-ġenna.
- Tippreżenta quddiem sħabek kif il-veritajiet ewlenin tal-fidi nisranija għandhom iwasslu għal għażliet konkreti li jrid jagħmel min tassew jemmen fihom.
- Turi kif it-tama tan-nisrani żżid l-impenn biex naghtu sehemna għall-bini ta' dinja aktar ġusta fejn nistgħu ngħixu u nikbru fl-imħabba u l-paċi ta' l-aħwa.

## Tqassim tas-Suġġetti

*F'dan il-Unit is-suġġetti huma ppreżentati f'din l-ordni:*

❑ Analiżi tal-proġetti u ta' l-ideali tagħna għall-futur. ❑ Il-ħidma ta' Alla l-Missier fir-rabta tiegħu magħna. ❑ Il-ħidma ta' Alla l-Iben fir-rabta tiegħu magħna. ❑ Il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fir-rabta tiegħu magħna. ❑ Il-ġenna bħala tisħib fil-ħajja tat-Trinità Qaddisa u, għalhekk, bħala l-iskop aħħari tal-proġett ta' Alla għalina u l-pedament tat-tama tagħna. ❑ L-infern bħala esperjenza ta' disperazzjoni. ❑ Il-ġudizzju bħala l-ġrajja ta' l-aħħar, iżda li qed isseħħ issa wkoll. ❑ Niktbu l-Kredu ta' ħajjitna fid-dawl tal-proġett ta' Alla.




## ħidma u diskussjoni fil-klassi

### Il-Proġetti ta' ħajjitna

- Din il-ħidma ssir fil-klassi mill-istudenti kollha.
- Fuq karta separata u mingħajr ma tikteb ismek, wieġeb din il-mistoqsija: "Xi proġetti għandek għall-futur tiegħek? X'tixtieq tagħmel wara li tispiċċa l-iskola sekondarja?"
- Niżżel l-ideat tiegħek fil-qosor, jekk jista' jkun fi ftit kliem. Jekk ikollok aktar minn idea jew ħidma waħda li tixtieq tagħmel, niżżilhom kollha wara xulxin skond l-importanza jew l-urġenza tagħhom.
- Jinġabru mbagħad il-karti kollha, u waqt li jinqraw waħda waħda, jitniżżlu fuq il-blackboard. Hekk il-klassi kollha tkun tista' tara l-proġetti ta' kulħadd.

### It-tamiet u l-beżgħat

i. X'qed nistennew li niksbu b'dawn il-proġetti li nixtiequ nwettqu?

ii. Fuqiex u fuq min qed inqiegħdu t-tama tagħna?

iii. X'inhuma l-beżgħat u l-qtigħ ta' qalb li rridu niltaqgħu magħhom biex inwettqu dawn il-proġetti?

iv. Liema beżgħat u liema diffikultajiet jidhru l-aktar kbar?

# fid-dawl tal-messaġġ

Inqabblu issa l-proġetti tagħna mal-Proġett il-kbir ta' Alla.

## ħidma fi gruppi



L-Appostli jxandru l-Kredu. Minjatura tas-seklu XV, Firenze.

### Il-Kredu jitwettaq fi żmienna

- Il-klassi tinqasam fi tliet gruppi.
- Kull student ta' l-ewwel grupp iħejji biex jinbena poster bil-kliem: **Nemmen f'Alla l-Missier li jista' kollox**. Dan jagħmlu billi jfittex minn rivisti, gazzetti jew kalendarji, isib ritratti, stampi jew cuttings li juru l-proġett ta' Alla għal bini ta' sema gdid u art ġdida u min qed jagħti sehem biex dan iseħħ.
- L-istudenti tat-tieni grupp iħejju biex jibnu poster bil-kliem: **Nemmen f'Ġesù li jsalvana.** Ifittxu materjal li juri kif Ġesù qiegħed iġib is-salvazzjoni tiegħu fi żmienna.
- L-istudenti tat-tielet grupp jiġbru materjal biex jibnu poster li juri x'jagħmel fi żmienna l-Ispirtu s-Santu bil-qawwa tiegħu. Il-poster ikun jismu: **Nemmen fl-Ispirtu s-Santu**.
- Meta jiltaqgħu fil-klassi, il-membri ta' kull grupp juru lil sħabhom tal-grupp dak li jkunu sabu u minnhom jagħżlu dawk li jkunu l-aktar tajbin biex jibnu l-poster kbir tal-grupp tagħhom.

# BIT-TAMA LEJN IL-FUTUR

## 1 F'rabta mal-Missier

**Aqra u aħseb**

### *Mill-Kredu*

Jiena nemmen f'Alla wieħed
il-Missier li jista' kollox
li ħalaq is-sema u l-art;
dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx.

### *Mill-Bibbja*

Nimxi f'nofskom u nkun Alla tagħkom u intom tkunu l-poplu tiegħi. Jiena hu Alla tagħkom li ħriġtkom mill-art ta' l-Eġittu, biex ma tkunux ilsiera tagħhom; kissirt il-ktajjen tal-madmad tagħkom u mexxejtkom b'raskom 'il fuq. (*Lev 26, 12-13*)

Araw b'liema għożża ħabbna l-Missier; nistgħu nissejħu wlied Alla, u tassew aħna. (*I Ġw 3,1*)

U rajt sema ġdid u art ġdida..... u Alla nnifsu jkun magħhom.....Hu jixxotta kull demgħa minn għajnejhom; ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew għajat jew tbatija..... (*Apok 21, 1-4*)



Michelangelo
(1475–1564)
Alla joħloq is-sema u l-art
Kappella Sistina,
il-Vatikan.

## diskussjoni fil-klassi



i. X' rabta tħoss li għandek ma' Alla l-Missier? X'taħseb li hi l-ħidma tiegħu lejna u lejn il-ħolqien?

ii. Fejn hi "d-dinja ġdida" li qed iħejji l-Mulej? Nistgħu ngħidu li s-sema ġdid u art ġdida li fuqhom titkellem il-Bibbja, qegħdin jinbnew minn issa? Jekk iva, fejn qed jinbnew u minn min? Semmi eżempji.

iii. Meta taħseb fuq ir-rabta li aħna l-insara għandna ma' Alla l-Missier, tħoss li għandek tagħmel kuraġġ meta tħares lejn il-futur?

iv. Taf b'xi nies li fid-diffikultajiet kbar tal-ħajja, sabu t-tama u l-kuraġġ f'Alla l-Missier?

v. X'taħseb li tfisser "tibqa' l-imħabba bl-għemejjel kollha tagħha"?

Il-grupp li jkun bena l-poster "Nemmen f'Alla l-Missier li jista' kollox" jippreżentah lill-klassi u xi membri tal-grupp jispjegaw dak li għamlu.

**Alla l-Missier li joħloq u jfassal pjan ta' żvilupp sħiħ**



Michelangelo
(1475–1564)
Alla joħloq il-bniedem
Kappella Sistina,
il-Vatikan.

## BIT-TAMA LEJN IL-FUTUR

Alla waħdu hu s-Sid ta' kollox u ta' kulħadd. Hu ħalaq kollox u kull ħaġa li ħalaq hija tajba. Ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu biex jgħix f'għaqda u mħabba miegħu u ma' ħutu l-bnedmin. Minkejja l-ħażen u l-ingratitudni tal-bniedem, Alla jibqa' jħobbu u juri lilu nnifsu bħala Alla li jħenn u li jaħfer, Alla li jsalva u li jeħles, Alla li fil-magħmudija jrid jagħmilna wliedu tassew.

Il-proġett ta' Alla huwa li jiġborna flimkien bħala l-familja tiegħu u flimkien nikkoperaw miegħu fil-bini ta' sema ġdid u art ġdida li għad tilħaq il-milja tagħha meta l-Mulej jerġa' jiġi fil-glorja.

Flimkien mal-Knisja, aħna dejjem inħarsu 'l quddiem mimlijin bit-tama ta' dinja aħjar. Waqt li nemmnu li din it-tama ssib it-twettiq sħiħ tagħha fil-ġenna, nemmnu wkoll li din il-bidla tibda minn issa (ara *GS par. 39*).

Fil-ħsieb ta' Alla, il-Knisja hija l-ħmira, ta' din id-dinja ġdida; l-insara huma msejħin biex ikunu l-melħ ta' l-art u d-dawl tad-dinja. B'kull ħaġa ta' ġid li nagħmlu, inkunu qegħdin nagħtu sehem fil-pjan ta' Alla għall-bini ta' din id- dinja ġdida. L-iżvilupp li bix-xogħol tiegħu l-bniedem iġib fuq l-art u fuq il-qawwiet tan-natura, huwa xhieda tal-kobor ta' Alla u huma miksubin skond il-pjan għoli tal-Ħallieq.



MATTIA PRETI (1613–1699) Il-Missier Etern, Mużew ta' l-Arti, Valletta.

**In-nisrani għalhekk, kemm fuq il-livell individwali u kemm fuq il-livell komunitarju, jitwieled, jgħix u jaħdem F'GHAQDA SHIHA MA' ALLA L-MISSIER li jista' kollox, u li fassal il-proġett ta' għaqda u ta' żvilupp sħiħ għall-bniedem u għall-ħolqien kollu.**

## 2 F'rabta ma' l-Iben

### i. Aqra u aħseb

*Mill-Kredu*

Nemmen f'Mulej wieħed Ġesù Kristu,
Alla veru minn Alla veru.
Niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna.
Sallbuh għalina, miet u difnuh,
u fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet.

*Mill-Bibbja*

*Ġesù fis-sinagoga ta' Nażaret :*

L-Ispirtu tal-Mulej fuqi
għax hu kkonsagrani
biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin.
Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin
u d-dawl mill-ġdid lill-għomja;
irrodd il-ħelsien lill-maħqurin
u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej.

(*Lq 4, 18-19*)

*San Pawl fl-ittra tiegħu lir-Rumani :*

Fil-membri ta' ġismi nilmaħ liġi oħra titqabad kontra l-liġi ta' moħħi u tjassarni taħt il-liġi tad-dnub li hemm ġo ġismi. Imsejken jien! Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt? Niżżi ħajr lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu Sidna. (*Rum 7, 23-25*)

*Ġesù fl-aħħar ċena :*

Dawn il-ħwejjeġ għedthomlkom ħalli bija jkollkom is-sliem. Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja!

(*Ġw 16, 33*)



## diskussjoni fil-klassi

i. Minn dak li qrajt hawn fuq, x'tifhem meta ngħidu li "Ġesù Kristu, l-Iben waħdieni ta' Alla, niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna"? Fiex tikkonsisti s-salvazzjoni li kisbilna Ġesù?

ii. X'rabta tara bejn is-salvazzjoni li kisbilna Ġesù u i) il-libertà, ii) il-paċi tal-qalb, iii) ir-rebħa fuq il-faqar u l-inġustizzji?

iii. Għaliex aħna l-insara nemmnu li għad nirbħu saħansitra fuq il-mewt? Fuqiex nibnu dan it-twemmin tagħna? Din ir-rebħa nagħmluha biss wara li mmutu, jew nibdew ngħixuha minn issa fil-ħajja ta' kuljum?

iv. Taħseb li nistgħu niksbu r-rebħa li jwegħedna Ġesù mingħajr it-tbatija? Għaliex?

v. Għaliex min jemmen f'Ġesù jħares lejn il-ġejjieni b'tama u kuraġġ?

It-tieni grupp jippreżenta u jispjega l-poster tiegħu.

### Alla l-Iben li jwettaq il-pjan tal-Missier

Fil-Persuna u fil-ħidma tiegħu, Ġesù juri lilu nnifsu bħala x-xbieha perfetta ta' Alla li ma jidhirx u fl-istess ħin bħala l-ogħla espressjoni ta' l-umanità; fih il-bniedem laħaq il-quċċata ta' dak kollu li qatt jista' jixtieq li jikseb jew li jkun. Ġesù mhux biss huwa l-mudell tas-suċċess sħiħ tal-bniedem; huwa wkoll it-triq li twassalna għalih.

F'Ġesù, il-bniedem jista' jsib it-tama u l-qawwa f'dawk il-ħtiġiet li jistgħu jaqtgħulna qalbna: a) Jista' jsib il-kapaċità li jħaddem dik **il-libertà** li



MASACCIO (1401–1428)
It-Trinità,
Santa Maria Novella,
Firenze.

fuqha aħna hekk sensittivi u xi drabi hekk debboli. b) Jista' jsib **is-sliem u l-paċi tal-qalb** li nixtiequ niksbu f'dak kollu li nagħmlu. ċ) Jista' jsib **l-aħbar it-tajba għal min hu batut,** fqir, marid jew maħqur. d) Jista' jsib **it-tama u l-kuraġġ** li għad negħlbu saħansitra l-mewt infisha u nibqgħu ngħixu ma' Kristu Rxoxt u ma' l-għeżież tagħna fil-glorja tal-Missier. (ara *1 Kor 15, 42 - 57*).

Din ir-rebħa fuq il-mewt narawha sseħħ minn issa kull meta l-bniedem bis-setgħa li tah Alla jegħleb il-mewt fil-forom kollha tagħha, l-aktar meta jegħleb l-egoiżmu tiegħu u, bħal Kristu, "jmut" għall-oħrajn. Minn mewt bħal din dejjem toħroġ il-ħajja.

**In-nisrani huwa msejjaħ biex jibni l-proġett ta' ħajtu F'RABTA MA' ĠESÙ, L-IBEN IL-WAHDIENI TAL-MISSIER, li sar l-ogħla espressjoni u t-triq waħdanija tas-suċċess veru u dejjiemi tal-bniedem.**



RAFFAELLO
(1483–1520)
Dettall minn
La Disputa del Sacramento,
il-Vatikan

# 3 F'rabta ma' l-Ispirtu s-Santu

## i. Aqra u aħseb

### *Mill-Kredu*

Nemmen fl-Ispirtu s-Santu
Mulej li jagħti l-ħajja:
li ġej mill-Missier u mill-Iben;
li hu meqjum u mweġġaħ
flimkien mal-Missier u ma' l-Iben:
hu li tkellem b'fomm il-profeti.

### *Mill-Bibbja*

U jiena nitlob lill-Missier u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' dejjem magħkom..... Hu jgħammar magħkom u fikom...... Ma nħallikomx iltiema.

*(Ġw 14, 16-18)*

Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom. Huwa l-Ispirtu tal-verità li jwassalkom għall-verità kollha.

*(Ġw 14, 26; 16, 13)*

L-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna.

*(Rum 5, 5)*

Huma jixħtu idejhom fuqhom u jippersegwitawkom, jagħtukom f'idejn il-mexxejja tas-sinagoga u jitfgħukom il-ħabs, u jeħdukom quddiem slaten u gvernaturi minħabba f'ismi....... Meta jeħdukom quddiemhom toqogħdux tħabblu raskom kif jew biex se twieġbu jew x'sejrin tgħidu, għax l-Ispirtu s-Santu jgħallimkom dak il-ħin stess x'għandkom tgħidu.

*(Lq 21, 12; 12, 11-12)*

## diskussjoni fil-klassi



i. Minn dak li qrajt hawn fuq, x'inhuma l-ħidmiet li l-Ispirtu s-Santu jrid iwettaq fid-dinja, fil-ħajja tal-Knisja u tan-nisrani? Għalfejn il-Missier u l-Iben bagħtu l-Ispirtu s-Santu fid-dinja?

ii. Għaliex min jemmen li l-Ispirtu s-Santu qiegħed miegħu, iħares lejn il-ħajja b'tama u b'kuraġġ kbir? Liema beżgħat irid jgħinna biex negħlbu?

iii. Fil-fehma tiegħek, il-ġenna u l-infern x'inhuma? Nistgħu ngħidu li b'xi mod, il-ġenna jew l-infern jibdew minn din id-dinja? Taħseb li jkunilna ta' ġid jekk niftakru f'dawn il-ħwejjeġ? Għaliex?

It-tielet grupp jippreżenta u jispjega lill-klassi l-poster li jkun għamel.

**Alla Spirtu s-Santu li jagħtina l-ħajja u l-qawwa**

Meta Kristu temm ix-xogħol li Missieru kien taħ, l-Ispirtu s-Santu ntbagħat f'Għid il-Ħamsin ħalli f'kull żmien hu jqaddes lill-Knisja, ħalli dawk kollha li jemmnu jkunu jistgħu jaslu għand il-Missier permezz ta' Kristu fi Spirtu wieħed.

Niftakru li l-Ispirtu s-Santu huwa l-Mulej li jagħti l-ħajja, u bħalma tagħmel il-ħajja, jidħol f'kull rokna ta' l-eżistenza tagħna u tal-Knisja kollha biex iżommna, jgħajjixna u jkabbarna.

Mis-siltiet tal-Bibbja li qrajna, naraw li l-Ispirtu s-Santu jrid iwieġeb għax-xewqat il-kbar tagħna l-bnedmin:

a) **ma jħalliniex waħedna**: is-solitudni tista' tkun waħda mill-akbar problemi tagħna f'dan iż-żmien ta' l-adolexxenza;

b) **iwassalna lejn il-verità**: l-awtentiċità u s-sinċerità huma fost il-valuri l-aktar imfittxija fl-adolexxenza;

ċ) **isawwab fi qlubna l-imħabba** ġenwina: waħda mill-akbar ħtiġiet tagħna hi li nkunu kapaċi nħobbu u nkunu maħbuba;

d) **qawwa u saħħa** biex negħlbu d-diffikultajiet u t-tfixkil li niltaqgħu magħhom: fin-nuqqas ta' esperjenza quddiem il-problemi ġodda, inħossu ħtieġa kbira li nsibu min jagħmlilna kuraġġ bla ma joħnoq l-inizjattiva tagħna.



GIAN LORENZO BERNINI (1598–1680)
L-Ispirtu s-Santu,
Bażilka ta' San Pietru, il-Vatikan.

**In-nisrani huwa msejjaħ biex jgħix u jibni l-proġett ta' ħajtu F'GHAQDA MA' L-ISPIRTU S-SANTU li jgħammar fina, jgħajjixna, u jqawwina bid-dawl u l-enerġija tiegħu.**

## 4 Nemmnu fit-Trinità Qaddisa

Il-misteru tat-Trinità Qaddisa (Tliet Persuni f'Alla Wieħed), nifhmuh ħażin jekk inħarsu lejh bħallikieku kien xi formola maġika tal-matematika. Irridu nħarsu lejh fuq l-isfond tal-Proġett ta' Salvazzjoni ta' Alla għalina, kif deher fil-Persuna u fil-ħajja ta' Ġesù. Huwa fuq dan l-isfond li nistgħu nifhmu l-kliem ta' San Ġwann:

> Alla hu Mhabba u min jghammar fl-imhabba jghammar f'Alla u Alla fih..... U l-imħabba ssir shiha fina, meta aħna nqawwu qalbna ghal jum il-ħaqq, ghax saħansitra f'din id-dinja aħna sirna bhalu.
>
> *(1 Ġw 4, 16-17)*

Ġesù jurina li, lil hinn u taħt il-ġrajjiet tad-dinja, hemm l-istorja ta' l-imħabba ta' Alla li tana lilu nnifsu f'Ibnu Ġesù li, min-naħa tiegħu, jibqa' jgħix u jaħdem fina permezz ta' l-Ispirtu s-Santu.

Din l-istorja ta' mħabba hija rifless, kif u safejn nifhmu aħna, tal-ġrajja ta' mħabba bla qies li kienet minn dejjem f'Alla. Għaliex Alla huwa minn dejjem Imħabba – Alla Wieħed, Missier, Iben u Spirtu s-Santu – il-Misteru tat-Trinità Qaddisa.



ALBERT DÜRER
L-Adorazzjoni
tat-Trinità Qaddisa,
Kunsthistorishes Museum,
Vienna.

Il-verità tat-Trinità Qaddisa hija verità li trid tixħet id-dawl ċentrali fuq l-iskop ta' ħajjitna u l-mod kif ngħixu. L-istorja tagħna l-bnedmin tilħaq għal kollox l-iskop tagħha u tasal fit-tmiem tagħha meta aħna l-bnedmin inħabirku biex nissawru fuq dak li tiegħu aħna x-xbieha: meta l-għaqda ta' bejnietna issir tixbah l-għaqda li hemm f'Alla nnifsu. F'din l-għaqda aħna nsieħbu mhux biss ir-ruħ iżda wkoll il-ġisem u l-ħolqien kollu: **il-Qawma mill-Imwiet u l-Ħajja ta' Dejjem**.

## 5 Il-Ġenna

L-akbar u l-isbaħ esperjenza fil-ħajja hija li wieħed iħobb u jkun maħbub; hija l-esperjenza tal-ħbiberija ġenwina u ta' l-imħabba sinċiera li tagħmel il-ħajja tidher qisha festa. Ilkoll nafu, iżda, li f'din id-dinja din l-esperjenza għandha d-dellijiet tagħha, għandha t-tmiem tagħha, l-aktar bil-firda tal-mewt.

L-esperjenza ta' festa fl-imħabba, iżda, l-bniedem xorta waħda jibqa' jridha u jibqa' jfittixha. Qalbu ma tistrieħx qabel ma jsibha għal kollox. Din hija l-ġenna li "għajn qatt ma rat, widna qatt ma semgħet, u qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh (*I Kor 2, 9*).

Alla huwa mħabba għax huwa għaqda l-aktar perfetta; huwa komunjoni ta' tliet Persuni distinti magħqudin flimkien f'natura waħda.



FRA ANGELICO
(c. 1387–1455)
Mill-Ġudizzju Universali,
Firenze

Il-ġenna hija l-kontemplazzjoni perfetta ta' Alla/Mħabba :"meta jidher hu, aħna nkunu bħalu, għax narawh kif inhu (*I Ġw 3, 2*), narawh wiċċ imb'wiċċ (*I Kor 13, 12*). Il-ġenna hija l-esperjenza li nħobbu u nkunu maħbubin f'għaqda intima u profonda ma' Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu; hija l-esperjenza ta' meta titwettaq għal kollox u għal dejjem it-talba ta' Ġesù: "Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina" (*Ġw 17, 21*).

Il-ġenna hija adorazzjoni ferrieħa, tifħir u radd il-ħajr lil Alla: "Qaddis, Qaddis, Qaddis, il-Mulej, Alla li jista' kollox li kien u li hu, u li ġej".

Il-ġenna hija djalogu u għaqda li f'Alla jibqa' jkollna ma' ħutna u ħbiebna li daħlu qabilna fil-ferħ sħiħ ta' Kristu Rxoxt.

Il-ġenna hija l-iskop aħħari ta' kull bniedem; hija l-milja tax-xewqat l-aktar profondi tagħna, is-suċċess sħiħ li għalih ħalaqna Alla.

Minn dan jidher ċar li l-ġenna hija l-ewwel u qabel kollox realtà ta' "relazzjonijiet personali" u mhux akkwist ta' xi oġġetti ta' konsum.

Il-ġenna tibda minn hawn; meta aħna nħobbu u nħarsu l-kmandamenti, it-Trinità Qaddisa tiġi tgħammar fina (ara *Ġw 14, 23*).



Dawk li jmutu ħbieb ta' Alla, iżda minħabba xi ħtijiet li ma jkunux mejta ma jkunux indaf biżżejjed biex igawduh wiċċ imb'wiċċ, iridu jgħaddu minn tisfija ta' tbatija li tgħinhom jiksbu dik il-qdusija meħtieġa biex jidħlu fil-ferħ ta' dejjem.

Dan l-istat ta' tisfija l-Knisja ssejjaħlu **Purgatorju**.

## 6 L-Infern

Jekk il-ġenna hija l-għaqda sħiħa ta' mħabba u ta' sliem ma' Alla li fih biss qalbna tista' ssib il-milja tagħha, l-infern huwa bil-maqlub.

L-infern huwa mibegħda, huwa dwejjaq u mrar, huwa vojt u baħħ li ma jitkejjilx; fuq kollox huwa disperazzjoni: disperazzjoni ta' min jagħraf li, tort tiegħu, għażel li jwarrab lil Alla, l-għajn tal-ħajja u tal-ferħ biex

jissodisfa s-suppervja u l-egoiżmu tiegħu. Il-Bibbja titkellem ukoll fuq l-infern bħala nar ta' dejjem li tħejja għax-xitan u għall-anġli sħabu (*Mt 25, 41*), u bħala biki u tgħażżiż tas-snien (*Mt 22,13*).

Meta l-bniedem jagħżel b'mod sħiħ li jwarrab 'l Alla u jwebbes ir-rieda tiegħu fid-dnub, ikun għażel t-telfien ta' dejjem. Din l-għażla ssir darba għal dejjem meta tibqa' sseħħ meta "jasal il-lejl meta ħadd ma jkun jista' jaħdem fih" (*Ġw 9, 4*). Proprjament, m'huwiex Alla li jikkastiga bl-infern; huwa l-bniedem li minn rajh jagħżel li jmur hemm, għax jagħżel li ma jħobbx: "min ma jħobbx jinsab fil-mewt" (*I Ġw 3,14*).

U billi la nafu l-jum u anqas is-siegħa, jeħtieġ li, kif wissiena l-Mulej, nishru l-ħin kollu biex, wara li ntemmu din il-ħajja, li tiġi darba biss (cf. Lhud 9, 27), aħna jisthoqqilna nidħlu għall-festa tat-tieġ u ningħaqdu ma' l-imberkin (cf. Mt 25, 31-46) u ma nkunux ordnati, bħall-qaddejja ħżiena u għażżenin (cf. Mt 25, 26), li mmorru fin-nar ta' dejjem (cf. Mt 25, 41) mitfugħin barra fid-dlam fejn hemm "il-biki u tgħażżiż tas-snien" (Mt 22, 13 u 25, 30).

(*Il-Knisja par. 48*)



LUCA SIGNORELLI
(1445–1523)
Dettall mill-affresk
I Dannati
Duomo ta' Orvieto

## 7 Il-Ġudizzju

L-għażla sħiħa u definittiva tagħna ssir fil-mewt, meta fil-ġudizzju tagħna quddiem Alla nikkonfermawha għal dejjem:

Għaliex, qabel ma nsaltnu ma' Kristu glorjuż, aħna lkoll għad nidhru "quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem" (II Kor 5, 10) u, fl-aħħar tad-dinja, "dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna" (Ġw 5, 29; cf. Mt 25, 46).

(*Il-Knisja par. 48*).

Iżda, għalkemm l-għażla sħiħa u definittiva tagħna ssir fil-mewt, f'ċertu sens il-ġudizzju tagħna qiegħed isir kuljum, f'kull deċiżjoni li nieħdu. Bl-għażliet li nagħmlu issa qegħdin inħejju l-għażla definittiva li rridu nagħmlu fl-aħħar ta' ħajjitna jew favur it-tajjeb jew favur il-ħażin.

Quddiemna għandna sfida kbira: l-akbar sfida, għax minnha jiddependi s-suċċess veru tagħna, minnha tiddependi l-ħajja jew il-mewt ta' dejjem.

**Irridu nagħmlu ħilitna biex nagħżlu l-proġett kbir u meraviljuż li l-Mulej ħejja għalina.**

**Irridu nidħlu għalih b'entużjażmu u b'ġenerożità.**

**Irridu nidħlu għalih b'tama u b'kuraġġ tal-azzar għax magħna għandu l-Ispirtu ta' dak li qal: "Agħmlu l-qalb, jien irbaħt id-dinja".**



Kuruna bil-fjuri li turi l-glorja li jikseb min imut fil-Mulej.

Affresk fil-Katakombi ta' Sant'Agata, ir-Rabat u li jmur lura sa madwar is-sena 350.

## It-tweġiba tagħna

Issa li rriflettejna aktar mill-qrib, l-ewwel dwar il-misteru ta' Alla u dwar ir-rabta ta' kull Persuna ma' ħajjitna, u mbagħad dwar ix-xewqat tal-proġetti tagħna u t-tamiet ta' fejn irid iwassalna l-proġett ta' Alla għalina, nippruvaw niktbu mill-ġdid il-Kredu li sa minn ċkunitna tgħallimna ngħidu, forsi mingħajr ma nifhmu biżżejjed dak li konna ngħidu.

**Proġett**

### Il-Kredu tiegħi fuq Alla u fuqi nnifsi

- Mill-pitazz tar-Reliġjon jew minn xi mkien ieħor, sib paġna vojta u aqsamha fi tnejn.
- Fuq naħa waħda, ikteb waħda waħda l-veritajiet tal-fidi kif tgħallimniehom fil-Kredu. Ibda billi tikteb dak li temmen dwar Alla l-Missier. Dak li temmen ipprova iktbu fi kliemek.
- Fuq in-naħa l-oħra, ikteb dak li temmen fuqek innifsek u fuq il-proġetti tiegħek bħala konsegwenza ta' dak li tkun irriflettejt dwar Alla l-Missier.
- Agħmel imbagħad l-istess dwar dak li temmen fuq l-Iben, fuq l-Ispirtu s-Santu u fuq il-Qawmien għall-ħajja.
- Bħala konklużjoni ta' dak kollu li studjajt u rriflettejt f'dawn l-aħħar sentejn dwar il-proġett ta' ħajja li Alla jrid jipproponilek, ikteb fi kliemek messaġġ li fil-fond ta' qalbek tħoss li għandek twassal quddiem Alla.

## nibqgħu niftakru

1. Il-proġett ta' Alla li fih irid isib postu l-proġett ta' ħajjitna, huwa marbut mill-qrib u jsib il-milja tiegħu fil-Misteru ta' Alla wieħed fi tliet Persuni, il-Misteru tat-Trinità Qaddisa, "il-Misteru ċentrali tal-fidi u tal-ħajja nisranija" (KKK par. 261). L-istorja ta' ħajjitna tilħaq għal kollox l-iskop tagħha u tasal fit-tmiem tagħha meta tkun rifless tal-imħabba bla qies li kienet sa minn dejjem f'Alla nnifsu. Alla huwa mħabba għax huwa għaqda l-aktar perfetta; huwa komunjoni ta' tliet Persuni distinti magħqudin flimkien f'natura waħda.

2. Il-misteru tat-Trinità Qaddisa, (Tliet Persuni f'Alla Wieħed), ma għandniex inħarsu lejh bħallikieku kien xi formola maġika tal-matematika. Irridu nħarsu lejh fuq l-isfond tal-Proġett ta' Salvazzjoni ta' Alla għalina, kif deher fil-Persuna u fil-ħajja ta' Ġesù; irridu nħarsu lejh fit-tip ta' rabta li Alla jrid ikollu magħna. Naraw għalhekk li:

   i. kemm fuq il-livell individwali u kemm fuq il-livell komunitarju, aħna nitwieldu, ngħixu u naħdmu f'għaqda sħiħa ma' Alla l-Missier li jista' kollox, li fassal il-proġett ta' salvazzjoni u ta' żvilupp sħiħ kemm għalina l-bnedmin u kemm għall-ħolqien kollu.

   ii. il-proġett ta' ħajjitna aħna nibnuh f'rabta ma' Ġesù, l-Iben il-waħdieni tal-Missier, li wettaq il-pjan tal-Missier u sar għalina l-ogħla espressjoni u t-triq waħdanija għall-milja tal-veru suċċess.

   iii. il-proġett ta' ħajjitna nilqgħuh u ngħixuh f'għaqda ma' l-Ispirtu s-Santu li jlaqqagħna ma' Ġesù u waqt li jgħammar fina, jgħajjixna, idawwalna u jqawwina, isawwarna dejjem aktar fuq ix-xbieha ta' Ġesù.

3. Il-ġenna hija l-esperjenza li nħobbu u nkunu maħbubin f'għaqda intima u profonda ma' Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu; il-ġenna hija l-għaqda ta' ħbiberija u ta' mħabba li f'Alla jibqa' jkollna ma' ħutna u ħbiebna li daħlu qabilna fil-ferħ sħiħ ta' Kristu Rxoxt; hija l-iskop aħħari ta' kull bniedem; hija l-milja tax-xewqat l-aktar profondi tagħna, is-suċċess sħiħ li għalih ħalaqna Alla.

4. Dawk li jmutu ħbieb ta' Alla, iżda minħabba xi ħtijiet li ma jkunux mejta ma jkunux indaf biżżejjed biex igawduh wiċċ imb'wiċċ, iridu jgħaddu minn tisfija ta' tbatija li tgħinhom jiksbu dik il-qdusija meħtieġa biex jidħlu fil-ferħ ta' dejjem. Din it-tisfija l-Knisja ssejħilha Purgatorju.

5. Jekk il-ġenna hija l-għaqda sħiħa ta' mħabba u ta' sliem ma' ħutna u fuq kollox ma' Alla li fih biss qalbna tista' ssib il-milja tagħha, l-Infern huwa bil-maqlub. L-infern huwa mibegħda, dwejjaq u mrar, baħħ, disperazzjoni: disperazzjoni ta' min jagħraf li, tort tiegħu, għażel li jwarrab lil Alla, l-għajn tal-ħajja u tal-ferħ biex jissodisfa s-suppervja u l-egoiżmu tiegħu. Il-Bibbja titkellem ukoll fuq l-infern bħala nar ta' dejjem li tħejja għax-xitan u għall-anġli sħabu (*Mt 25, 41*), u bħala biki u tgħażżiż tas-snien (*Mt 22,13*).

6. L-għażla sħiħa u definittiva tagħna ssir fil-mewt, meta fil-Ġudizzju li rridu ngħaddu minnu quddiem Alla nikkonfermawha għal dejjem. Iżda f'ċertu sens, il-ġudizzju tagħna qiegħed isir issa, kuljum, f'kull deċiżjoni li nieħdu. Bl-għażliet li nagħmlu issa qegħdin inħejju l-għażla definittiva li rridu nagħmlu fl-aħħar ta' ħajjitna jew favur it-tajjeb jew favur il-ħażin.

7. Il-proġett ta' żvilupp sħiħ li Alla qed jipproponilna biex inwettquh f'ħajjitna, irridu nidħlu għalih b'tama u b'kuraġġ tal-azzar. Magħna għandna l-Ispirtu ta' dak li qal: "Agħmlu l-qalb, jien irbaħt id-dinja".

# appendiċi

# IL-ĦIN LIBERU

## Objettiv Ġenerali

*Wara li tkun ħdimt ma' sħabek u studjajt dan il-Unit, inti tkun tista':*

**Tifhem aħjar x'post u x'importanza għandu l-ħin liberu fil-proġett ta' Alla għalik u tissokta tibni dawk l-atteġġjamenti u dawk l-*iskills* meħtieġa biex tista' tużah għall-aħjar ġid tiegħek u ta' l-oħrajn.**

## Objettivi Partikulari

*L-objettiv ġenerali tkun tista' tilħqu jekk tfittex li tilħaq dawn l-iskopijiet partikulari. Trid issir kapaċi li:*

- Turi li fhimt id-differenza ewlenija bejn xogħol u ħin liberu.
- Tagħmel lista ta' l-attivitajiet li f'pajjiżna wieħed jista' jagħmel fil-ħin liberu.
- Tippreżenta l-ħsieb nisrani dwar il-ħin liberu billi turi (i) x'post kellu jkollu fil-ħsieb ta' Alla qabel il-firda tal-bniedem bid-dnub; (ii) x'konsegwenzi ġarrab il-ħin liberu bid-dnub; (iii) x'effetti għandha ġġib il-fidwa ta' Ġesù fuq il-ħin liberu.
- Tagħmel lista ta' kif l-aħjar nistgħu nużaw il-ħin liberu. Turi l-perikli li għalihom irridu noqogħdu attenti.
- Turi x'għandha tkun l-attitudni tan-nisrani lejn (i) l-isport, (ii) il-mass-media, u (iii) il-mużika.




X'inhuma l-ideat li għandhom iż-żgħażagħ Maltin dwar il-ħin liberu? Kif qegħdin nużawh? Xi proposti jeżistu fi żmienna biex wieħed iqattgħu għal qalbu?



diskussjoni fi gruppi

**Aħna u l-ħin liberu tagħna**

i. X'nifhmu meta ngħidu "ħin liberu" jew "free time"?

ii. Ikkalkolaw kemm-il siegħa hu twil il-ħin liberu li kull sena

a) għandkom intom l-istudenti li tmorru l-iskola sekondarja;

b) għandhom il-ħaddiema tal-banek jew tal-fabbriki.

iii. Studenti bħalkom, x'jippreferu jagħmlu fil-ħin liberu tagħhom? Agħmlu lista ta' dak li jippreferu jagħmlu u mbagħad immarkaw dawk it-tliet attivitajiet li, fil-fehma tal-grupp, jippreferu jagħmlu l-aktar.

iv. Fil-fehma tiegħek, meta nistgħu ngħidu li wieħed ikun qiegħed jaħli l-ħin liberu tiegħu? Taqbel ma' min il-ħin liberu tiegħu jaħlih? Għaliex?

## 1 NIFHMU X'INHU L-ĦIN LIBERU

Proprjament il-ħin liberu mhux bilfors hu l-ħin li fih wieħed joqgħod jistrieħ jew joqgħod ma jagħmel xejn wara l-ħin tax-xogħol jew ta' l-iskola. Anqas ma hu bilfors il-ħin li fih wieħed imur jiddeverti f'xi disco jew xi każin. Hawn min jgħaddih f'xi ħidma ta' volontarjat jew f'xi Għaqda li jitolbu impenn u dedikazzjoni.

Biex nifhmu sewwa l-ħin liberu x'inhu, irridu narawh f'kuntrast mal-ħin tax-xogħol jew ta' l-iskola; irridu nqabbluh mal-ħin li fih irridu

nagħmlu xi attività "bilfors". Il-ħin li fih ikollna nagħmlu xi ħaġa ta' bilfors, xi ħaġa li ma nistgħux inħalluha għal darba oħra jew nibdluha ma nsejħulux ħin liberu. Bil-maqlub, insejħu "ħin liberu" dak il-ħin li nistgħu nużawh kif nagħżlu u niddeċiedu aħna. Għalhekk, biex inkunu eżatti mhuwiex il-ħin li huwa liberu; fil-ħin liberu, huwa aħna li nkunu liberi li nużaw il-ħin skond kif niddeċiedu aħna li jkun l-aħjar.

Jekk il-karatteristika ewlenija tal-ħin liberu hija li aħna nkunu ħielsa kif nużawh, ir-responsabbiltà ta' x'nagħmlu jew ma nagħmlux f'dan il-ħin, hija akbar. La darba hija akbar ir-responsabbiltà, hija akbar il-ħtieġa li nedukaw ruħna kif nużawh tajjeb.

## 2 L-ATTIVITAJIET WAQT IL-ĦIN LIBERU

L-attivitajiet li f'pajjiżna wieħed jista' jagħmel fil-ħin liberu tiegħu nistgħu nqassmuhom f'dawn il-ħames taqsimiet.

i. ***Taqsima Sport:***
*football, basketball, table-tennis,* għawm, atletika, eċċ.

ii. ***Taqsima Attivitajiet Kulturali:***
qari, pittura, *ballet,* daqq ta' strument, studju bil-*computer,* kitba ta' poeżija, eċċ.

iii. ***Taqsima Mass-Media:***
films, diski, TV, radju, rivisti, *discos,* eċċ.

iv. ***Taqsima Rabtiet Soċjali:***
żmien li wieħed jgħaddi mal-familja, mal-ħbieb ta' l-istess età, mal-*partner* tas-sess l-ieħor.

v. ***Taqsima Gruppi ta' Impenn:***
sehem f'għaqdiet reliġjużi, gruppi ta' talb, gruppi ta' volontarjat, eċċ.

# fid-dawl tal-messaġġ

## 1 IL-ĦIN LIBERU FIL-ĦSIEB NISRANI

### ħidma għad-dar



**Il-post tal-ħin liberu fil-pjan ta' Alla**

- Fittex fil-Bibbja s-siltiet li ġejjin.
- Ikteb dawn is-siltiet fuq il-pitazz tar-Reliġjon.
- Wara li tirrifletti ftit fuqhom, ikteb fil-qosor kif dawn is-siltiet jgħinuna nifhmu l-ħsieb ta' Alla dwar il-ħin liberu.
- Is-siltiet ikunu dawn:

**Ġenesi 1, 28.** **Ġenesi 2, 15.**
**Ġenesi 3, 17-19.** **Ġwann 13, 34.**
**Lhud 2, 6-9.** **Efesin 1, 9-10.**

### i Il-Ħin liberu qabel il-firda tal-bniedem minn Alla

Nifhmu li fil-ħsieb tal-Bibbja, ma kellux ikun hemm differenza bejn ix-xogħol u bejn dak li wieħed jagħmel fil-ħin liberu, bejn xogħol u delizzju, bejn xogħol u *hobby*, bejn *work* u *play*. Fil-ħsieb ta' Alla, għall-bniedem kollox kellu jkun delizzju, *hobby, play, leisure*.

Dan ma jfissirx li l-bniedem kellu joqgħod fil-għażż; ma jfissirx li ma kellux jaħdem u jagħmel ħwejjeġ mill-aktar importanti: "u l-Mulej ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien biex jaħdmu u jħarsu" (*Ġen 2, 15).*

Ifisser li l-bniedem kellu jaħdem, iva, u x-xogħol kellu jkollu wkoll it-tbatija fiżika tiegħu; iżda x-xogħol tiegħu kellu jagħmlu minn rajh, bir-rieda ħielsa tiegħu; kellu jagħmlu minn qalbu bħala delizzju, u mhux bid-

dwejjaq bħal meta jkollok tagħmel xi ħaġa bilfors, ukoll meta tkun taf li qed tkunlek ta' ħsara.

Il-bniedem kien maħluq xbieha ta' Alla u l-missjoni tiegħu kellha tixbah lill-ħidma ta' Alla l-Ħallieq. U bħalma Alla ma jagħmel xejn fuq qalbu imma jagħmel kollox b'mod ħieles, għax iħobb, hekk il-bniedem kellu jaħdem skond kif jiddeċiedi hu, skond dak li jagħraf li hu tajjeb u ġust.

## ii Bid-dnub tidħol il-firda bejn xogħol u ħin liberu

Bid-dnub, ix-xogħol ma baqax aktar delizzju, ma baqax ħaġa li wieħed jagħmilha għax irid, imma daħal fih l-element ta' xi ħaġa li jrid jagħmilha wkoll jekk ma jogħġbux. Ix-xogħol li ried jagħmel bilfors biex jibqa' jgħix issa sar piż, għajn ta' tbatija, ta' tensjoni, ta' ġlied: "misħuta l-art minħabba fik; bit-taħbit tiekol minnha, il-jiem kollha ta' ħajtek" (*Ġen 3, 17*).

Bil-firda tal-bniedem minn Alla, il-ħażen mhux biss daħal b'qawwa fil-qasam tax-xogħol, iżda ħarbat ukoll il-ħin liberu, il-ħin ta' delizzju. F'dan iż-żmien, minflok issoktaw jikbru fil-verità, fit-tjieba u fil-għaqda ma' l-oħrajn, "moħħhom intilef fil-bluha, u qalbhom bla dehen iddallmet..... imtlew b'kull xorta ta' inġustizzja u ħażen, regħba, għira, tqasqis kontra xulxin, qerq, ġlied, qtil..." (*Rum 1, 21-31*).

Jekk il-bniedem irid isib il-kapaċità biex il-ħin liberu jużah għall-ġid u biex inaqqas id-differenza bejn id-dwejjaq tax-xogħol u l-hena tal-ħin liberu, jeħtieġ iħares lejn Ġesù li fih u bih kellha sseħħ ir-rikonċiljazzjoni tal-bniedem ma' Alla, mal-proxxmu, miegħu nnifsu u ma' l-univers.

## iii Ma' Kristu, il-ħin kollu jista' jsir ħin liberu

Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed, (Adam), li fid-dinja daħal id-dnub u permezz tad-dnub il-firda tax-xogħol mid-delizzju, hekk huwa permezz ta' bniedem wieħed, (Kristu Ġesù), li daħlet mill-ġdid l-għaqda ma' Alla, u permezz ta' l-għaqda ma' Alla reġgħet bdiet isseħħ l-għaqda bejn ix-xogħol u l-ħin liberu, b'mod li l-ħin kollu jista' jkun delizzju.

L-għaqda sħiħa bejn ix-xogħol u l-ħin liberu, issa trid tinħadem fid-dinja bħala frott tal-fidwa tiegħu. Aktar ma x-xogħol jersaq lejn il-ħin liberu, aktar ma x-xogħol isir delizzju, aktar ikun qiegħed jinħass fid-dinja l-effett tal-fidwa li kisbilna Ġesù. Għalhekk nistgħu ngħidu li huwa fatt għal kollox pożittiv li, aktar ma jgħaddi ż-żmien, il-ħin tax-xogħol kull ma jmur qiegħed jitqassar u ż-żmien liberu qiegħed jiżdied.

Il-ħin liberu huwa **l-ħin li jgħodd l-aktar għall-bniedem**, għax huwa l-ħin li fih jista' jagħmel ħidmiet li jagħżel hu fil-libertà.

## 2 GĦALFEJN GĦANDU JSERVINA



**diskussjoni fi gruppi**

### Il-ħin liberu u l-iżvilupp sħiħ tagħna

*Rajna li l-attivitajiet li wieħed jista' jagħmel fil-ħin liberu tiegħu jistgħu jinġabru f'ħames taqsimiet. Nieħdu dawn it-taqsimiet waħda waħda, u naqsmu fehmietna flimkien dwar kull taqsima, bil-għajnuna ta' dawn il-mistoqsijiet.*

i. B'liema mod l-attivitajiet ta' din it-taqsima jgħinuna fl-iżvilupp tagħna — (fl-iżvilupp ta' moħħna, tal-valuri, tat-talenti, tas-saħħa fiżika, tar-rabtiet soċjali, eċċ.)?

ii. Minn liema perikli rridu noqogħdu attenti biex dawn l-attivitajiet ma jispiċċawx biex flok il-ġid, jagħmlulna l-ħsara u jfixkluna fl-iżvilupp tagħna?

iii. Taħseb li jkun ta' ġid jekk wieħed jagħżel attivitajiet ta' taqsima waħda biss u jeskludi l-oħrajn?

## i Il-ħin ta' mistrieħ biex niksbu l-enerġija mill-ġdid

Għal ħafna, il-ħin liberu jiġi wara ġurnata jew ġimgħa xogħol li ħafna drabi jġib miegħu għeja fiżika, stress mentali, tensjonijiet ta' nervi, eċċ. Ma nistgħux inkomplu naħdmu u ngħixu fit-tul jekk ma nirkuprawx l-enerġija fiżika u mentali li nkunu ħlejna fuq ix-xogħol. Huwa għalhekk ta' siwi kbir li fil-ħin liberu tagħna nsibu ħin ta' rikreazzjoni — fis-sens ta' kif tfisser il-kelma nnifisha: ħin ta' "ħolqien mill-ġdid".

Jekk il-ħin liberu tagħna jrid ikun tassew ħin ta' mistrieħ u ta' "ri-kreazzjoni", irridu noqogħdu attenti biex f'dan il-ħin la nintelqu fil-għażż u lanqas nagħmlu attivitajiet li fihom inkomplu ngħejew, ngħarrqu saħħitna u nżidu l-istress.

Fuq kollox irridu noqogħdu attenti biex, waqt li nkunu nistrieħu, ma nispiċċawx passivi bħal biċċa sponża li tibla' dak kollu li tara jew tisma' fuq ir-radju u t-TV, u dak li jġibu l-gazzetti. Irid ikollna enerġija biżżejjed biex, qabel ma naċċettaw xi ħaġa, ngħarbluha sewwa skond il-prinċipji li minnhom inkunu konvinti. Jekk ma nagħmlux hekk, flok nikbru fil-libertà u fir-responsabbiltà, nispiċċaw nirraġunaw b'moħħ ħaddieħor.

## ii Il-ħin ta' żvilupp tat-talenti tagħna

Ħafna drabi, fix-xogħol li wieħed ikollu jagħmlu biex jaqla' x'jiekol, ma jkunx jista' jagħmel attivitajiet oħra li forsi jkun jixtieq jagħmel; ma jkunx jista' jiżviluppa t-talenti kollha li jħoss li għandu jiżviluppa.

Għalhekk irid ikun il-ħin liberu l-ħin li fih il-bniedem jiżviluppa l-kapaċitajiet u t-talenti tiegħu. Huwa fil-ħin liberu li l-bniedem jista' jagħżel x'attivitajiet jagħmel, fejn jagħmilhom, u kemm idum jagħmilhom u ma' min jagħmilhom. Huwa fil-ħin liberu li wieħed jipprattika dawk li nsejħulhom il-*hobbies*; il-*hobby* huwa propju dik l-attività li wieħed jagħżel minn rajh, li jipprattikaha bil-libertà u li ħafna drabi tgħinu jiżviluppa xi talent tiegħu.

Alla tana t-talenti mhux biex naħbuhom jew nifgawhom, iżda biex niżviluppawhom u nħaddmuhom għall-ġid tagħna u ta' ħutna. Huwa b'dan il-ħsieb li l-Konċilju Vatikan II jgħallem li l-ħaddiema

> "għandhom igawdu mistrieħ u ħin liberu biżżejjed biex jieħdu ħsieb tal-ħajja familjari, kulturali, soċjali u reliġjuża tagħhom. Anzi għandu jkollhom ukoll il-possibbiltà li jagħtu rwieħhom għal xi attività biex jiżviluppaw ħidmiet u kapaċitajiet li forsi fix-xogħol professjonali tagħhom ftit jistgħu jiżviluppaw."
>
> *(GS, para 67).*

## iii Ħin ta' għaqda u kollaborazzjoni ma' l-oħrajn

L-attivitajiet li nagħmlu fil-ħin liberu tagħna — bħal *sports, hobbies,* divertiment, impenn lejn min hu fil-bżonn — mhux biss iġibu mistrieħ fiżiku u mentali, mhux biss iġibu 'l quddiem l-iżvilupp tat-talenti tagħna; ħafna drabi dawn l-attivitajiet isiru fi gruppi u għalhekk jagħtu l-opportunità biex jinbnew **ħbiberiji ġodda, rabtiet aktar personali** bejn bniedem u ieħor, aktar kollaborazzjoni u aktar ħidma flimkien.

Fil-ħin liberu wieħed jista' jfittex il-grupp li l-aktar jgħodd għalih, il-grupp fejn isib nies bl-istess interessi, il-grupp fejn iħossu milqugħ, il-grupp fejn jista' jaqsam l-esperjenzi u l-kapaċitajiet tiegħu, fejn isib is-*support* u l-għajnuna għall-iżvilupp tiegħu.



Il-ħin liberu jagħtina wkoll il-possibilità li niltaqgħu u nikkollaboraw ma' nies jew gruppi oħra f'pajjiżna u f'pajjiżi oħra u li norganizzaw dawk l-attivitajiet li fil-fehma tagħna jkomplu jkabbru s-sens ta' għaqda u ta' solidarjetà.

Meta l-ħin liberu nużawh biex insaħħu s-sens ta' għaqda, ta' ħbiberija u ta' kollaborazzjoni, inkunu qegħdin nagħtu kontribut mill-aktar siewi għall-iżvilupp tagħna li, skond il-pjan ta' Alla, ma jistax jimxi 'l quddiem jekk ma jkunx mitmugħ bl-imħabba ta' l-aħwa.

Iżda bħal kull ħaġa tajba, imqar fejn jidħol it-tisħib tagħna fi grupp, irridu noqogħdu attenti. Qabel ma nagħżlu liema grupp inħaddnu, irridu naraw min huma l-membri tal-grupp u x'valuri jħaddnu. Irridu mbagħad noqogħdu attenti mill-**konformiżmu**; billi ħafna drabi wieħed isibha bi tqila ħafna li jsib ruħu maqtugħ barra mill-grupp ta' sħabu, jista' jiġri li jintelaq mal-kurrent u jagħmel dejjem kif jagħmel il-grupp, ukoll jekk ikun konvint li qed jagħmel ħażin. Flok jaħseb b'rasu u jiddeċiedi bir-rieda tiegħu, jispiċċa biex ijassar lilu nnifsu għall-ħsibijiet u għad-deċiżjonijiet ta' sħabu tal-grupp. Hekk il-ħin liberu li wieħed jgħaddi ma' dan it-tip ta' grupp, flok iġib 'il quddiem il-libertà u l-iżvilupp veru tiegħu, ikun qiegħed jimblokkahom.

## iv Ħin ta' talb u għaqda ma' Alla

Huwa veru li n-nisrani hu msejjaħ biex dak kollu li jagħmel — kemm jekk jiekol u kemm jekk jistudja, kemm jekk jaħdem u kemm jekk jilgħab — jagħmel kollox għall-glorja ta' Alla. Hekk, meta n-nisrani jagħmel kollox biex jogħġob lil Alla jkun qiegħed jagħmel minn ħajtu talba waħda u bla ma taqta' lil Alla. Imma huwa veru wkoll li n-nisrani hu msejjaħ biex ikollu waqtiet matul il-jum fejn jieqaf mill-ħidma tiegħu biex jaħseb direttament f'Alla u jitkellem miegħu bħalma iben jitkellem ma' missieru. Dan jista' jagħmlu għal ftit minuti waqt li jkun qiegħed jaħdem jew jistudja; iżda tajjeb li jagħmlu wkoll għal ħin itwal, ngħidu aħna meta jaqra xi silta mill-Bibbja u jirrifletti fuqha, jgħid xi talb bħar-Ružarju, jissieħeb f'xi grupp ta' talb, eċċ.

Dan il-ħin ta' talb in-nisrani jfittxu fil-ħin liberu tiegħu. Jekk in-nisrani għandu jfittex dawn il-waqtiet ta' talb fil-jiem ta' matul il-ġimgħa, aktar u aktar għandu jfittixhom fil-**jum tal-Ħadd**. Fit-Testment il-Qadim, il-jum li l-Poplu ta' Alla kien iqis bħala jum qaddis, kien il-jum tas-Sibt (*Eż 20, 8-11*). Fih kienu jfakkru, b'sens ta' tifħir u ta' ringrazzjament lil Alla, il-ħwejjeġ kbar li huwa kien għamel magħhom fl-imgħoddi u t-tama tal-ħelsien sħiħ fil-milja taż-żminijiet. Biex jistgħu jagħmlu dan, huma kellhom ordni minn Alla nnifsu biex iħarsu s-Sibt bħala jum ta' mistrieħ mix-xogħol u minn dak kollu li jfixkel l-atmosfera ta' festa quddiem Alla.

Fit-Testment il-Ġdid, Ġesù wriena li l-veru ħelsien tagħna ma kienx dak li seħħ mill-art ta' l-Eġittu, iżda dak li huwa wettaq permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu. Għalhekk, sa mill-bidu l-Knisja għarfet li l-jum li fih wieħed kellu jiddedikah biex ifaħħar u jirringrazzja 'l Alla ma kellux jibqa' s-Sibt, iżda l-Ħadd, il-jum li fih Ġesù qam mill-mewt u sar għalina għajn ta' ħolqien ġdid. Huwa għalhekk fil-jum tal-Ħadd li l-insara jieqfu mix-xogħol biex, qabel kollox, jiltaqgħu flimkien ħalli jissieħbu fl-Ewkaristija bħala l-ogħla att ta' qima u ta' għaqda l-aktar intima li jista' jkollna ma' Alla.

## It-tweġiba tagħna

## 1 MHUX F'ATTIVITÀ WAĦDA BISS

Normalment, ftit ikunu dawk l-attivitajiet li lejhom inħossuna tassew miġbudin u li fihom inħossuna tassew tajbin. Għalhekk, hija ħaġa naturali li, fil-ħin liberu tagħna, niżviluppaw l-aktar dak it-talent li fih inħossuna tajbin u li jagħtina l-akbar sodisfazzjon.

Iżda rridu noqogħdu attenti li fil-ħin liberu tagħna ma ningħalqux biss f'xi attività waħda, iżda kemm hu possibbli naraw li jkollna xi attività minn kull waħda mill-ħames kolonni li fihom ġbarna l-attivitajiet li nistgħu nagħmlu fil-ħin liberu tagħna. Wieħed ma jistax jiżviluppa bħala bniedem sħiħ jekk jingħalaq f'attività sportiva biss u jinqata' minn kull attività kulturali jew ta' rabtiet soċjali; l-istess jiġrilu min jingħalaq biss fil-programmi tat-TV u ma jfittixx attivitajiet fi gruppi ta' ħbiberija jew ta' impenn. Irridu nsibu attivitajiet li, b'mod kemm jista' jkun bilanċjat u armonjuż, jgħinuna niżviluppaw moħħna, qalbna, saħħitna, it-talenti tagħna u r-rabta ma' Alla u ma' l-oħrajn.

Naraw issa kif nistgħu nwieġbu għas-sejħa ta' Alla biex ngħixu l-ħin liberu tagħna bħala nsara fi tliet oqsma li huma mill-aktar komuni fostna l-adolexxenti Maltin: fl-isport, fil-qasam tal-mużika pop u fil-qasam tal-*mass-media*, l-aktar tat-TV.

## 2 L-ISPORT

### diskussjoni fil-klassi



i. Taħseb li l-isport hu pprattikat biżżejjed miż-żgħażagħ Maltin ta' l-età tiegħek?

ii. Fil-fehma tiegħek, l-isport għalfejn qiegħed hemm l-aktar, biex narawh bħal kull spettaklu ieħor jew biex nipprattikawh? Għaliex?

iii. B'liema mod l-isport jgħin l-iżvilupp tagħna?

iv. Kif tagħraf li bniedem ikollu spirtu tassew sportiv?

L-ewwel u qabel kollox l-isport għandna nħarsu lejh bħala xi ħaġa li għandna nipprattikawh aħna u mhux biss li noqogħdu narawh ipprattikat minn *players* professjonali.

Meta l-isport immorru narawh, bħal meta mmorru l-*ground* naraw xi partita, irridu noqogħdu attenti biex dan l-isport spettaklu la jispiċċa okkażjoni ta' fanatiżmu, fejn wieħed jirraġuna biss bil-passjoni, u lanqas okkażjoni ta' evażjoni, fejn wieħed jiżvoga fi kliem ħażin, tgħajjir u ġlied, dawk id-dwejjaq u r-rabja li jkun ġema' matul il-ġimgħa.

L-ispirtu sportiv nistgħu nqisuh ir-ruħ kemm tal-*players* u kemm tas-*supporters*. Biex niżviluppaw fina l-ispirtu sportiv, tajjeb li nirriflettu fuq dawn il-punti:

- Importanti li nħarsu r-regoli kollha tal-logħba. Ma għandu ebda spirtu sportiv min jipprova jirbaħ bil-qerq.
- Waqt il-logħba rridu nagħmlu ħilitna biex nirbħu, għax l-element kompetittiv huwa parti integrali minn kull attività sportiva. Iżda rridu niftakru li l-iskop li għalih nieħdu sehem fl-isport huwa li nieħdu gost nilagħbu, mhux li nirbħu bilfors, jew li naqilgħu l-flus, jew li nkunu popolari.
- Irridu għalhekk nagħrfu naċċettaw telfa, imqar jekk jidhrilna li ma kienx ħaqqna jew jekk id-deċiżjoni tar-*referee* narawha inġusta.
- Irridu wkoll nagħrfu ngawdu rebħa, mhux biss mingħajr ma numiljaw jew noffendu lil min tilef iżda wkoll billi napprezzaw l-isforzi u l-kapaċitajiet li jkun wera matul il-logħba.



Il-maratona ta' Malta li kienet telqet minn fuq is-Saqqajja.



Laqgħa internazzjonali ta' Sports għall-persuni bi bżonnijiet speċjali li saret f'Malta.

## 3 IL-MASS-MEDIA



### diskussjoni fil-klassi

**X'naħsbu dwar il-*mass-media***

i. Programm ta' l-aħbarijiet xi jrid ikollu biex jitqies programm li jagħmel il-ġid?

ii. Għandek temmen dak kollu li tara jew tisma' fir-riklami? Għaliex?

iii. Taħseb li hemm bilanċ bejn programmi ta' divertiment, ta' kultura u ta' aħbarijiet?

iv. Liema ġid jistgħu jagħmlu t-TV, ir-radju u l-gazzetti?

v. Liema ħsara jistgħu jagħmlu u kif nistgħu nilqgħulha?

**a** Il-Knisja tqis il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali bħala "rigal minn Alla". Huma għandhom sehem importanti biex jitwettaq fid-dinja l-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bniedem u tad-dinja.

i. Jistgħu jservu biex il-popli u r-razez isiru jafu aktar lil xulxin u għalhekk iwaqqgħu l-ħitan tal-firda, tas-suspetti u tal-preġudizzji li jkunu nbnew tul is-snin.

ii. Jistgħu jservu biex ixerrdu t-tagħlim f'kull livell, kemm fil-pajjiżi żviluppati u kemm f'dawk il-postijiet fejn għad hemm diffikultajiet kbar biex jinbnew l-iskejjel u jinstabu għalliema kompetenti.

iii. Jistgħu wkoll jgħinu biex kulħadd, l-aktar il-morda, l-anzjani u dawk li jgħixu waħedhom, isibu kumpannija u jkollhom tagħlim u divertiment f'darhom stess.

**b** Il-qawwa kbira li għandhom il-mezzi ta' komunikazzjoni biex jagħmlu l-ġid tista' tintuża biex, minflok, jagħmlu d-deni. Il-mod sabiħ u interessanti li bih ikunu ppreżentati ċerti programmi (e.g. kuluri, *acting, plot,* mużika, xenarju, eċċ.), iwassal biex wieħed "jixrob", bla ma jinduna, il-valuri ħżiena li jista' jkun hemm moħbija f'dawk il-programmi. Aktar u aktar dan jista' jiġri meta minħabba l-għeja tal-ġurnata wieħed jispiċċa bħal biċċa sponża li tassorbi b'mod passiv dak li jolqot is-sensi.

**ċ** Jeħtieġ li noqogħdu attenti wkoll li l-programmi tal-*mass-media* ma jwassluniex biex naħarbu f'dinja ta' ħolm u ta' fantasija u nittras

kuraw ir-realtà li jeħtiġilna niffaċċjaw b'għaqal u kuraġġ.

d Importanti li niżviluppaw fina: **sens artistiku** li jagħraf japprezza dak kollu li hu tassew tajjeb u sabiħ; **sens ta' responsabbiltà morali** li jwassalna biex inkunu fidili lejn dak li hu veru u lejn dak li hu ġust; **sens kritiku** li jwassalna biex nagħżlu aħna dak li nisimgħu u naraw u biex naċċettaw biss dak li nkunu ħsibna fuqu bil-għaqal. Dan jgħodd l-aktar fejn jidħlu r-reklami li min jagħmilhom irid iħajjarna nixtru u fejn jidħlu l-aħbarijiet li, dawk li jipproduċuhom mhux dejjem ikollhom l-interess li jgħidu l-fatti kollha kif ġraw u jinterpretawhom biss min-nuċċali tagħhom jew tal-grupp tagħhom.

# 4 IL-MUŻIKA

## diskussjoni fil-klassi



**Int u l-mużika**

i. Taħseb li l-mużika hija importanti għall-ħajja tal-bniedem? Għaliex?

ii. X'jiddistingwi stil ta' mużika minn ieħor? Liema stil jogħġbok l-aktar? Għaliex?

iii Xi tfittex l-aktar f'*song*, il-kliem jew il-mużika? Għaliex?

iv. Taħseb li hija ħaġa li tiżviluppak jekk tisma' biss mużika ta' stil wieħed jew ta' kantant wieħed? Għaliex?

v. Tippreferi tisma' l-mużika waħdek jew ma' ħaddieħor? X'inhi l-fehma tiegħek dwar id-*discos?* Huma ta' ġid jew ta' deni?

Is-*songs* u l-mużika kienu u għadhom mezz ewlieni biex iż-żgħażagħ jesprimu s-sentimenti sbieħ jew koroħ, ta' entużjażmu jew ta' protesta, ta' ħolm u ta' xewqat li jduru f'moħħhom u f'qalbhom. Għalhekk, dawn is-*songs* li b'mod jew ieħor jesprimu t-taqlib u l-weġgħat tal-ħajja, huma okkażjoni biex in-nisrani jsir aktar sensibbli u jimpenja aktar ruħu għal dawn il-ħtiġijiet. Permezz tal-Mużika Kontemporanea Kristjana, li llum hija wieħed mill-iżjed tipi ta' mużika popolari ma' ħafna żgħażagħ fid-dinja kollha, in-nisrani jista' wkoll iwassal kelma ta' faraġ, ta' kuraġġ u ta' ġid lil min

hu bil-għatx għal Kristu u għall-messaġġ ta' ferħ li jrid jaqsam magħna.

Jeżistu ħafna stili ta' mużika li jvarjaw minn żmien għal żmien u minn kultura għal oħra. Barra mill-istil tal-mużika, kull kantant jista' jkollu wkoll l-istil personali tiegħu. Dan jista' jwassal lil xi wħud biex jaċċettaw kulma jkanta l-kantant favorit tagħhom, mingħajr ma jagħtu kas tal-mużika jew tal-kliem li juża. Irridu noqogħdu attenti għax, xi drabi, il-messaġġ li jitwassal bil-kliem u b'ċertu stil ta' mużika jista' jkollu effett ħażin. Snin ilu fl-Amerika, diska li kienet tfaħħar is-sbuħija li wieħed imut żgħir kellha tinżamm milli tixxandar, għax ħafna żgħażagħ, influwenzati mill-messaġġ tagħha, bdew jikkommettu suwiċidju.

Għalkemm hija ħaġa naturali li wieħed iħobb stil ta' mużika aktar minn stili oħra, jew jinġibed lejn kantant wieħed jew kantanta waħda ħafna aktar milli lejn oħrajn, huwa importanti li ma ningħalqux fi stil jew kantant wieħed. Kull stil jista' jkun merżuq wieħed ta' dawl li jgħinna niskopru aħjar is-sentimenti kumplessi tal-bniedem jew nesprimuhom b'mod aktar ġenwin.

## nibqgħu niftakru

1. **Biex nifhmu sewwa x'inhu l-ħin liberu rridu narawh f'kuntrast mal-ħin tax-xogħol jew ta' l-iskola; irridu nqabbluh mal-ħin li fih irridu nagħmlu xi attività "bilfors". Il-ħin liberu huwa dak il-ħin li nistgħu nużawh skond kif nagħżlu u niddeċiedu aħna.**

2. **Ladarba l-karatteristika ewlenija tal-ħin liberu hija li fih inkunu liberi li nużaw il-ħin skond kif niddeċiedu aħna, ir-responsabbiltà ta' x'nagħmlu jew ma nagħmlux f'dan il-ħin hija bil-wisq akbar.**

3. **Nifhmu li fil-ħsieb tal-Bibbja, ma kellux ikun hemm differenza bejn ix-xogħol u l-ħin liberu, bejn xogħol u delizzju. Il-bniedem kien maħluq xbieha ta' Alla u l-missjoni tiegħu kellha tixbah lill-ħidma ta' Alla Ħallieq li ma jagħmel xejn fuq qalbu, imma jagħmel kollox b'delizzju, għax iħobb.**

4. **Il-ħażen tad-dnub mhux biss għarraq ix-xogħol billi daħħal fih l-element ta' xi ħaġa "bilfors", imma ħarbat ukoll il-ħin liberu; minflok ħin ta' żvilupp u ta' ħelsien beda jsir ukoll ħin ta' bluha, ta' aljenazzjoni, ta' sfruttament u ta' jasar ġdid.**

5. Huwa permezz ta' Ġesù Kristu li daħlet mill-ġdid l-għaqda tagħna ma' Alla. Permezz ta' din l-għaqda reġgħet bdiet isseħħ ir-rabta bejn ix-xogħol u l-ħin liberu, b'mod li l-ħin kollu jista' jkun delizzju. Aktar ma x-xogħol jersaq lejn il-ħin liberu, aktar ma x-xogħol isir delizzju, aktar ikun qiegħed jinħass fid-dinja l-effett tal-fidwa li kisbilna Ġesù.

6. Il-ħin liberu jista' jiswielna għall-iżvilupp sħiħ tagħna meta nagħrfu nużawh: i) bħala ħin ta' mistrieħ u ta' "ri-kreazzjoni"; ii) bħala ħin li fih niżviluppaw il-kapaċitajiet u t-talenti tagħna; iii) bħala ħin li fih niltaqgħu u nikkollaboraw ma' nies jew gruppi oħra u nieħdu sehem f'attivitajiet ta' volontarjat; iv) bħala ħin li fih insibu waqtiet ta' talb waħedna jew ma' ħaddieħor.

7. Irridu noqogħdu attenti biex fil-ħin liberu tagħna ma ningħalqux biss f'attività waħda, iżda kemm jista' jkun, nipprattikaw diversi attivitajiet li jgħinuna niżviluppaw fl-aspetti kollha tal-personalità.

8. Aktar mill-isport spettaklu, għandna nagħtu importanza lill-isport prattikat. Irid ikollna spirtu sportiv.

9. Il-Knisja tqis il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali bħala "rigal minn Alla". Huma jistgħu jagħmlu ħafna ġid billi (a) jġibu aktar għarfien veru ta' xulxin bejn ir-razez u l-popli, u għalhekk, aktar ftehim u għaqda ; (b) ixerrdu t-tagħlim f'kull livell; (ċ) jgħinu biex kulħadd, l-aktar il-morda u l-anzjani, ikollhom opportunità li jsibu kumpannija ta' tagħlim u divertiment f'darhom stess.

10. Il-qawwa kbira li għandhom il-mezzi ta' komunikazzjoni biex jagħmlu l-ġid tista' tintuża biex, minflok, jagħmlu d-deni. Importanti, għalhekk, li niżviluppaw fina s-sens artistiku li jagħraf japprezza dak kollu li hu tassew tajjeb u sabiħ, is-sens ta' responsabbiltà morali li jwassalna biex inkunu fidili lejn dak li hu veru u ġust u s-sens kritiku li jwassalna biex nagħżlu aħna dak li nisimgħu u naraw u biex naċċettaw biss dak li nkunu ħsibna fuqu bil-għaqal.

11. Is-*songs* kienu u għadhom mezz ewlieni biex iż-żgħażagħ jesprimu s-sentimenti sbieħ jew koroħ, ta' entużjażmu jew ta' protesta li jduru f'moħħhom u f'qalbhom. Għan-nisrani, is-*songs* jistgħu jkunu wkoll okkażjoni biex isir aktar sensibbli għall-ħtiġijiet ta' l-aħwa jew biex iwassal kelma ta' faraġ, ta' kuraġġ u ta' ġid lil min hu bil-għatx għal Kristu u għall-messaġġ ta' ferħ li jrid jaqsam magħna.

12. Huwa importanti li ma ningħalqux fi stil jew kantant wieħed. Kull stil jista' jkun merżuq wieħed ta' dawl li jgħinna niskopru aħjar is-sentimenti kumplessi tal-bniedem jew nesprimuhom b'mod aktar ġenwin.

# Fuq l-Ispirtu ta' Ġesù:

- Ħobb b'kull mezz lill-Mulej Alla tiegħek;
  u żgur issibu dejjem miegħek.

- Tkunx supperv, itlob parir
  biex fil-ħajja tmur ħarir.

- Jiġri x'jiġri dejjem tbissem;
  kliem ta' korla m'għandekx tlissen.

- Meta fuqek jiġu d-dwejjaq,
  jekk int tħobb, kollox jitfejjaq.

- Tħammiġx moħħok, ħu ħsieb qalbek,
  sabiex safja tkun imħabbtek.

- F'ħajtek aħseb f'min hu fqir
  u bil-ferħ qalbek ittir.

- Tintelaqx bla ħsieb mal-massa
  għax tispiċċa fgat fir-rassa.

- Ħabib tajjeb għożżu miegħek,
  mill-ħbieb ħżiena dejjem tbiegħed.

- Jekk trid tgħix fil-libertà,
  ħu 'l Ġesù bis-serjetà.

(adattament mill-ktieb *It-Triq għaż-żgħażagħ*)

# Il-Kredu li l-Missier jgħid fuqek

Jiena hu Alla tiegħek,
il-Missier li jista' kollox,
li ħlaqt is-sema u l-art,
dak kollu li jidher
u dak li ma jidhirx.

Jiena għandi fiduċja fik
żagħżugħ, żagħżugħa,
u nemmen li tista' tkun suċċess.

Fdajtlek f'idejk il-ħolqien kollu.
Tajtek id-deħen biex tagħrfu
u l-libertà biex tiżviluppah
għall-ġid tiegħek u ta' ħutek.

Tajtek lil Ibni l-waħdieni
imnissel qabel kull żmien
biex jibda jgħix fiż-żmien
u int tista' tarah u tisimgħu.

Fdajtu f'idejk
bħalma fdajtu fi ħdan Marija.
Fdajtu f'idejk,
bħalma fdajtu f'idejn Pilatu.
Marija wellditu...
Pilatu warrbu u qatlu

U int?
Int ukoll tista' twelldu
u tista' tifgah.
L-għażla f'idejk.
Kun af biss
li l-imħabba tegħleb il-mewt.

Fid-dawl tiegħu
issib il-verità ta' ħajtek
Fil-qalb tiegħu
issib l-imħabba
u l-qawwa li teħtieġ.

Nemmen fik,
żagħżugħ, żagħżugħa.
Fik jien qegħedt
l-Ispirtu ta' Ibni.
Fik jien qegħidt
ħafna mħabba u tjieba.
Nemmen li din it-tjieba
tista' tħalliha tikber
u tagħti ħafna frott.

Nemmen li
inti ukoll
tista' tgħix
ma' ħutek il-bnedmin
fil-għaqda u s-sliem.
Int ukoll
tista' tibni l-Knisja tiegħi.
Int ukoll
tista' tibni dinja ġdida.
Int ukoll
tista' tegħleb dak kollu
li jifred u jassar il-bnedmin
u tibni miegħi
komunità ta' aħwa.

Iva żagħżugħa, żagħżugħa
Jiena Alla tiegħek, nemmen fik.

(adattament mill-ktieb *It-Triq għaż-żgħażagħ*)

# It-Talba
# li inti tgħid lill-Missier

Mulej, jekk illum tistaqsini x'irridek tagħmilli,
inwieġbek bla tlaqliq li:

- nintebaħ bl-illużjoni tiegħi,
  bl-importanza tiegħek,
  bi mħabbtek għalija.

- rridek tgħinni nikber tassew,
  mhux biss fit-tul u fl-età
  iżda fil-moħħ u fil-qalb.

- tħolli l-faxex li jrażżnu l-ħelsien tiegħi,
  li jorbtuni ma' dak li jgħaddi,
  li jaqfluni fis-suppervja u fl-egoiżmu.

- nitgħallem minnek għax għandek il-kliem tal-ħajja,
  għax qalbek ħelwa u umli,
  għax inti t-triq, il-verità u l-ħajja.

- jkolli l-ġuħ u l-għatx għall-ġustizzja,
  għas-solidarjetà ma' min hu mwarrab,
  għall-imħabba ma' min hu batut.

- tibgħat lili wkoll biex naħdem fil-għalqa tiegħek,
  nixhed li int imqajjem u ħaj,
  inxandrek bi kliemi u għemili.

(adattamenti mill-ktieb *"Xi tridni nagħmillek?"* ta' Dun Pawl Camilleri)





KUMMISSJONI KATEKETIKA NAZZJONALI